# Rapport Annwali 2017

*Catalogue no.*: QP-AA-18-001-MT-N
*ISBN*: 978-92-9490-243-6
*ISSN*: 2443-6585
*DOI*: 10.2812/3386

# Werrej

Daħla ... 6
Sommarju eżekuttiv ... 8
Daqqa t'għajn lejn l-Eurojust ... 12
Kapitolu 1 Il-ħidma tal-Eurojust ... 15
1.1 Laqgħat tal-Eurojust fil-livell I u II ... 15
1.2 Laqgħat ta' koordinazzjoni ... 17
1.3 Ċentri ta' koordinazzjoni ... 19
1.4 L-Eurojust u l-iskwadri ta' investigazzjoni konġunta ... 21
Kapitolu 2 Ix-xogħol fuq każijiet tal-Eurojust ... 26
Introduzzjoni ... 26
2.1 It-terroriżmu ... 29
2.2 Iċ-ċiberkriminalità ... 34
2.3 It-traffikar tal-migranti ... 37
2.4 It-traffikar tal-bnedmin (THB) ... 40
Kapitolu 3 L-isfidi u l-aqwa prattika ... 45
Introduzzjoni ... 45
3.1 Kriptaġġ ... 45
3.2 Iż-żamma ta' data ... 46
3.3 Mandat ta' Arrest Ewropew (EAW) ... 46
3.4 Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea (EIO) ... 49
3.5 Rakkomandazzjonijiet konġunti ... 52
IL-FOKUS TAS-SENA ... 54
L-evalwazzjoni tal-JITs ... 54
Kapitolu 4 Il-kooperazzjoni tal-Eurojust ma' Stati terzi ... 58
Il-Prosekutur ta' Kollegament għan-Norveġja taħt il-lenti ... 63
Kapitolu 5 L-Eurojust u n-netwerks tal-prattikanti ... 64
5.1 In-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew (EIO) ... 64
5.2 Netwerk tal-JITs ... 65
5.3 Netwerk għall-Ġenoċidji ... 65
5.4 Netwerk Ġudizzjarju Ewropew kontra ċ-Ċiberkriminalità (EJCN) ... 66
5.5 Forum Konsultattiv ... 67
Kapitolu 6 Persunal u baġit ... 69

Kapitolu 7 Żviluppi organizzattivi u sfidi ewlenin ........................................................................ 70

## Tabelli

Xogħol fuq każijiet 2002 - 2017
Każijiet bilaterali/multilaterali 2013 - 2017
Każijiet bilaterali/multilaterali
L-Istati Membri rikjedenti/rikjesti
Laqgħat ta' koordinazzjoni
L-Istati Terzi, l-imsieħba tal-kooperazzjoni u l-organizzazzjonijiet internazzjonali involuti fil-laqgħat ta' koordinazzjoni
Ċentri ta' koordinazzjoni
JITs appoġġjati mill-Eurojust, inklużi t-tipi ta' reati ewlenin
Parteċipazzjoni tal-pajjiżi fil-JITs
Każijiet skont l-Artikolu 13
Ix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet f'oqsma ta' kriminalità-
Każijiet mill-Prosekuturi ta' Kollegament 2013 - 2017
L-ewwel għaxar Stati terzi involuti fix-xogħol fuq każijiet tal-Eurojust
L-Istati Terzi, l-imsieħba tal-kooperazzjoni u l-organizzazzjonijiet internazzjonali involuti fix-xogħol fuq każijiet tal-Eurojust
Każijiet ta' EAW

## Akronimi u abbrevjazzjonijiet

QtĠ-UE Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
CJM Moniter Ġudizzjarju taċ-Ċiberkriminalità
CMS Sistema ta' Ġestjoni ta' Każijiet
EAWEAWMandat ta' Arrest Ewropew
EC3 Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità
ECTC Ċentru Ewropew għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu
EIO Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea
EJCN Netwerk Ġudizzjarju Ewropew kontra ċ-Ċiberkriminalità
EJN Netwerk Ġudizzjarju Ewropew
EJTN Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju
EMPACT Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali
ENCS Sistema Nazzjonali ta' Koordinazzjoni tal-Eurojust
EPPO Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew
FTF Ġellieda terroristi barranin
JITs Skwadra ta' Investigazzjoni Konġunta
LoR Ittra ta' Talba
MLA Assistenza legali reċiproka
OCC Sistema Permanenti ta' Koordinazzjoni
OCG Grupp ta' kriminalità organizzata
PIF Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea
TCM Moniter tal-Kundanni kontra t-Terroriżmu
THB Traffikar ta' bnedmin

*Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Eurojust*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Eurojust tat-28 ta' Frar 2002 li tistabbilixxi l-Eurojust bil-għan li tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-kriminalità serja, kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/426/ĠAI tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar it-tisħiħ tal-Eurojust, f'dan ir-rapport ser tissejjaħ id-"Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Eurojust". Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ħejja verżjoni kkonsolidata tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Eurojust għal skopijiet ta' informazzjoni biss.

L-istatistika dwar il-każijiet tal-Eurojust inkluża f'dan ir-rapport ġiet prodotta abbażi tad-data li tinsab fis-Sistema ta' Ġestjoni ta' Każijiet tal-Eurojust. In-numri ġew estratti fit-3 u fil-31 ta' Jannar 2018 u jirriflettu d-data disponibbli f'dak il-mument. Minħabba li l-każijiet huma kontinwi, jistgħu jeżistu diskrepanzi possibbli man-numri li ġew irrapportati qabel.

Il-pubblikazzjonijiet u l-infografika tal-Eurojust huma disponibbli fuq is-sit web tagħna.

## Daħla

F'dinja kumplessa b'theddid dejjem akbar għas-sigurtà u pajsaġġi politiċi u leġiżlattivi li qed jevolvu, il-ħtieġa għall-unità qatt ma kienet daqstant urġenti. L-Eurojust kompliet tiffoka aktar ix-xogħol tagħha biex tikkontribwixxi għal dik l-unità billi bniet u kkonsolidat sħubiji b'saħħithom mal-Istati Membri kollha u mal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE sabiex tiżgura s-sigurtà u l-ġustizzja għaċ-ċittadini Ewropej.

Is-sena 2017 kienet waħda ta' kisbiet u bidliet sinifikanti fl-Eurojust.

Ilqajna l-elezzjoni ta' membri ġodda tal-Presidenza tal-Kulleġġ u l-ħatra ta' Direttur Amministrattiv ġdid. L-implimentazzjoni ta' struttura organizzattiva ġdida għall-Amministrazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-istrutturi sekondarji tal-Kulleġġ u tal-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet ikkompletaw riforma istituzzjonali mfassla biex l-Eurojust issir organizzazzjoni aktar solida, effiċjenti u sostenibbli. Organizzazzjoni mgħammra aħjar biex taqdi l-missjoni tagħha li sservi bħala ċ-ċentru Ewropew għall-eluf ta' prosekuturi nazzjonali u uffiċjali tal-infurzar tal-liġi li – ta' kuljum, madwar l-Ewropa kollha – jaħdmu qatigħ sabiex jiġġieldu kull forma ta' kriminalità, speċjalment fl-oqsma kriminali ta' prijorità għalina: it-terroriżmu, iċ-ċiberkriminalità, it-traffikar tal-migranti u t-traffikar tal-bnedmin.

Il-bini l-ġdid tal-Eurojust ospita għall-ewwel darba 4 400 awtorità ġudizzjarja u tal-pulizija li fittxew l-appoġġ tagħna sabiex jegħlbu l-problemi legali u prattiċi li jaffettwaw l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tagħhom, u sabiex jinnegozjaw u jaqblu mal-kontropartijiet barranin tagħhom fuq kif iżarmaw flimkien in-netwerks kriminali. L-Eurojust ħadmet ma' dawn l-eluf ta' prosekuturi nazzjonali u uffiċjali tal-infurzar tal-liġi f'aktar minn 2 600 investigazzjoni u prosekuzzjoni kriminali, ħafna minnhom ikkumplikati ħafna, l-akbar numru ta' każijiet li qatt ġie rreġistrat fl-Eurojust. Aktar minn 8 000 prattikant ġew iżuruna għal tweġibiet, l-aqwa prattika u ispirazzjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja. Kollha rrikorrew għand l-Eurojust sabiex jiżguraw ġustizzja u sigurtà għaċ-ċittadini tagħna.

Għalkemm ħafna affarijiet inbidlu fl-2017, il-valuri bażiċi tal-Eurojust baqgħu l-istess. Il-kisbiet tal-passat, tal-preżent u tal-futur tal-Eurojust huma bbażati sew fuq il-kunċetti ta' fiduċja, kooperazzjoni u sħubija.

Tabilħaqq, is-sħubija mal-awtoritajiet u l-prattikanti nazzjonali hija l-pilastru tax-xogħol tagħna. L-Eurojust tejbet ir-relazzjoni tagħha mal-EJCN, u, bi kburija, kompliet tospita u tappoġġja l-ħidma tas-Segretarjati tal-EJN, l-akbar netwerk ta' punti ta' kuntatt ġudizzjarji fid-dinja, tan-Netwerk tal-JITs, struttura unika li tipprovdi appoġġ legali, finanzjarju u loġistiku fl-investigazzjonijiet transfruntiera tal-JITs, u tan-Netwerk tal-Ġenoċidju, forum uniku li jgħaqqad lill-awtoritajiet nazzjonali, lill-prattikanti, lill-NGOs u lil dawk li jfasslu l-politiki involuti fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati internazzjonali ewlenin. Barra minn hekk, l-Eurojust żammet is-sħubija twila tagħha mal-Forum Konsultattiv.

Peress li l-kriminalità m'għandhiex fruntieri, il-kooperazzjoni ma' Stati terzi baqgħet komponent essenzjali tal-ħidma tal-Eurojust. Minn meta ġiet stabbilita, l-Eurojust bniet netwerk ta' punti ta' kuntatt ġudizzjarji fi Stati terzi, li issa jinkludi 42 pajjiż u huwa mistenni li jkompli jespandi fix-xhur li ġejjin. Barra minn hekk, l-Eurojust għandha l-unur li tospita fil-bini tagħha l-Prosekuturi

ta' Kollegament għall-Montenegro, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Istati Uniti. Dawn huma parti essenzjali mill-familja estiża tal-Eurojust u għodda effettiva li tgħin lill-awtoritajiet nazzjonali jtejbu l-kooperazzjoni ġudizzjarja mal-kontropartijiet tagħhom barra l-fruntieri tal-UE.

Iżda, fl-aħħar mill-aħħar, il-ħidma u l-kisbiet tagħna huma possibbli biss minħabba l-fiduċja kontinwa tal-Istati Membri, tal-istituzzjonijiet tal-UE u taċ-ċittadini tal-UE. Aħna ngħożżu din il-fiduċja u impenjati bis-sħiħ biex nuru li hija ġġustifikata u mistħoqqa, jum wara jum.

Ladislav HAMRAN

*President*

## Sommarju eżekuttiv

- In-**numru ta' każijiet** li għalihom l-Istati Membri talbu l-assistenza tal-Eurojust żdied b'10.6 fil-mija, minn 2 306 każ fl-2016 għal 2 550. **L-Istati terzi** kienu involuti f'258 każ.
- L-Eurojust organizzat 302 **laqgħat ta' koordinazzjoni**, żieda ta' 25 fil-mija mill-2016. **L-Istati terzi** kienu involuti f'61 laqgħa ta' koordinazzjoni u l-**Europol** f'108 laqgħat ta' koordinazzjoni.
- L-Eurojust organizzat 17-il **ċentru ta' koordinazzjoni** bil-parteċipazzjoni ta' **Stati terzi** f'5 ċentri ta' koordinazzjoni u l-Europol f'7 ċentri ta' koordinazzjoni.
- L-Eurojust appoġġjat 200 **JIT**, żieda ta' 35 fil-mija meta mqabbel mal-2016, li 87 minnhom kienu ġodda, b'żieda fl-involviment ta' **Stati terzi** f'21 JIT, li 11 minnhom kienu ġodda. L-**JITs** żdiedu fil-każijiet ta' terroriżmu, kif ukoll ta' frodi u ta' traffikar tal-bnedmin (THB).
- L-Eurojust ipprovdiet **appoġġ finanzjarju** lil 128 **JIT**, żieda ta' 42 fil-mija fuq l-2016; disa' Stati terzi pparteċipaw f'JITs li rċevew finanzjament.
- L-Eurojust assistiet fl-**eżekuzzjoni tal-EAW** fi 320 okkażjoni u ħarġet 9 **rakkomandazzjonijiet konġunti**.
- L-Eurojust indirizzat diffikultajiet legali u prattiċi fl-oqsma tal-kriptaġġ, taż-żamma ta' data u tal-EAW. Fl-2017, l-Eurojust kellha l-ewwel esperjenza tagħha fl-għoti ta' pariri lil awtoritajiet nazzjonali dwar l-EIO.
- Il-Fokus tas-Sena huwa fuq l-esperjenza tal-Eurojust fil-JITs; is-sejbiet tagħha jinsabu fit-*Tieni Rapport ta' Evalwazzjoni tal-JITs*tal-Eurojust u tan-Netwerk tal-JITs.
- L-Eurojust **ippubblikat** ukoll:
  - *Moniters tal-Kundanni kontra t-Terroriżmu*
  - *Il-ħames rapport dwar il-Ġellieda Terroristi Barranin*
  - *Manwal dwar is-CBRN-E*
  - *Moniter Ġudizzjarju taċ-Ċiberkriminalità*
  - *Dokument konġunt bejn l-Eurojust u l-Europol dwar sfidi komuni fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità*
  - *Rapport ta' Evalwazzjoni Finali tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Eurojust kontra t-Traffikar tal-bnedmin 2012-2016*
  - *Rapport dwar iż-Żamma tad-Data*
  - *Rapport dwar l-EAW u l-kundizzjonijiet fil-ħabs*
  - *Rapport dwar ix-xogħol fuq każijiet ta' EAW tal-Eurojust (2014-2016)*
  - *Każistika tal-QtĠ-UE dwar l-EAW*
  - *Nota ta' informazzjoni dwar is-Sentenza Petruhhin*
  - *Rapport dwar ix-xogħol fuq il-każijiet ta' prevenzjoni u riżoluzzjoni ta' kunflitti ta' ġurisdizzjoni*
  - *Il-prinċipju ta'* ne bis in idem *fil-każistika tal-QtĠ-UE*
  - *Nota tal-Eurojust-EJN dwar "dispożizzjonijiet korrispondenti" u s-sistema legali applikabbli għad-dewmien fit-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar l-EIO*
- L-Eurojust tospita erba' **Prosekuturi ta' Kollegament**, li ġejjin min-Norveġja, l-Istati Uniti, l-Iżvizzera u l-Montenegro. In-**numru ta' każijiet** irreġistrati mill-Prosekuturi ta' Kollegament fl-Eurojust kien 148. Din il-ħarġa tinkludi intervista mal-Prosekutur ta' Kollegament Norveġiż.
- Daħlu fis-seħħ **Ftehimiet ta' kooperazzjoni** mal-Montenegro u l-Ukrajna. L-Eurojust iffirmat Memorandum ta' Qbil mal-eu-LISA u Ittra ta' Fehim mal-SEAE. Hemm total ta' 42 **punt ta' kuntatt ġudizzjarju fi Stati terzi** li jagħmlu parti min-**netwerk** tal-Eurojust.
- L-Eurojust ħadmet mill-qrib mat-tliet netwerks ospitati fl-Eurojust, l-EJN, in-Netwerk tal-JITs u n-Netwerk tal-Ġenoċidju. L-Eurojust organizzat żewġ laqgħat tal-EJCN u laqgħa tal-Forum Konsultattiv.
- Fl-24 ta' Marzu, l-Eurojust ħadet pussess tal-bini l-ġdid tagħha, u fit-3 ta' Lulju daħlet fih.
- **Il-baġit tal-Eurojust** kien ta' EUR 48 689 237. 99.97 fil-mija tal-baġit ġie implimentat.
- Jingħata għarfien dwar l-iżviluppi organizzattivi u l-isfidi ewlenin tal-Eurojust. Il-Kulleġġ adotta wkoll l-Istrateġija Pluriennali għall-2019-2021.

*Casework 2002 – 2017*




*Bilateral/multilateral cases 2013 – 2017*



*Bilateral/multilateral cases*




| | Bilateral | Multilateral |
|---|---|---|
| Coll | | 3 |
| BE | 28 | 16 |
| BG | 102 | 5 |
| CZ | 93 | 20 |
| DK | 68 | 6 |
| DE | 185 | 49 |
| EE | 35 | 7 |
| IE | 39 | 3 |
| EL | 110 | 1 |
| ES | 102 | 18 |
| FR | 85 | 45 |
| HR | 10 | 2 |
| IT | 181 | 46 |
| CY | 13 | 1 |
| LV | 43 | 10 |
| LT | 53 | 10 |
| LU | 18 | 1 |
| HU | 88 | 27 |
| MT | 8 | - |
| NL | 100 | 14 |
| AT | 200 | 13 |
| PL | 95 | 12 |
| PT | 84 | 5 |
| RO | 93 | 27 |
| SI | 77 | 11 |
| SK | 55 | 2 |
| FI | 31 | 5 |
| SE | 101 | 12 |
| UK | 66 | 16 |

*Requesting/requested Member States*




| | Requesting | Requested |
|---|---|---|
| BE | 44 | 167 |
| BG | 107 | 110 |
| CZ | 113 | 92 |
| DK | 74 | 87 |
| DE | 234 | 376 |
| EE | 42 | 39 |
| IE | 42 | 55 |
| EL | 111 | 102 |
| ES | 120 | 248 |
| FR | 130 | 270 |
| HR | 12 | 64 |
| IT | 227 | 233 |
| CY | 14 | 75 |
| LV | 53 | 65 |
| LT | 63 | 73 |
| LU | 19 | 64 |
| HU | 115 | 119 |
| MT | 8 | 45 |
| NL | 114 | 209 |
| AT | 213 | 142 |
| PL | 107 | 208 |
| PT | 89 | 74 |
| RO | 120 | 195 |
| SI | 88 | 65 |
| SK | 57 | 96 |
| FI | 36 | 36 |
| SE | 113 | 77 |
| UK | 82 | 290 |

## Daqqa t'għajn lejn l-Eurojust

**Xiex?** L-Eurojust hija l-Unità ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea, li twaqqfet fl-2002 sabiex tistimola u ttejjeb il-koordinazzjoni tal-investigazzjonijiet u tal-prosekuzzjonijiet u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri fir-rigward ta' kriminalità transfruntiera serja, b'mod partikolari meta din tkun organizzata. Fuq talba ta' Stat Membru, l-Eurojust tista' tassisti wkoll fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet li jikkonċernaw Stat Membru partikolari u Stat Terz jekk ikun ġie konkluż ftehim ta' kooperazzjoni bejn l-Eurojust u l-Istat Terz jew jekk ikun hemm interess essenzjali fl-għoti ta' tali assistenza. Fuq talba ta' Stat Membru jew tal-Kummissjoni, l-Eurojust tista' tassisti wkoll fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet li jikkonċernaw biss lil dak l-Istat Membru u lill-Komunità.

**Min?** Il-Kulleġġ tal-Eurojust huwa magħmul minn 28 Membru Nazzjonali, li huma prosekuturi u mħallfin issekondati minn kull Stat Membru. Il-Membri Nazzjonali huma bbażati fl-Eurojust f' The Hague. Ħafna mill-Membri Nazzjonali huma megħjuna minn Deputat u/jew Assistent(i). Barra minn hekk, bħalissa hemm stazzjonati fl-Eurojust, Prosekuturi ta' Kollegament min-Norveġja, l-Iżvizzera, l-Istati Uniti u l-Montenegro. L-Amministrazzjoni tal-Eurojust tappoġġja lill-Kulleġġ fil-ħidma operattiva tiegħu u meta jiffunzjona bħala Bord ta' Tmexxija tal-Eurojust.

**Kif?** Ir-rwoli u s-setgħat ewlenin tal-Eurojust jinkludu r-rispons għat-talbiet għal assistenza mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri. Min-naħa tagħha, l-Eurojust tista' titlob lill-Istati Membri jwettqu l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' atti speċifiċi. Il-Membri Nazzjonali jwettqu l-mandat tal-Eurojust li tikkoordina l-ħidma tal-awtoritajiet nazzjonali f'kull stadju tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni kriminali. L-Eurojust timmaniġġja l-laqgħat tagħha dwar ix-xogħol fuq każijiet fuq tliet livelli.


33
Operational meetings
7 Management Board meetings
2 550 Cases
College of Eurojust
EAW
JITs
Thematic discussions
Multi-Annual Strategy 2019-2021
13
Operational topics
Elections of President & Vice-President
Appointment of Administrative Director


Eurojust case cycle
1 National authority/EU body sends request/initial information to Eurojust National Member
2 Case opened: National Member registers case and presents it before the College of Eurojust, i.e. all National Members (level I meetings)
3 National Members concerned discuss the case and next coordination steps (level II meetings)
4 Typical issues for coordination: execution of MLA requests, conflicts of jurisdiction, coordination of parallel investigations/prosecutions, transfer of proceedings *
5 Coordination meetings with national authorities (judicial and law enforcement) (level III meetings)
6 Coordination centres: real-time sharing of information and joint execution of arrests, searches and seizures and other measures in different countries
7 Joint investigation teams: one team working for and on behalf of all concerned national authorities *
8 Case closed at Eurojust
* May also occur at different stages of the cycle

# EUROJUST AT WORK IN 2017

Eurojust's core business is to assist EU Member States' competent authorities in dealing with serious cross-border organised crime



# Kapitolu 1 Il-ħidma tal-Eurojust

## 1.1 Laqgħat tal-Eurojust fil-livell I u II

Fuq proposta ta' Membru Nazzjonali, il-Kulleġġ jiddeċiedi waqt il-laqgħat operattivi tiegħu – l-hekk imsejħa laqgħat fil-livell 1 – dwar ir-reġistrazzjoni u l-għeluq tal-każijiet.

Meta każ jiġi rreġistrat fl-Eurojust, ir-rappreżentanti tal-Uffiċċji Nazzjonali involuti ġeneralment jiltaqgħu sabiex jiddiskutu l-ħtiġijiet ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni ġudizzjarja tal-każ. L-interazzjonijiet u d-diskussjonijiet diretti huma magħrufa wkoll bħala laqgħat fil-livell II. Dawn jistgħu jinkludu, jekk ikunu involuti, lill-Prosekuturi ta' Kollegament ospitati fl-Eurojust u lill-persunal amministrattiv li jappoġġja l-każ. Il-laqgħat jistgħu jiġu organizzati f'qasir żmien, peress li l-parteċipanti qegħdin litteralment jaħdmu "taħt l-istess saqaf". Il-flessibbiltà u l-informalità huma ta' valur kbir f'sitwazzjonijiet urġenti li jkunu jeħtieġu rispons malajr.

**2550 cases registered and dealt with at Level II meetings**

F'ċerti każijiet, laqgħa fil-livell II tista' tkun biżżejjed sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-każ. Pereżempju, ir-*Rapport tal-Eurojust dwar ix-Xogħol fuq il-każijiet tal- EAW* (2014-2016) tal-2017 jiddeskrivi kif l-iskambju *rapidu* ta' informazzjoni addizzjonali f'uħud mill-każijiet ta' EAW permezz tal-Uffiċċji Nazzjonali tal-Eurojust kien kruċjali biex jiġu ċċarati kwistjonijiet rigward EAW konkorrenti (*ara* paġna 14 tar-rapport), jew saħansitra sempliċement biex jittieħdu l-passi ta' tħejjija. Fil-laqgħat fil-livell II, l-Eurojust tista', pereżempju, tiċċara l-leġiżlazzjoni u l-proċeduri nazzjonali, tassisti biex jiġi stabbilit liema ġurisdizzjoni tinsab fl-aħjar pożizzjoni biex tinvestiga, jew tiffaċilita l-eżekuzzjoni ta' talbiet ta' MLA jew l-inizjazzjoni ta' proċedimenti. Barra minn hekk, l-Eurojust tista' toħroġ ukoll opinjonijiet dwar EAW konkorrenti u rakkomandazzjonijiet konġunti dwar il-kunflitti ta' ġurisdizzjoni.

Il-laqgħat fil-livell II huma prekundizzjonijiet għall-organizzazzjoni ta' laqgħat fil-livell III, magħrufa bħala laqgħat ta' koordinazzjoni (*ara* Taqsima 1.2). Jekk Uffiċċju Nazzjonali jkollu l-ħsieb li jorganizza laqgħa ta' koordinazzjoni, il-laqgħa fil-livell II tintuża sabiex tiġi vvalutata l-ħtieġa, l-iskop u l-objettivi ta' laqgħa ta' koordinazzjoni, kif ukoll sabiex jiġu miftiehma l-modalitajiet, il-parteċipazzjoni esterna, l-obbligi ta' kunfidenzjalità u ta' żvelar, kwistjonijiet ta' sigurtà relatati u l-ħtieġa ta' vidjokonferenzi. Barra minn hekk, il-parteċipanti jistgħu jivvalutaw il-ħtieġa għal analiżi u kontribuzzjoni possibbli mill-Europol jew it-twaqqif u l-funzjonament ta' JITs. Il-laqgħat ta' koordinazzjoni huma għodda għalja, u l-laqgħat fil-livell II jiżguraw li dawn il-laqgħat isiru biss jekk iġibu valur miżjud għar-riżoluzzjoni tal-kwistjonijiet pendenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja.

Barra minn hekk, il-laqgħat fil-livell II jistgħu jkunu strumentali meta jitħejja "jum ta' azzjoni konġunta" bl-eżekuzzjoni sinkronizzata ta' miżuri ta' kooperazzjoni ġudizzjarja kkoordinati permezz tal-attivazzjoni ta' ċentru ta' koordinazzjoni (*ara* Taqsima 1.3). F'dawn l-okkażjonijiet, jittieħdu l-passi meħtieġa sabiex ikun żgurat li l-miżuri mitluba (eż. EAW, perkwiżizzjonijiet u sekwestri, eċċ.) jissodisfaw ir-rekwiżiti legali kollha, biex ma jiġux kompromessi l-azzjonijiet

simultanji fid-diversi Stati Membri. Pereżempju, f'ħafna każijiet, l-Eurojust għenet biex tivverifika jew tikkompleta – fl-aħħar minuta – ċerta informazzjoni mill-EAW, bħal data personali dwar il-persuni ssuspettati, l-ortografija tal-ismijiet, akkużi mhux ikkwotati fl-EAW, u l-post u l-ħin li fih seħħ reat. F'ħafna każijiet, l-Eurojust ipprovdiet ukoll traduzzjonijiet urġenti.

**Sistema Permanenti ta' Koordinazzjoni (OCC)** L-Uffiċċji Nazzjonali tal-Eurojust huma disponibbli 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa. F'każ ta' talbiet urġenti u skont l-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Eurojust, l-OCC tista' tirċievi u tipproċessa talbiet għal assistenza mill-awtoritajiet nazzjonali barra l-ħinijiet regolari tal-uffiċċju. Fl-2011, ġiet stabbilita sistema ta' ġestjoni ta' sejħiet li tibgħat is-sejħa lir-rappreżentant tal-OCC tal-Uffiċċju Nazzjonali kkonċernat u b'hekk min iċempel ikun jista' jitkellem bil-lingwa tiegħu stess. Tista' tittieħed azzjoni xierqa mir-rappreżentant tal-OCC, bħal li jikkuntattja r-rappreżentant tal-OCC ta' Uffiċċju Nazzjonali ieħor.

**Sistema Permanenti ta' Koordinazzjoni f'każ ta' qtil**

F'Diċembru 2017, xi ħadd spara u qatel lil persuna f'post tal-mistrieħ fl-awtostrada fin-Nofsinhar tal-Ungerija. Ftit wara li seħħ ir-reat, l-awtoritajiet Ungeriżi identifikaw lill-awtur tar-reat mhux magħruf u maħrub, flimkien mal-karozza tiegħu b'reġistrazzjoni Ġermaniża fuq ix-xena tar-reat. Il-prosekutur kompetenti Ungeriż ikkuntattja lill-Uffiċċju Nazzjonali Ungeriż fl-istess jum, fejn talab il-ħruġ ta' EIO. L-OCC ġiet attivata minnufih bejn l-Uffiċċji Nazzjonali Ungeriż u Ġermaniż u l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti b'mod li l-EIO ntbagħtet malajr lill-uffiċċju tal-prosekuzzjoni kompetenti fil-Ġermanja, li awtorizza l-perkwiżizzjoni fir-residenza Ġermaniża tal-persuna ssuspettata, kif ukoll ta d-dritt li tinżamm kwalunkwe evidenza li tinstab waqt il-perkwiżizzjoni.

Madankollu, il-perkwiżizzjoni fid-dar żvelat li s-suspettat Ġermaniż sussegwentement sellef il-karozza tiegħu lil xi qarib tiegħu residenti fl-Awstrija.

Din il-bidla għal għarrieda għall-persuna mfittxija ċaqalqet l-attivitajiet ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-Uffiċċju Ġermaniż għall-Uffiċċju Awstrijak fl-Eurojust. Konsegwentement, it-talba għall-eżekuzzjoni tal-EIO fil-Ġermanja ġiet irtirata u sostitwita b'EAW maħruġ kontra s-suspettat proprja, li kien għadu maħrub, kif ukoll b'EIO ġdida. Dawn intbagħtu wara l-ħin tax-xogħol, l-ewwel bħala abbozzi lill-Uffiċċju Nazzjonali Awstrijak u mbagħad ittellgħu fis-SIS fis-sigħat ta' filgħaxija, li ppermetta reazzjoni f'waqtha mill-awtoritajiet Awstrijaċi. L-isforz ikkoordinat fl-aħħar wassal għall-arrest tas-suspettat fl-Awstrija. Barra minn hekk, saru perkwiżizzjonijiet fid-dar u fil-karozza tiegħu u l-evidenza kollha li nstabet, inkluża l-arma tan-nar, ġiet maqbuda b'suċċess.

L-urġenza tal-każ skattat l-użu tal-OCC bejn l-Uffiċċji Nazzjonali involuti fl-Eurojust u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u ħolqot kanal għall-iskambju ta' informazzjoni fil-ħin reali, u t-trażmissjoni bla xkiel tal-istrumenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja, li eventwalment wasslu għall-arrest tas-suspettat f'inqas minn 24 siegħa wara li twettaq ir-reat.

**L-assistenza tal-Eurojust fi żmien 24 siegħa f'każ ta' frodi tat-taxxa**

L-awtoritajiet Ċeki kienu qed jinvestigaw OCG involut fil-kummerċ illegali ta' żejt minerali industrijali mibjugħ bħala żejt tad-diżil. L-OCG evita li jħallas il-VAT u d-dazju tas-sisa billi kien jiddikjara ż-żejt għall-esportazzjoni, iġorr iż-żejt mir-Repubblika Ċeka lejn l-Awstrija, u

mbagħad kien jittrasferixxi l-merkanzija f'vetturi differenti u jirritornaha lura lejn ir-Repubblika Ċeka. Għalkemm il-kompożizzjoni tiegħu hija kważi identika għal dik taż-żejt tad-diżil, iż-żejt minerali mhuwiex tajjeb għall-magni tal-karozzi, u r-rata ta' tassazzjoni hija differenti, peress li ż-żejt minerali huwa soġġett biss għall-VAT. L-OCG kien qed jieħu vantaġġ illegali billi ma kienx qed iħallas id-dazju tas-sisa, li huwa applikat għaż-żejt tad-diżil. Iż-żejt minerali kien qed jiġi ddikjarat li kien qed ikun esportat mill-ġdid lejn Stat Membru ieħor u b'hekk kien qed ikun eżentat mill-VAT fir-Repubblika Ċeka.

Kienet meħtieġa sorveljanza fit-territorju Awstrijak biex jiġi ppruvat li l-merkanzija kienet qed tmur lura fit-territorju Ċek. Il-prosekutur Ċek ħareġ LoR fejn talab l-awtorizzazzjoni għal sorveljanza transfruntiera. Fl-istess waqt, il-pulizija Ċeka wettqet sorveljanza fit-territorju Awstrijak. Biex din tkompli ssir, kienet meħtieġa awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet Awstrijaċi fi żmien 24 siegħa (skadenza bbażata fuq trattat bilaterali ta' MLA bejn ir-Repubblika Ċeka u l-Awstrija).

Peress li ż-żmien biex tiġi kkonsenjata t-traduzzjoni tal-LoR kien wasal biex jiskadi, l-awtoritajiet Ċeki kkuntattjaw lill-Uffiċċju Ċek għall-assistenza fl-eżekuzzjoni tal-LoR (biex jikbsu l-awtorizzazzjoni transfruntiera mingħand l-Awstrija). L-Uffiċċju Ċek ikkuntattja minnufih lill-Uffiċċju Awstrijak. Ġie ċċarat nuqqas ta' ftehim li seħħ fil-komunikazzjoni diretta bejn l-awtoritajiet nazzjonali. L-Uffiċċju Awstrijak ikkuntattja lill-awtoritajiet nazzjonali tiegħu, u spjega l-urġenza tal-kwistjoni, u l-passi li kellhom jittieħdu. L-Uffiċċju Ċek, flimkien mal-pulizija Ċeka, irranġaw it-traduzzjoni tal-LoR u bagħtuha permezz tal-Uffiċċju Awstrijak lill-awtorità kompetenti Awstrijaka fl-istess jum.

Barra minn hekk, f'dik il-ġurnata, il-Membru Nazzjonali Ċek ħareġ LoR supplimentari b'talba aġġornata li tispeċifika l-metodi ta' sorveljanza. Barra minn hekk, wara talba mill-Uffiċċju Awstrijak, l-Uffiċċju Ċek iċċara l-ammont eżatt ta' taxxa mhux imħallsa mill-OCG, li kien essenzjali biex jiġi vvalutat jekk il-limitu minimu meħtieġ mil-liġi Awstrijaka kienx irrispettat biex tiġi awtorizzata s-sorveljanza.

Bis-saħħa ta' dan l-intervent, is-sorveljanza mitluba twettqet b'suċċess.

## 1.2 Laqgħat ta' koordinazzjoni

Il-laqgħat ta' koordinazzjoni jiġu organizzati sabiex jiffaċilitaw u jippromwovu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni ġudizzjarja f'każijiet transfruntiera kumplessi. Fil-laqgħat ta' koordinazzjoni jattendu l-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi kompetenti tal-Istati Membri li jkunu qed iwettqu l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet fil-livell nazzjonali. Tiġi pprovduta l-interpretazzjoni simultanja li tippermetti komunikazzjoni diretta bejn il-parteċipanti dwar kwistjonijiet legali u prattiċi. Jistgħu jiġu mistiedna rappreżentanti minn Stati terzi, kif ukoll uffiċjali minn imsieħba tal-kooperazzjoni bħall-Europol u l-OLAF u organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-INTERPOL. Żdied ukoll l-użu tal-faċilitajiet ta' vidjokonferenzi pprovduti mill-Eurojust.

Il-laqgħat ta' koordinazzjoni huma għodda operattiva li tintuża b'mod frekwenti. L-Eurojust torganizza medja ta' mill-inqas laqgħa ta' koordinazzjoni waħda kull jum ta' xogħol, b'għadd totali ta' 302 laqgħat fl-2017, li 24 minnhom saru barra l-bini tal-Eurojust, jew f'wieħed mill-Istati Membri jew inkella fi Stat terz (fl-Iżvizzera). Il-każijiet indirizzaw prattikament l-oqsma kollha tal-kriminalità transfruntiera serja organizzata, bl-aktar komuni fosthom ikunu l-ħasil

tal-flus, il-frodi, it-traffikar tal-bnedmin u t-traffikar tad-droga. Dawn it-302 laqgħat ta' koordinazzjoni kienu relatati ma' 376 każ, li jfisser li f'ċerti każijiet laqgħa ta' koordinazzjoni waħda ttrattat żewġ każijiet jew aktar relatati ma' xulxin. In-numru ta' laqgħat ta' koordinazzjoni żdied b'25 fil-mija. Din iż-żieda sinifikanti turi li l-investigaturi u l-prosekuturi fl-Istati Membri qegħdin jiddependu dejjem aktar fuq l-appoġġ tal-Eurojust, b'mod partikolari f'każijiet kumplessi. Waqt li tkun qed tippjana laqgħa ta' koordinazzjoni, l-Eurojust tista', pereżempju, tanalizza s-sitwazzjoni attwali tal-investigazzjonijiet fl-Istati Membri kollha involuti u timmappja l-ostakoli legali u l-kwistjonijiet ta' tħassib, inklużi konnessjonijiet possibbli ma' pajjiżi oħrajn. Waqt il-laqgħa, l-Eurojust timmodera d-diskussjonijiet u toffri l-pariri u l-għarfien espert tagħha dwar l-użu ta' strumenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja, dwar jekk għandhiex titwaqqaf JITs, u dwar approċċ komuni.

Waqt laqgħa ta' koordinazzjoni jiġu diskussi u miftiehma arranġamenti konkreti, li jirrigwardaw, fost l-oħrajn:

- l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-istat attwali tal-proċedimenti ġudizzjarji;
- l-iskambju ta' evidenza fil-qafas tal-MLA/EIO;
- il-ħruġ u t-tlestija ta' talbiet għal kooperazzjoni ġudizzjarja u t-teħid ta' deċiżjonijiet dwarha, inklużi strumenti ta' rikonoxximent reċiproku, bħal EAW, EIO, ordnijiet ta' ffriżar, eċċ.;
- il-prevenzjoni u/jew is-soluzzjoni ta' kunflitti ta' ġurisdizzjoni u l-passi proċedurali relatati, inkluż it-trasferiment ta' proċedimenti kriminali;
- it-twaqqif u l-funzjonament tal-JITs; u
- il-qbil dwar strateġija komuni u azzjonijiet ikkoordinati (eż. miżuri investigattivi simultanji fl-Istati involuti u aspetti legali relatati).

F'April 2017, fl-Eurojust saret laqgħa ta' koordinazzjoni li kienet tirrigwarda l-investigazzjoni ta' allegati attivitajiet kriminali marbuta mad-ditta legali Mossack Fonseca, magħrufa wkoll bħala l-każ tal-"Panama Papers". Dan il-każ juri biċ-ċar il-kwistjonijiet legali kumplessi li l-Eurojust kellha tindirizza, fosthom in-numru kbir ta' Stati involuti, kif ukoll il-valur miżjud tal-laqgħat ta' koordinazzjoni, li jrawmu l-fehim reċiproku, jibnu l-fiduċja, u huma essenzjali għal kooperazzjoni kontinwa.

69 parteċipant li kienu jirrappreżentaw lill-awtoritajiet investigattivi kompetenti ta' 14-il Stat Membru u tan-Norveġja kif ukoll lill-Prosekutur Ġenerali tal-Panama, iltaqgħu fl-Eurojust sabiex jiskambjaw informazzjoni dwar id-diversi investigazzjonijiet li kienu għaddejjin. L-Eurojust irnexxielha tlaqqa' lil dawn il-parteċipanti kollha mal-awtoritajiet tal-Panama fi spirtu ta' kooperazzjoni, li ħeġġeġ is-segwitu fil-livell nazzjonali bejn ħafna Stati Membri u l-Panama. Kwistjoni legali importanti ħafna indirizzat deċiżjoni tal-Qorti Suprema tal-Panama li l-kriminalità doppja hija kundizzjoni assoluta għal kooperazzjoni internazzjonali. Peress li l-evażjoni tat-taxxa mhijiex reat fil-Panama (huwa biss reat amministrattiv), u għaldaqstant ma setgħetx isservi bħala reat predikat għall-ħasil tal-flus fir-rigward tal-Panama, il-parteċipanti esploraw reati alternattivi li setgħu jissodisfaw ir-rekwiżit tal-kriminalità doppja, b'mod partikolari r-reati li setgħu jservu bħala reati predikati għall-ħasil tal-flus.

*Coordination meetings*




| | Organising | Participating |
|---|---|---|
| BE | 10 | 41 |
| BG | 7 | 14 |
| CZ | 10 | 12 |
| DK | 10 | 17 |
| DE | 33 | 61 |
| EE | 10 | 1 |
| IE | 5 | 7 |
| EL | 1 | 5 |
| ES | 19 | 41 |
| FR | 33 | 28 |
| HR | - | 5 |
| IT | 32 | 33 |
| CY | 2 | 4 |
| LV | 9 | 10 |
| LT | 18 | 5 |
| LU | - | 6 |
| HU | 5 | 20 |
| MT | - | 2 |
| NL | 23 | 47 |
| AT | 2 | 21 |
| PL | 16 | 28 |
| PT | 4 | 10 |
| RO | 39 | 25 |
| SI | 2 | 4 |
| SK | 1 | 13 |
| FI | 3 | 11 |
| SE | 7 | 17 |
| UK | 34 | 48 |
| CH | 8 | 24 |
| NO | 4 | 15 |
| USA | 1 | 16 |

*Third States, cooperation partners and international organisations involved in coordination meetings*




## 1.3 Ċentri ta' koordinazzjoni

L-Eurojust rat żieda sostanzjali fl-użu taċ-ċentri ta' koordinazzjoni tagħha mill-prattikanti fl-Istati Membri, minn 10 ċentri ta' koordinazzjoni fl-2016 għal 17 fl-2017. Il-bini l-ġdid jippermetti lill-Eurojust toffri kapaċità teknika msaħħa sabiex tlaħħaq maż-żieda fid-domanda.

Twaqqfet sala operattiva apposta biex tiżgura li l-awtoritajiet parteċipanti jkunu jistgħu jżommu faċilment kuntatt dirett permezz tal-Eurojust sabiex jiskambjaw informazzjoni waqt azzjonijiet konġunti multilaterali fuq skala kbira. Skont ir-rekwiżiti speċifiċi ta' każ, il-parteċipanti esterni jistgħu wkoll jattendu ċentri ta' koordinazzjoni fl-Eurojust.

Iċ-ċentri ta' koordinazzjoni joffru riżultati eċċellenti. F'każ minnhom, inħarġu ordnijiet ta' ffriżar fuq il-post f'ammont ta' aktar minn EUR 3 miljun waqt ċentru ta' koordinazzjoni lejn pajjiżi li inizjalment ma kinux previsti li se jipparteċipaw, peress li l-Eurojust setgħet tinvolvi minnufih lill-Uffiċċji Nazzjonali tal-Eurojust ikkonċernati.

In-numru ta' pajjiżi organizzaturi aktar minn irdoppja, u, għall-ewwel darba, ġie organizzat ċentru ta' koordinazzjoni biex jappoġġja azzjonijiet ikkoordinati fuq l-inizjattiva tal-Prosekutur ta' Kollegament Żvizzeru stazzjonat fl-Eurojust. L-Europol ipparteċipa f'seba' ċentri ta' koordinazzjoni, li ħamsa minnhom kienu jinvolvu Stati terzi, fosthom l-Iżlanda, il-Kanada u San Marino. L-aktar tipi ta' reati komuni kienu reati relatati mad-drogi u reati finanzjarji. Ħamsa miċ-ċentri ta' koordinazzjoni ttrattaw każijiet li għalihom twaqqaf JIT.

**L-assistenza tal-Eurojust permezz ta' ċentru ta' koordinazzjoni f'każ ta' frodi tas-sisa**

OCG involut fi traffikar transnazzjonali ta' prodotti alkoħoliċi kien fil-mira tal-awtoritajiet Taljani. L-OCG kien qed juża strateġija kumplessa ta' frodi tad-dazju tas-sisa sabiex jevita li jħallas it-taxxa li għaliha kien soġġett ix-xorb alkoħoliku. Deposti differenti fl-Unjoni Ewropea ntużaw biex il-merkanzija titmexxa b'mod fittizju lejn pajjiżi li mhumiex fl-UE li għalihom id-dazju kien sospiż (esportazzjoni falza). Minflok, il-merkanzija kienet tinbiegħ b'mod illegali fl-Italja u fi Stati Membri oħrajn, u dan kien jiġġenera qligħ kbir għall-OCG.

L-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni Taljan kompetenti rrefera l-każ lill-Eurojust u talab assistenza bl-eżekuzzjoni ta' diversi talbiet ta' MLA lill-Istati Membri involuti (12 b'kollox) u lill-Iżvizzera.

F'Ġunju saret laqgħa tal-livell II biex jiġu ppreżentati l-aħħar riżultati tal-investigazzjoni Taljana u l-konnessjonijiet transfruntiera tagħha, kif ukoll sabiex jiġu identifikati r-rekwiżiti li kien fadal għall-eżekuzzjoni tat-talbiet ta' MLA waqt jum ta' azzjoni konġunta. Waqt il-laqgħa ttieħdet deċiżjoni li l-azzjoni konġunta tkun appoġġjata minn ċentru ta' koordinazzjoni tal-Eurojust. Ir-rappreżentanti mill-awtoritajiet nazzjonali Taljani u l-Uffiċċji Nazzjonali tal-Eurojust involuti, kif ukoll il-Prosekutur ta' Kollegament Żvizzeru, ipparteċipaw fiċ-ċentru ta' koordinazzjoni. It-talbiet tal-MLA ġew imfassla mill-ġdid abbażi ta' informazzjoni ġdida u nħarġu mandati ta' perkwiżizzjoni fil-ħin reali, li kien essenzjali għall-eżekuzzjoni b'suċċess tal-miżuri mitluba. B'riżultat ta' dan, saru perkwiżizzjonijiet f'diversi postijiet u ġew issekwestrati dokumenti u data ta' komunikazzjoni. Dan il-jum ta' azzjoni għen lill-awtoritajiet Taljani jagħmlu progress fl-investigazzjoni tagħhom u jiċċaraw l-attivitajiet tal-OCG.

Dan il-każ kien għadu għaddej fl-2017.

Is-Sur Wolfgang Merz, wieħed mill-parteċipanti esterni tal-Ġermanja fiċ-ċentru ta' koordinazzjoni fil-każ tal-frodi tal-VAT, Middleman/Vertigo V, ikkummenta dwar is-suċċess taċ-ċentru ta' koordinazzjoni fl-Eurojust:

> *"Nixtiequ nIżżu ħajr lill-Eurojust għall-koooperazzjoni u l-assistenza eċċellenti tagħha permezz ta' dan iċ-ċentru ta' koordinazzjoni. Kellna esperjenzi konsistentement pożittivi fil-ħidma tagħna fuq dan il-każ mal-Eurojust u se niġu lura għal ċentri ta' koordinazzjoni oħrajn. Għalkemm għad m'għandniex ħarsa kompluta, nistgħu ngħidu diġà li l-jum ta'*

*azzjoni kien ta' suċċess kbir fl-iżgurar ta' evidenza vasta, b'mod partikolari relatata mas-suspettat ewlieni tagħna. Qed nassumu li l-investigazzjoni tagħna se tespandi b'mod konsiderevoli, għalhekk aktarx li nikkuntattjaw lill-Eurojust fil-futur."*

*Coordination centres*




## 1.4 L-Eurojust u l-iskwadri ta' investigazzjoni konġunta

Ix-xogħol fuq il-każijiet tal-Eurojust juri li l-JITs qed ikunu dejjem aktar rikonoxxuti bħala għodda ta' kooperazzjoni effettiva fil-każijiet transfruntiera, b'200 JITs appoġġjati mill-Eurojust, li jirrappreżentaw żieda ta' 35 fil-mija meta mqabbla mal-2016 (b'148 JITs appoġġjati); 87 kienu stabbiliti ġodda.

In-numru ta' JITs stabbiliti ġodda li kienu jinvolvu Stati terzi wkoll żdied b'mod sinifikanti (11 fl-2017 u 3 fl-2016); 10 JITs stabbiliti fis-snin preċedenti u li jinvolvu Stati terzi kienu għadhom għaddejjin fl-2017. Fit-13-il laqgħa annwali tal-esperti tal-JITs, il-prattikanti involuti fil-JITs ma' Stati terzi rrapportaw li għalkemm it-tħaddim ta' dawn l-JITs jista' jkollu karatteristiċi speċifiċi jew jiddevja mill-prattika abitwali tal-UE, l-għodda hija flessibbli biżżejjed biex tippermetti aġġustamenti prattiċi u tibqa' tiffunzjona b'mod effiċjenti.

Fir-rigward tat-tipi ta' reati koperti mill-JITs stabbiliti ġodda, ġiet innotata żieda sinifikanti fl-JITs f'każijiet ta' terroriżmu (8 fl-2017 u 1 fl-2016), każijiet ta' imbrolju u frodi (19 fl-2017 u 9 fl-2016) u każijiet ta' THB (26 fl-2017 u 19 fl-2016).

F'każ ta' frodi aggravata u serq (reat ta' PIF), li fih ġiet stabbilit JIT bejnEIO l-Italja u l-Belġju f'Diċembru 2016, l-Eurojust iffaċilitat l-estensjoni tal-JIT għall-OLAF, bħala parteċipant. L-Eurojust ipproponiet appendiċi simplifikata għall-ftehim tal-JIT dwar il-parteċipazzjoni tal-OLAF, li ġiet iffirmata mid-Direttur Ġenerali tal-OLAF fi Frar 2017.

L-Eurojust appoġġjat lill-Istati Membri fit-twaqqif, fit-tħaddim, fl-iffinanzjar u fl-ivvalutar tal-JITs. L-użu tal-Mudell ta' Ftehim Aġġornat dwar l-JITs (li jieħu inkunsiderazzjoni l-estensjoni tal-JITs għall-Istati terzi) kien promoss mill-Eurojust bħala bażi għan-negozjati u kkontribwixxa għat-twaqqif rapidu tal-JITs.

Fl-2017, l-Eurojust ikkontribwiet għall-proġett tas-Segretarjat tan-Netwerk tal-JITs dwar l-evalwazzjoni tal-JITs. Is-sejbiet ewlenin tal-esperjenza tal-Eurojust bil-JITs jinstabu hawn taħt, taħt "Fokus tas-Sena: L-evalwazzjoni tal-JITs". Fil-qafas tal-proġett, il-każijiet ta' JITs li fihom kien hemm segwitu ġudizzjarju rriżultaw f'kundanni effettivi. L-evidenza miksuba permezz ta' JITs rarament kienet ikkontestata u fil-parti l-kbira tal-każijiet analizzati, kienet iddikjarata ammissibbli.

*JITs supported by Eurojust, including the main crime types*



Country participation in JITs




**Il-koordinazzjoni tal-JITs**

OCG li kien qed jopera fir-reġjun Sliven tal-Bulgarija ġie sfaxxat wara li l-Eurojust ikkoordinat ħames investigazzjonijiet ta' THB għall-finijiet ta' sfruttament sesswali ta' nisa Bulgari ttraffikati lejn in-Netherlands u l-Belġju kif ukoll ta' ħasil tal-flus. L-Eurojust assistiet fil-koordinazzjoni ta' żewġ operazzjonijiet internazzjonali separati, Palma u Leerdam, u l-istabbiliment ta' żewġ JITs. Il-JITs irċevew finanzjament li kien jammonta għal madwar EUR 90 000 permezz tal-Eurojust.

Operazzjoni Palma ġiet imnedija mill-awtoritajiet Netherlandiżi fl-2013, biex jinvestigaw attivitajiet ta' THB li seħħew bejn l-2003 u l-2010, kif ukoll ħasil tal-flus u reati kriminali oħrajn relatati mal-isfruttament sesswali. Operazzjoni Leerdam ġiet imnedija mill-awtoritajiet Bulgari f'Novembru 2015, meta talbu l-appoġġ tal-Eurojust f'investigazzjoni Netherlandiża oħra li kienet għaddejja u li kienet qed tinvestiga t-traffikar ta' nisa Bulgari lejn in-Netherlands u l-Belġju.

L-Eurojust kienet strumentali biex jiġu skoperti l-konnessjonijiet bejn l-investigazzjonijiet tal-awtoritajiet Bulgari u Netherlandiżi fil-qafas tal-Operazzjonijiet Palma u Leerdam, u investigazzjoni oħra għaddejja fil-Belġju li kienet tinvolvi l-isfruttament sesswali ta' vittmi Bulgari f'Antwerp u fi Brussell.

Wara laqgħa ta' koordinazzjoni fl-Eurojust, il-Bulgarija u n-Netherlands waqqfu JIT għal Operazzjoni Palma. L-Eurojust organizzat ukoll laqgħa ta' koordinazzjoni li matulha prosekuturi, investigaturi u pulizija mill-Belġju, il-Bulgarija u n-Netherlands, inkarigati mill-ħames investigazzjonijiet relatati, iltaqgħu għall-ewwel darba sabiex jiddiskutu u jiftiehmu fuq approċċ ikkoordinat sabiex iżarmaw l-OCG. Fil-laqgħa kien hemm ħamsa u għoxrin parteċipant, inklużi uffiċjali mill-Europol. B'riżultat ta' din il-laqgħa ta' koordinazzjoni, il-Belġju, il-Bulgarija u

n-Netherlands waqqfu JIT ieħor f'Operazzjoni Leerdam sabiex jiddefinixxu u jeżegwixxu strateġija komuni għall-każ u sabiex jiżguraw li l-azzjonijiet f'każ minnhom ma jinterferixxux mal-investigazzjonijiet fil-każ l-ieħor.

Fil-kuntest tal-JIT tal-Operazzjoni Leerdam, saru azzjonijiet investigattivi fil-Bulgarija, bil-preżenza tal-membri tal-JIT min-Netherlands. Fil-kuntest tal-JIT tal-Operazzjoni Palma, twettqu operazzjonijiet ikkoordinati fil-Bulgarija, il-Ġermanja u n-Netherlands. Għall-ewwel darba, l-Eurojust iffaċilitat il-koordinazzjoni bejn żewġ JITs separati. Minħabba l-involviment attiv tal-Eurojust, ġew stabbiliti l-konnessjonijiet kollha bejn il-ħames investigazzjonijiet nazzjonali mwettqa fil-Bulgarija, in-Netherlands u l-Belġju, u sar l-ippjanar meħtieġ tal-attivitajiet investigattivi, li rriżulta f'operazzjoni ikkoordinata ta' suċċess kbir li kissret l-OCG.

***L-appoġġ finanzjarju tal-Eurojust għall-operazzjonijiet tal-JITs***

L-appoġġ finanzjarju lil JIT spiss huwa l-qofol tas-suċċess tagħha. Iż-żieda fin-numru ta' JITs huwa rifless fi tkabbir ta' 40.5 fil-mija fl-għadd ta' applikazzjonijiet għall-appoġġ finanzjarju li rċeviet l-Eurojust matul is-sena preċedenti. B'kollox intlaqgħu 253 applikazzjoni għas-sejħiet 1-8 fl-2017 (180 applikazzjoni fl-2016). In-numru ta' JITs li ngħataw finanzjament żdied bi 42 fil-mija, li jammontaw għal 128 JIT li ngħataw finanzjament (90 JIT ingħataw finanzjament fl-2016). Il-parti l-kbira tal-JITs (85 fil-mija) appoġġjati fix-xogħol fuq il-każijiet tal-Eurojust ukoll japplikaw għall-appoġġ finanzjarju tagħha u jirċevuh. Id-domanda għall-għotjiet lill-JITs b'appoġġ għall-azzjonijiet operattivi li jkunu għaddejjin fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati transfruntiera serji żdiedet b'mod konsistenti mill-2014. Din ix-xejra tindika li l-JITs qegħdin ikunu dejjem aktar inkorporati fl-istrateġiji ta' prosekuzzjoni tal-Istati Membri. Fl-2016, il-baġit tal-għotjiet lill-JITs żdied minn EUR 500 000 għal EUR 1 000 000. Bħala tweġiba diretta għaż-żieda fid-domanda mill-Istati Membri, il-Kummissjoni pprovdiet krediti addizzjonali fl-2017 għall-għotijiet lill-JITs, li wassal biex l-Eurojust setgħet tappoġġja aktar benefiċjari tal-għotjiet tal-JITs milli fl-2016 (total ta' EUR 1.3 miljun; 128 għotja mogħtija). Dawn l-Istati terzi li ġejjin kienu involuti f'JITs li għalihom ġew ippreżentati applikazzjonijiet għal finanzjament: In-Norveġja (7), is-Serbja (5), l-Iżvizzera (4), il-Moldova (4), l-Ukrajna (4), il-Malasja (3), l-Awstralja (3), l-Albanija (2) u l-Bożnija-Ħerzegovina (1).

L-Eurojust ħejjiet it-tnedija ta' għodda tal-IT ġdida, li wasslet għal kisbiet ta' effiċjenza fil-ġestjoni tal-għotjiet lill-JITs. Il-Portal tal-JITs, disponibbli minn Jannar 2018, se jiffaċilita s-sottomissjoni online sigura tal-applikazzjonijiet mill-awtoritajiet nazzjonali u jtejjeb l-ipproċessar tad-data mill-Eurojust. Infografika u gwida dwar il-finanzjament tal-JITs, huma disponibbli bil-għan li jgħinu lill-prattikanti tal-JITs jinnavigaw fil-proċess tal-finanzjament.

# EUROJUST Coordinated Operations 2017



# Kapitolu 2 Ix-xogħol fuq każijiet tal-Eurojust

## Introduzzjoni

L-Eurojust taqdi rwol essenzjali fl-iffaċilitar ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni ġudizzjarja u skambju ta' informazzjoni f'każijiet li jinvolvu reati transfruntieri serji. L-appoġġ operattiv tal-Eurojust jinkludi l-analiżi ta' kwistjonijiet legali u ta' diffikultajiet prattiċi li jiżviluppaw mix-xogħol fuq il-każijiet tagħha, il-kooperazzjoni ma' Stati terzi u mal-imsieħba tal-UE u l-ħidma mill-qrib ma' netwerks speċjalizzati ta' esperti ġudizzjarji.

In-numru ta' każijiet riferuti lill-Eurojust mill-awtoritajiet nazzjonali għall-assistenza żdied minn 2 306 każ fl-2016 għal 2 550 każ fl-2017, żieda ta' 10.6 fil-mija. It-tipi ta' reati ewlenin kienu jittrattaw frodi, traffikar u ħasil tal-flus. L-Eurojust irreġistrat ukoll 13-il topic operattiv, li sitta minnhom kienu relatati mat-terroriżmu. Dawn it-topics suġġetti jirrigwardaw talbiet li saru minn awtorità nazzjonali jew minn Uffiċċju Nazzjonali biex jinġabru mingħand l-Istati Membri kollha informazzjoni jew pariri li jistgħu jkunu rilevanti jew jaffettwaw kwistjonijiet operattivi.




Iż-żieda f'każijiet ta' reati organizzati serji tenfasizza l-ħtieġa ta' approċċ effettiv bejn id-diversi aġenziji lejn il-każijiet transfruntiera, b'mod partikolari permezz ta' skambju ta' informazzjoni u involviment reċiproku, kif ukoll kooperazzjoni mill-qrib ma' Stati terzi (*ara* l-Kapitolu 4). Il-Prosekuturi ta' Kollegament irreġistraw 148 każ. L-Eurojust tkompli tibni pontijiet bejn iċ-Ċentri tal-Eurojust u tal-Europol permezz tal-Espert Nazzjonali Sekondat tagħha għaċ-Ċiberkriminalità stazzjonat fl-EC3 u r-rappreżentant għall-ECTC li għadu kemm inħatar. L-Eurojust ikkontribwiet għall-abbozzar tal-SOCTA kif ukoll għas-sezzjoni intitolata "Kundanni u Pieni" u l-anness statistiku rilevanti għar-Rapport dwar it-TE-SAT. L-Eurojust kompliet il-ħidma tagħha fil-qafas taċ-Ċiklu tal-Politika 2013-2017 u pparteċipat fil-laqgħat tal-EMPACT sabiex iżżid l-appoġġ ġudizzjarju tagħha lill-Pjanijiet ta' Azzjoni Operazzjonali (OAPs). Fil-qafas taċ-Ċiklu tal-Politika 2018-2021, l-Eurojust ipparteċipat fl-abbozzar tal-Pjanijiet Strateġiċi Pluriennali u ta' OAPs għall-2018.

Il-fokus operattiv tal-Eurojust huwa allinjat mal-prijoritajiet tal-Aġendi Ewropej dwar is-Sigurtà u l-Migrazzjoni. L-Eurojust tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Aġendi tal-UE u żiedet l-attivitajiet tagħha, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, iċ-ċiberkriminalità, it-traffikar tal-migranti u t-THB.

| Tip ta' reat | Każijiet | | | Laqgħat ta' koordinazzjoni | | | JITS | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2015 | 2016 | 2017 | 2015 | 2016 | 2017 | 2015 | 2016 | 2017 |
| Terroriżmu | 41 | 67 | 87 | 15 | 18 | 14 | 3 | 4 | 12 |
| Ċiberkriminalità | 62 | 60 | 70 | 19 | 13 | 9 | 11 | 8 | 7 |
| Traffikar ta' migranti | 60 | 65 | 64 | 20 | 12 | 15 | 9 | 11 | 14 |
| THB | 79 | 93 | 132 | 32 | 33 | 57 | 21 | 32 | 51 |
| Frodi | 647 | 654 | 700 | 76 | 44 | 75 | 34 | 35 | 45 |
| Korruzzjoni | 90 | 74 | 61 | 10 | 15 | 15 | 4 | 2 | 4 |
| Traffikar tad-droga | 274 | 254 | 324 | 57 | 41 | 40 | 25 | 24 | 28 |
| Grupp ta' kriminalità organizzata mobbli | 201 | 199 | 208 | 21 | 19 | 14 | 13 | 12 | 12 |
| Reati ta' PIF | 69 | 41 | 61 | 11 | 11 | 14 | 5 | 5 | 6 |
| Hasil tal-flus | 283 | 295 | 315 | 55 | 67 | 85 | 30 | 35 | 45 |
| Reat ambjentali | 5 | 6 | 9 | 1 | 0 | 3 | 0 | 0 | 2 |

*Eurojust casework in crime areas*




**Il-fuljett dwar l-Eurojust u l-OLAF** huwa dokument prattiku li jiċċara r-rwoli komplementari tal-Eurojust u tal-OLAF, u jħeġġeġ lill-awtoritajiet nazzjonali jikkunsidraw li jinvolvu liż-żewġ korpi jekk ikun xieraq. Peress li ma jeżistix mekkaniżmu li jiggwida lill-awtoritajiet nazzjonali sabiex jikkuntattjaw lill-Eurojust wara rakkomandazzjoni mill-OLAF għal segwitu ta' prosekuzzjoni jew ġudizzjarju, il-fuljett jipprovdi gwida għall-awtoritajiet nazzjonali u għall-prattikanti li jaħdmu fl-Eurojust u fl-OLAF dwar meta jkun jixraq l-involviment tal-organizzazzjoni l-oħra, b'mod partikolari fis-segwitu ġudizzjarju ta' rakkomandazzjonijiet tal-OLAF lill-awtoritajiet nazzjonali.

## 2.1 It-terroriżmu

**Xogħol fuq każijiet** In-numru ta' każijiet ta' terroriżmu li l-awtoritajiet nazzjonali rreferew lill-Eurojust għall-assistenza kompla jiżdied – minn 14-il każ fl-2014, 41 każ fl-2015, 67 każ fl-2016, għal 87 każ fl-2017. Barra minn hekk, il-Prosekutur ta' Kollegament għall-Iżvizzera rreġistra każ wieħed ta' terroriżmu. L-aktar Stati Membri rikjedenti kienu l-Italja, Spanja, il-Ġermanja u Franza. L-aktar Stati Membri rikjesti kienu l-Ġermanja, Franza u l-Belġju.

L-Eurojust kompliet tassisti fl-investigazzjonijiet tal-attakki terroristiċi reċenti fl-Ewropa, bħal dawk fuq il-ferrovija ta' Thalys, u f'Pariġi, Brussell, Ansbach, Nizza, Berlin, Stokkolma, Barċellona u Turku, kif ukoll każijiet oħrajn ta' attivitajiet ta' terroriżmu transfruntier, inklużi r-reklutaġġ, il-finanzjament u l-propaganda għal finijiet terroristiċi. Iż-żieda fin-numru ta' każijiet hija marbuta ma' żieda fil-kumplessità tal-kwistjonijiet indirizzati u l-ħtieġa ta' kooperazzjoni multilaterali effiċenti u rapida. Dawn il-każijiet juru biċ-ċar il-ħtieġa dejjem akbar ta' approċċ konġunt u kkoordinat bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji. L-Istati Membri komplew ifittxu l-assistenza tal-Eurojust, pereżempju fl-iskambju ta' informazzjoni u evidenza, fit-tħaffif ta' talbiet ta' eżekuzzjoni ta' MLA u ta' estradizzjoni, EAW u EIO, u t-twaqqif ta' JITs.

L-Eurojust organizzat 14-il laqgħa ta' koordinazzjoni dwar każijiet ta' terroriżmu. Rappreżentanti minn Stati terzi, jiġifieri l-Awstralja, il-Kanada, l-Indoneżja, il-Malasja, New Zealand, il-Filippini, l-Iżvizzera, it-Tuneżija, l-Ukrajna u l-Istati Uniti attendew tnejn minn dawn il-laqgħat ta' koordinazzjoni. L-Eurojust organizzat ukoll ċentru ta' koordinazzjoni li kellu fil-mira OCG transnazzjonali involut fl-iffaċilitar ta' traffikar ta' migranti u fl-iffalsifikar ta' dokumenti amministrattivi. Id-dokumenti ffalsifikati minn dan l-OCG kienu ntużaw ukoll minn netwerk sofistikat, li żżarma fl-2014, għar-reklutaġġ, l-iffaċilitar u l-iffinanzjar ta' FTFs.

Barra minn hekk, l-Eurojust ipparteċipat f'numru akbar ta' JITs f'każijiet ta' terroriżmu (12-il JIT, tmienja minnhom ifformati ġodda). Il-JITs jipprovdu pjattaforma effiċjenti għall-iskambju dirett ta' informazzjoni u evidenza f'każijiet ta' terroriżmu bilaterali u multilaterali.

Stati terzi pparteċipaw fi tlieta mill-JITs: waħda mal-Iżvizzera, waħda mal-Ukrajna u waħda mal-Malasja.

Fl-2017, il-JIT stabbilita bejn in-Netherlands, il-Belġju, l-Ukrajna, l-Awstralja u l-Malasja b'rabta mat-tiġrif tat-Titjira MH17 fis-17 ta' Lulju 2014 waslet għal żvilupp importanti ieħor. L-Eurojust ospitat laqgħa ta' koordinazzjoni li matulha, minbarra d-diskussjonijiet fit-tul fost l-awtoritajiet kompetenti ta' dawn il-pajjiżi, ġew ikkunsidrati l-passi possibbli li jmiss rigward mekkaniżmu ta' prosekuzzjoni. Il-pajjiżi involuti sussegwentement iddeċidew b'mod konġunt li l-prosekuzzjoni ta' dawk responsabbli għat-tiġrif ta' MH17 se ssir fin-Netherlands u affermaw mill-ġdid l-kooperazzjoni kontinwa mill-qrib tagħhom. L-Eurojust tibqa' sieħeb fil-qrib biex tiffaċilita kooperazzjoni bħal din.

**L-attakki terroristiċi f'Pariġi**

L-appoġġ operattiv estensiv li l-Eurojust tista' tipprovdi lill-Istati Membri fil-każijiet ta' terroriżmu huwa spjegat l-aħjar mill-konsegwenzi tal-attakki terroristiċi f'Pariġi u f'Saint-Denis fit-13 ta' Novembru 2015.

L-Uffiċċju Franċiż fl-Eurojust fetaħ każ għal 13-il Stat Membru u għall-Istati Uniti fis-26 ta' Novembru 2015 u minn hemm 'il quddiem beda jiffaċilita t-trażmissjoni u l-eżekuzzjoni

ta' għadd ta' talbiet ta' MLA. F'Diċembru 2015, kemm l-Eurojust kif ukoll l-Europol ingħaqdu fl-JIT stabbilita minn Franza u l-Belġju ftit wara l-attakki. Peress li l-investigazzjonijiet fi Franza u fi Stati Membri oħrajn issuktaw u l-ħtiġijiet għal koordinazzjoni kibru, l-Uffiċċju Franċiż organizza ħames laqgħat ta' koordinazzjoni bejn Jannar 2016 u Frar 2017, waħda f'Salzburg, tnejn f'Pariġi u tnejn The Hague.

Peress li jlaqqgħu flimkien lill-awtoritajiet ġudizzjarji u lill-investigaturi tal-Istati Membri kollha kkonċernati, il-laqgħat ta' koordinazzjoni huma l-għodda operattiva ewlenija tal-Eurojust għall-każijiet ta' terroriżmu. F'dan il-każ, il-koordinazzjoni appoġġjata mill-Eurojust kienet strumentali biex tenfasizza xi rabtiet possibbli bejn l-investigazzjonijiet tal-attakki f'Pariġi u l-attakki ta' Thalys f'Awwissu 2015. B'riżultat ta' dan, żewġ suspettati arrestati fl-Awstrija u suspettat miżmum fil-Ġermanja ġew ikkonsenjati b'suċċess lill-awtoritajiet Franċiżi.

**L-attakk terroristiku fis-suq tal-Milied f'Berlin**

Fid-19 ta' Diċembru 2016, trakk instaq intenzjonalment lejn is-suq tal-Milied f'Berlin, li ħalla 12-il persuna mejta u aktar minn 70 vittma. Waħda mill-vittmi kienet is-sewwieq oriġinali tat-trakk, li nstab maqtul b'tiri fit-trakk. L-awtur kien ċittadin Tuneżin, ispirat mill-propaganda tal-ISIL. Erbat ijiem wara l-attakk, huwa nqatel fi sparatura mal-pulizija qrib Milan, fl-Italja. L-avveniment ġie kklassifikat bħala attakk terroristiku.

Każ relatat mal-investigazzjoni Ġermaniża tal-attakk, li saret mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali Pubbliku Federali, ġie rreġistrat fl-Eurojust. L-Uffiċċju Nazzjonali Ġermaniż ġie involut fi żmien ftit sigħat mill-attakk u, l-involviment tal-Eurojust żdied, b'mod partikolari meta l-każ kompla jiżviluppa. Każ parallel li kien jirrigwarda l-isparatura mal-pulizija Taljana kien irreġistrat mill-Uffiċċju Nazzjonali Taljan. L-Eurojust kienet strumentali biex tiffaċilita skambju xieraq u f'waqtu ta' informazzjoni fil-livell ġudizzjarju. Barra minn hekk, l-Eurojust kellha aċċess għan-netwerk tagħha ta' korrispondenti nazzjonali għall-Eurojust fuq kwistjonijiet ta' terroriżmu.

F'Marzu 2017, saret laqgħa ta' koordinazzjoni fl-Eurojust, organizzata bejn l-Uffiċċju Ġermaniż u dak Taljan, u bil-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet investigattivi minn diversi Stati Membri u minn Stati terzi. L-għan tal-laqgħa kien li tiġi skambjata informazzjoni dwar l-istatus tal-vittmi u x-xhieda f'diversi pajjiżi u r-riżultati tal-investigazzjonijiet dwar ir-rotta tal-ivvjaġġar tal-attakkant u l-inħawi tiegħu fil-perjodu ta' bejn id-19 u t-23 ta' Diċembru 2016. Il-parteċipanti ddiskutew l-investigazzjonijiet nazzjonali rispettivi tagħhom u qablu li jkomplu l-kooperazzjoni tagħhom direttament u permezz tal-Eurojust.

**Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/JHA** L-informazzjoni dwar l-investigazzjonijiet, il-prosekuzzjonijiet u l-kundanni għar-reati terroristiċi kondiviża mal-Eurojust, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/JHA, żdiedet b'mod sinifikanti. L-Eurojust kienet informata dwar 394 investigazzjoni u prosekuzzjoni u 569 kundanna jew ħelsien għal reati terroristiċi. Din l-informazzjoni, flimkien mal-informazzjoni kkondiviża mal-Eurojust skont l-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Eurojust, tippermetti lill-Eurojust tiskopri rabtiet possibbli bejn każijiet differenti ta' terroriżmu u bejn każijiet ta' terroriżmu u kriminalità organizzata.

**Kooperazzjoni mal-Europol** L-Eurojust kompliet issaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha mal-Europol billi involvietu f'għadd ta' każijiet u billi kkontribwiet għall-proġetti ta' analiżi tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, Hydra u Travellers. Is-sinerġiji bejn l-Eurojust u l-Europol fil-qasam tal-

ġlieda kontra t-terroriżmu ttejbu bir-reklutaġġ ta' Espert Nazzjonali Sekondat speċjalizzat fil-ġlieda kontra t-terroriżmu sabiex jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Eurojust u l-ECTC. Il-kompiti jinkludu l-promozzjoni tas-segwitu ġudizzjarju bikri tal-attivitajiet tal-ECTC u l-użu tal-għodod ta' koordinazzjoni tal-Eurojust.

**Ġellieda terroristi barranin** L-Eurojust kompliet tiffoka l-ħidma strateġika tagħha fuq l-iżvilupp tar-rispons tal-ġustizzja kriminali għall-FTFs. F'Diċembru, l-Eurojust għaddiet il-ħames rapport tagħha, *Ġellieda Terroristi Barranin: Il-fehmiet tal-Eurojust dwar il-Fenomenu u r-Rispons tal-Ġustizzja Kriminali* lill-Kunsill JHA. Ir-rapport, ikklassifikat bħala, RISTRETT GĦALL-UE, ġie kondiviż mal-prattikanti u ma' dawk li jfasslu l-politiki fil-livell tal-UE u dak nazzjonali sabiex iqajjem kuxjenza dwar l-isfidi u l-aħjar prattika, u sabiex jgħin fil-bini ta' każijiet ta' prosekuzzjoni solidi. Ir-rapport jippreżenta l-esperjenza riċenti tal-Eurojust fil-koordinazzjoni ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet ta' FTF, u l-isfidi u t-tagħlimiet meħuda mill-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet irrapportati lill-Eurojust. Barra minn hekk, ir-rapport jenfasizza s-sejbiet preliminari rigward il-kwistjonijiet ewlenin fl-użu tal-informazzjoni mill-kamp tal-battalja bħala evidenza fil-proċedimenti kriminali, li jirriżultaw mid-diffikultà fil-kisba tal-aċċess għaliha jew biex jiġi ppruvat li nkisbet b'mod legali. Dan jenfasizza li l-informazzjoni miġbura mill-kampijiet tal-battalja fis-Sirja u fl-Iraq tista' tintuża f'ċerti ġurisdizzjonijiet kemm għar-reati terroristiċi kif ukoll għal reati internazzjonali ewlenin, u jiġbed l-attenzjoni dwar ir-rabtiet possibbli bejn dawn ir-reati. Ir-rapport jikkonkludi li jeħtieġ li jkomplu jiġu esplorati modi potenzjali ta' kif tinkiseb u tinqasam l-informazzjoni mill-kamp tal-battalja fi standard ta' evidenza. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-korrispondenti nazzjonali għall-Eurojust għal materji relatati mat-terroriżmu u man-Netwerk tal-Ġenoċidju, l-Eurojust bdiet timmappja l-aħjar prattika u l-isfidi fl-użu ta' informazzjoni miġbura mis-suldati miż-żoni ta' kunflitt armat bħala evidenza fi proċedimenti ta' reati terroristiċi u/jew tal-gwerra u/jew bħala bażi għall-ftuħ ta' investigazzjonijiet jew prosekuzzjonijiet kriminali.

**Il-korrispondenti nazzjonali għall-Eurojust għal materji relatati mat-terroriżmu** Fil-laqgħa annwali tal-korrispondenti nazzjonali għall-Eurojust għal materji relatati mat-terroriżmu, li għaliha attendew ukoll esperti ta' kontra t-terroriżmu Norveġiżi, Żvizzeri u Amerikani, il-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu, il-Kap tal-ECTC u rappreżentant mill-Frontex, id-diskussjoni kienet iffukata fuq l-esplorazzjoni tal-possibbiltajiet biex jittejjeb ir-rispons ġudizzjarju u l-kooperazzjoni wara l-attakki terroristiċi, il-qsim tal-aħjar prattika fit-trattament tal-vittmi minnufih wara l-attakki terroristiċi u d-deradikalizzazzjoni ta' suspettati terroristi. Il-parteċipanti ddiskutew l-isfidi fil-prosekuzzjoni u l-ikkundannar ta' FTFs għal reati terroristiċi u/jew reati tal-gwerra, kif ukoll l-isfidi fil-ġbir ta' informazzjoni mill-kamp tal-battaja li tista' tintuża bħala evidenza fi proċedimenti terroristiċi u/jew reati tal-gwerra.

**Sensibilizzazzjoni** L-importanza ewlenija tal-aspetti ġudizzjarji tal-ġlieda kontra t-terroriżmu kienet enfasizzata mill-Eurojust, fost l-oħrajn, waqt seduti fil-Kumitat tal-Parlament Ewropew għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE), kif ukoll waqt iż-żjara f'Diċembru fl-Eurojust tal-Kumitat Speċjali tal-Parlament Ewropew dwar it-Terroriżmu (TERR). Id-diskussjonijiet iffukaw fuq il-valur miżjud tal-Eurojust fl-appoġġ tagħha fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet kontinwi u fit-titjib tal-koordinazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni. L-Eurojust esprimiet tħassib dwar ir-riformulazzjoni tar-Regolament 45/2001, b'mod partikolari l-proposta reċenti sabiex ir-regolament jiġi applikat għad-data operattiva pproċessata mill-Eurojust, u talbet għal sistema komuni applikabbli għall-Eurojust, l-Europol u għall-EPPO.

It-titjib tal-possibbiltajiet għal kooperazzjoni ġudizzjarja kemm fil-livell operattiv kif ukoll strateġiku fil-ġlieda kontra t-terroriżmu huwa prijorità kbira fir-relazzjonijiet tal-Eurojust ma' Stati terzi. Għal dan il-għan, u biex tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka u jiġu esplorati toroq futuri għal kooperazzjoni, l-Eurojust ospitat għadd ta' żjarat ta' esperti ta' kontra t-terroriżmu u ta' kooperazzjoni ġudizzjarja minn Stati terzi, bħat-Tuneżija, it-Tajwan u l-Lega Għarbija.

**Ir-radikalizzazzjoni** Fil-qasam tar-radikalizzazzjoni li twassal għal estremiżmu vjolenti u għat-terroriżmu, l-Eurojust kompliet timmonitorja u tanalizza l-kundanni relatati mat-terroriżmu, inkluż l-użu ta' alternattivi għad-detenzjoni mill-qrati fl-Istati Membri. L-Eurojust irrapportat b'mod regolari fil-moniters tagħha dwar it-tipi ta' sentenzi imposti mill-imħallfin f'każijiet ta' terroriżmu (kemm ta' priġunerija kif ukoll mhux ta' priġunerija), u, jekk xieraq, dwar l-obbligi relatati sabiex tiżgura bilanċ bejn ir-riintegrazzjoni u d-deradikalizzazzjoni tal-priġunieri u s-sigurtà pubblika.

Il-ħames rapport tal-Eurojust dwar l-FTF jippreżenta wkoll l-esperjenza u l-aħjar prattika fil-qasam tar-rispons tal-ġustizzja kriminali għar-radikalizzazzjoni. L-Eurojust ikkontribwiet għad-diskussjonijiet u l-attivitajiet tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli tal-Kummissjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni (HLCEG-R) li għadu kemm ġie stabbilit, b'mod partikolari fl-identifikazzjoni tal-prijoritajiet u ta' proposti konkreti għall-azzjoni, fil-livelli tal-UE u tal-Istati Membri, b'rabta ma' kwistjonijiet ta' ħabs u probazzjoni, riabilitazzjoni u riintegrazzjoni. Fuq suġġeriment tal-Eurojust, waħda mir-rakkomandazzjonijiet adottati mill-HLCEG-R tikkonċerna t-titjib fil-provvista ta' informazzjoni lill-Eurojust dwar l-investigazzjonijiet, il-prosekuzzjonijiet u l-kundanni għal reati terroristiċi sabiex l-Eurojust tkun tista' timmonitorja l-użu ta' alternattivi għall-prosekuzzjoni u d-detenzjoni, kif mitlub fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Novembru 2015, u b'hekk tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' politika kriminali dwar l-FTFs u r-radikalizzazzjoni.

**Il-Moniter tal-Kundanni kontra t-Terroriżmu** L-Eurojust ippubblikat tliet TCMs fl-2017, ibbażati fuq informazzjoni minn sorsi miftuħa u informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet nazzjonali skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/JHA. It-TCM jagħti ħarsa ġenerali lejn kundanni u liberazzjonijiet relatati mat-terroriżmu fl-Unjoni Ewropea kollha, kif ukoll aġġornamenti legali dwar sentenzi rilevanti u analiżi ġudizzjarja tagħhom. Il-kapitoli analitiċi tal-ħarġiet prodotti fl-2017 jinkludu analiżi tas-sentenzi mogħtija mill-qrati fil-Ġermanja, l-Italja u n-Netherlands. Tnejn mis-sentenzi kienu jirrigwardaw persuni rimpatrijati mis-Sirja u l-oħra kienet tirrigwarda grupp imħarrek talli approva u fittex b'mod attiv li jirrekluta ġellieda ġiħadisti. Ħarġa minnhom tinkludi sommarju tad-Direttiva (UE) 2017/541, adottata f'Marzu, dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu. Ħarġa oħra tinkludi għażla ta' Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, li jista' jkollhom impatt fuq il-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-UE u tal-Istati Membri.

**Iż-żarmar ta' grupp impenjat fil-propaganda tal-ISIL**

L-awtoritajiet Spanjoli talbu l-assistenza urġenti tal-Eurojust f'investigazzjoni ta' grupp li allegatament kien qed jipproduċi materjal awdjoviżiv li kellu jitqassam online u li kien jinkludi propaganda tal-ISIL u jippromwovi l-kummissjonar ta' reati terroristiċi. Il-grupp, li kien attiv f'bosta Stati Membri, kien issuspettat ukoll li kien involut f'attivitajiet ta' reklutaġġ u radikalizzazzjoni.

Biex iżarmaw dan il-grupp, l-awtoritajiet Spanjoli ppjanaw jum ta' azzjoni konġunta, li kellu jkun ikkoordinat mill-Eurojust. Għal dan il-għan, ħamest ijiem qabel l-azzjoni konġunta ppjanata, l-Imħallef Investigattiv inkarigat ħareġ żewġ EAWs u żewġ LoRs fejn talab l-eżekuzzjoni ta' bosta

perkwiżizzjonijiet u sekwestri ta' oġġetti rilevanti fil-Ġermanja u fir-Renju Unit. L-EAWs u l-LoRs kellhom jiġu eżegwiti fl-istess ħin u b'mod ikkoordinat waqt il-jum ta' azzjoni konġunta.

Bi tħejjija għall-jum ta' azzjoni konġunta, l-Uffiċċji Nazzjonali ta' Spanja, tal-Ġermanja u tar-Renju Unit kienu f'kuntatt kontinwu ma' xulxin, billi ffaċilitaw l-iskambju spontanju ta' informazzjoni u t-trażmissjoni immedjata tal-kopji tal-LoRs u tal-EAWs. Huma skambjaw informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tat-traduzzjonijiet tal-LoRs u tal-EAWs u t-tidħil ta' dawn fis-SIS, u kkomunikaw ma' SIRENE sabiex iħejju għall-attivazzjoni sinkronizzata tal-EAWs mdaħħla fis-SIS.

L-Uffiċċji Nazzjonali taw pariri lill-awtoritajiet nazzjonali tagħhom dwar l-aħjar mod kif jipproċedu u pprovdew aktar informazzjoni u kjarifiki, fejn meħtieġ. Saru kontrolli preliminari sabiex jiġu stabbiliti l-awtoritajiet kompetenti fil-Ġermanja u fir-Renju Unit għall-eżekuzzjoni tal-EAWs u tal-perkwiżizzjonijiet saħansitra qabel ma kienu disponibbli t-traduzzjonijiet tal-EAWs u tal-LoRs. Qabel ma rċieva l-verżjoni bl-Ingliż tal-EAW, l-Uffiċċju Nazzjonali Ingliż bagħat il-verżjoni bl-Ispanjol lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti sabiex iħaffef iċ-ċertifikazzjoni tal-EAW bħala prerekwiżit għall-arrest tas-suspettat f'Birmingham. Inqalgħet kwistjoni rigward il-ħin tal-perkwiżizzjonijiet, peress li l-leġiżlazzjoni Ġermaniża tipprojbixxi t-tfittxijiet billejl (jiġifieri perkwiżizzjonijiet qabel it-tlieta ta' filgħodu), u għalhekk l-awtorità rikjedenti stabbiliet il-ħin għall-eżekuzzjoni għall-erbgħa ta' filgħodu.

It-traduzzjonijiet urġenti tal-EAWs u tal-LoRs fil-Ġermaniż u fl-Ingliż (fi żmien 24 siegħa) intbagħtu lill-awtoritajiet kompetenti Ġermaniżi u Ingliżi permezz tal-Uffiċċji Nazzjonali tal-Eurojust. Fi ftit sigħat minn x'ħin waslu, tħejjew il-formalitajiet legali u prattiċi meħtieġa fil-Ġermanja u fir-Renju Unit sabiex jiġu eżegwiti l-miżuri mitluba, u, permezz tal-Uffiċċji Nazzjonali fl-Eurojust, ġew ikkomunikati l-isfidi futuri possibbli minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni suffiċjenti dwar l-allegat reat fil-EAW lill-awtoritajiet Spanjoli. Barra minn hekk, ġiet irranġata l-estensjoni tal-mandat ta' perkwiżizzjoni fir-Renju Unit biex jinkludi vettura mhux imsemmija fl-LoR. Il-Membru Nazzjonali Spanjol ħadem ukoll mill-qrib mal-maġistrat ta' kollegament għal Spanja f'Londra sabiex jassisti lill-awtoritajiet nazzjonali.

Fl-erbgħa ta' filgħodu tat-28 ta' Ġunju, l-awtoritajiet fil-Ġermanja, fi Spanja u fir-Renju Unit nedew operazzjoni ta' suċċess li wasslet għall-arrest tas-sitt membri suspettati tal-grupp. L-operazzjoni kienet ikkoordinata mill-Eurojust u appoġġjata minn speċjalista tal-Europol fil-qlieda kontra t-terroriżmu mibgħut fi Spanja. Il-pulizija Spanjoli wkoll intbagħtu fuq il-post fil-Ġermanja u fir-Renju Unit waqt il-jum ta' azzjoni.

L-Eurojust kompliet tikkoordina u tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali wara l-jum ta' azzjoni. Ftit wara l-arresti, l-awtoritajiet Spanjoli bagħtu informazzjoni addizzjonali lill-kollegi Ġermaniżi u Ingliżi sabiex isolvu kwistjonijiet relatati man-nuqqas ta' informazzjoni suffiċjenti fl-EAW inizjali (skont ir-rekwiżiti tal-prinċipju ta' speċjalità għall-produzzjoni ta' tliet siltiet bil-vidjo), u ffaċilitaw id-deċiżjonijiet ta' konsenja mill-awtoritajiet ta' eżekuzzjoni. L-uffiċċji tal-prosekuzzjoni pubblika rispettivi ngħataw informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex jippermettu l-konsenji skont l-Artikolu 15(2) tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-mandat ta' arrest Ewropew. Bħala riżultat ta' dan, il-persuna arrestata fil-Ġermanja ġiet ikkonsenjata b'suċċess lill-awtoritajiet Spanjoli.

Barra minn hekk, l-Eurojust iffaċilitat l-identifikazzjoni u l-għażla tal-oġġetti rilevanti ssekwestrati fil-Ġermanja waqt il-jum ta' azzjoni, li setgħu jservu bħala evidenza fil-

proċedimenti Spanjoli. L-Uffiċċji Nazzjonali tal-Ġermanja u Spanja pprovdew ukoll xi kjarifiki lill-prosekutur ewlieni fil-Ġermanja, u b'hekk ippermettew li tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-qorti nazzjonali kompetenti biex l-oġġetti ssekwestrati jiġu trasferiti waqt il-perkwiżizzjonijiet. L-oġġetti ssekwestrati ntbagħtu skont l-Artikolu 29 FD EAW.

Xi xhur wara l-jum ta' azzjoni, l-Eurojust ospitat laqgħa ta' koordinazzjoni li matulha l-awtoritajiet nazzjonali parteċipanti mill-Ġermanja, Spanja u r-Renju Unit ipprovdew feedback dwar it-tħejjija u l-eżekuzzjoni tal-jum ta' azzjoni. Iddiskutew ukoll is-sitwazzjoni attwali fil-proċedimenti pendenti u l-possibbiltajiet għal kooperazzjoni futura. Waqt il-laqgħa ta' koordinazzjoni, l-awtoritajiet Ingliżi taw lil Spanja l-materjal issekwestrat waqt il-jum ta' azzjoni. Il-persuna arrestata fir-Renju Unit ingħatat f'idejn Spanja.

Il-koordinazzjoni u l-assistenza tal-Eurojust kienet stmata ferm mill-awtoritajiet Spanjoli, li emmnu li mingħajr din l-assistenza, kien ikun impossibbli li ssir operazzjoni multinazzjonali simultanja daqstant ikkumplikata, speċjalment minħabba l-ħin estremament qasir għat-tħejjija. L-assistenza tal-Eurojust kienet kruċjali wkoll fis-segwitu tal-jum ta' azzjoni b'suċċess u l-kooperazzjoni kontinwa bejn l-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati.

Manwal tal-Eurojust dwar is-CBRN-E

Il-ħarġa tal-aħbarijiet tal-Eurojust #15

## 2.2 Iċ-ċiberkriminalità

**Xogħol fuq każijiet** L-investigazzjonijiet taċ-ċiberkriminalità inevitabbilment jeħtieġu li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji jikooperaw u jikkoordinaw azzjonijiet investigattivi ma' awtoritajiet f'ġurisdizzjonijiet differenti. L-Eurojust appoġġjat 70 każ, organizzat 9 laqgħat ta' koordinazzjoni u ċentru ta' koordinazzjoni, u appoġġjat 7 JITs, li erbgħa minnhom ġew stabbiliti reċentement. L-aktar Stati Membri rikjedenti kienu r-Rumanija, il-Ġermanja u n-Netherlands. L-aktar Stati Membri rikjesti kienu lr-Renju Unit, Franza u l-Ġermanja.

Il-każ NotPetya enfasizza l-importanza ta' rispons ikkoordinat immedjat għal attakki ċibernetiċi fuq skala kbira u għalhekk il-valur miżjud tal-involviment bikri tal-Eurojust u tal-Europol.

Fis-27 ta' Ġunju 2017, seħħ attakk ċibernetiku massiv, li affettwa s-sistemi tal-kompjuter madwar id-dinja. Moħbi bħala programm ta' riskatt, is-softwer malizzjuż li ntuża fl-attakk, imsejjaħ NotPetya, infirex permezz tan-netwerk tal-kompjuter kompromess ta' bejjiegħ Ukren ta' softwer tal-kontabbiltà. Minħabba l-attakk, is-sistemi tal-IT ta' diversi kumpaniji ġarrbu ħsara irreparabbli. Fost il-vittmi kien hemm kumpaniji kbar u medji f'bosta Stati Membri u f'pajjiżi madwar id-dinja. L-intervent rapidu mid-dipartimenti tal-IT tal-kumpaniji affettwati, inkluż l-imblukkar parzjali jew sħiħ tal-aċċess għan-netwerk, ipprevjena lill-programm malizzjuż NotPetya milli jkompli jinfirex.

Fi ftit sigħat mill-attakk, l-awtoritajiet ġudizzjarji Franċiżi fetħu investigazzjoni kriminali u talbu l-assistenza tal-Eurojust. Investigazzjonijiet paralleli nbdew f'għadd ta' pajjiżi madwar id-dinja. Biex dawn l-isforzi jiġu kkoordinati, saret laqgħa fl-Europol f'Lulju, u saret laqgħa ta' koordinazzjoni fl-Eurojust f'Settembru, li kienet tinvolvi 10 Stati Membri u l-Ukrajna. F'Diċembru ġiet stabbilita JIT biex jiġu żgurati l-ġbir f'waqtu tal-evidenza elettronika u l-

koordinazzjoni tal-isforzi investigattivi fil-pajjiżi parteċipanti, filwaqt li jiġu indirizzati d-differenzi fl-oqfsa legali.

**Kooperazzjoni mal-Europol** L-Eurojust ikkooperat mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati ewlenin tagħha, b'mod partikolari permezz tal-issekondar tal-Espert Nazzjonali tal-Eurojust dwar iċ-Ċiberkriminalità għall-EC3, il-promozzjoni ta' involviment bikri tal-awtoritajiet ġudizzjarji u l-iffaċilitar tal-iskambju ta' informazzjoni, kif ukoll l-appoġġ lit-Task Force Konġunta ta' Azzjoni kontra ċ-Ċiberkriminalità (J-CAT). L-Eurojust u l-Europol aġġornaw id-dokument konġunt dwar l-isfidi komuni fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità, li kien ippubblikat bħala Dok. UE 7021/17.

Sa mill-2016, l-Eurojust tappoġġja l-proġetti Ewropej ta' Azzjoni kontra l-Kurriera ta' Flus Miksuba Illegalment (EMPACT), imsejħa EMMA I, II u III. Kull azzjoni kienet tikkonsisti f'ġimgħa ta' azzjoni operattiva, segwita minn ġimgħa ta' kampanji fuq il-midja biex titqajjem kuxjenza fost il-pubbliku dwar il-kurrieri tal-flus miksuba illegalment. Il-fokus ta' EMMA nbidel mas-snin mis-sempliċi identifikazzjoni ta' kurriera tal-flus għall-identifikazzjoni tal-organizzazzjonijiet kriminali li jingaġġaw lill-kurriera tal-flus, kif ukoll il-prevenzjoni ta' telf finanzjarju, u l-iffriżar u s-sekwestru tal-profitti illegali. L-Eurojust tgħin fil-koordinazzjoni tal-investigazzjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali u tipprovdi pariri dwar l-ostakoli legali possibbli li jirriżultaw mill-investigazzjonijiet transfruntiera u l-ispeċifiċitajiet tal-kooperazzjoni pubblika-privata mas-settur bankarju. Ir-riżultati ta' dawn l-attivitajiet ikkoordinati fost l-Istati Membri kollha, il-Federazzjoni Bankarja Ewropea, l-Europol u l-Eurojust juru li jista' jinkiseb aktar meta l-kurriera tal-flus miksuba illegalment jiġu indirizzati fuq livell internazzjonali.

**Kooperazzjoni mal-EJCN** L-Eurojust tappoġġja lill-EJCN (*ara* Taqsima 5.4), u tikkoopera mill-qrib ma' dan in-netwerk fl-iżvilupp ta' numru ta' attivitajiet dwar il-kriptaġġ (*ara* Taqsima 3.1); iż-żamma tad-data (*ara* Taqsima 3.2); investigazzjonijiet ta' Darknet; u l-evidenza elettronika.

Bl-assistenza tal-EJCN, l-Eurojust wettqet żewġ analiżijiet fil-qasam tal-kriminalità bl-użu tal-internet: waħda dwar l-impatt tad-deċiżjoni tal-QtĠ tal-UE dwar iż-żamma ta' data, u waħda dwar il-possibbiltajiet tal-Istati Membri li jagħmlu investigazzjonijiet online dwar il-kriminalità tad-Darknet u l-esperjenzi tagħhom f'dan. L-eżitu tal-analiżi preliminari ta' dan tal-aħħar intuża bħala input għall-Konferenza dwar Darknet, organizzata mill-Europol f'Ottubru 2017, fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali (OAP) dwar l-Armi tan-Nar.

L-esperti tal-Eurojust u l-membri tal-EJCN ipparteċipaw f'laqgħat dwar l-evidenza elettronika, organizzata mill-Kummissjoni, fejn ipprovdew input mix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet u identifikaw l-aħjar prattika mill-Istati Membri.

Il-laqgħat plenarji tal-EJCN fl-Eurojust jipprovdu pjattaforma għall-qsim tal-esperjenzi, tal-għarfien espert u tal-aħjar prattika fost atturi ewlenin fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità, jiġifieri r-rappreżentanti mill-awtoritajiet nazzjonali, l-Uffiċċji Nazzjonali fl-Eurojust, l-osservaturi tal-EC3, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Kap tas-Segretarjat tal-NĠE. Il-każ ta' Darkweb, appoġġjat mill-Eurojust u mill-EC3, ġie ppreżentat waqt il-laqgħa plenarja u wera l-ħafna sfidi tekniċi u legali fil-ġlieda kontra l-kriminalità fuq id-Darkweb. L-EJCN ikkunsidra l-approċċ li ntuża fl-investigazzjoni bħala l-aħjar prattika, u seta' jservi bħala eżempju ewlieni għall-operazzjonijiet futuri kontra postijiet tas-suq illegali simili għal dawk ta' Darkweb.

**Moniter Ġudizzjarju taċ-Ċiberkriminalità (CJM)** L-Eurojust ippubblikat it-tielet CJM tagħha, li huwa għodda ta' rapportar li jappoġġja lill-prattikanti fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' ċiberkriminalità. Dan jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-iżviluppi leġiżlattivi u analiżijiet ta' każistika fl-oqsma taċ-ċiberkriminalità, il-kriminalità bl-użu tal-internet u l-evidenza elettronika. Huwa jinkludi l-eżitu tal-analiżi tal-impatt tad-deċiżjoni tal-QtĠ dwar iż-żamma ta' data. F'bosta Stati Membri, il-qrati diġà qiesu l-validità ta' regoli nazzjonali dwar iż-żamma ta' data. S'issa, madankollu, l-ebda waħda minnhom ma invalidat il-liġijiet nazzjonali dwar iż-żamma ta' data. Is-CJM jippreżenta wkoll analiżi preliminari tar-reviżjoni tal-Eurojust tal-possibbiltajiet investigattivi disponibbli għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, kif ukoll tal-isfidi prattiċi u legali li jiffaċċjaw meta jinvestigaw dwar id-Darkweb. Il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni transfruntiera f'dawn l-investigazzjonijiet huma essenzjali għas-suċċess tagħhom, minħabba d-diversi ġurisdizzjonijiet involuti. Jidher li l-JITs qed iġibu valur miżjud partikolari f'dan il-qasam.

**Sensibilizzazzjoni** L-Eurojust ippreżentat ix-xogħol tagħha fuq iċ-ċiberkriminalità waqt diversi seduti ta' smigħ tal-Kumitat LIBE fil-Parlament Ewropew. Waqt is-seduta ta' smigħ dwar l-abbuż sesswali u l-isfruttament tat-tfal, l-Eurojust ippreżentat l-analiżi tax-xogħol tagħha fuq il-każijiet ta' sfruttament sesswali tat-tfal online.

**Operazzjonijiet kontra netwerk kriminali ta' Usenet**

Fil-każijiet ta' ċiberkriminalità, l-azzjoni f'waqtha hija kruċjali. B'għafsa ta' buttuna, id-data tista' titneħħa jew tiġi trasferita minn ġurisdizzjoni għal oħra - mhux biss fl-Unjoni Ewropea, iżda wkoll għal partijiet oħrajn tad-dinja.

F'Ottubru 2017, l-Uffiċċju Nazzjonali Ġermaniż ġab żewġ każijiet relatati fl-Eurojust li kienu jinvolvu allegat ksur serju tal-liġi Ġermaniża dwar il-proprjetà intellettwali. L-OCGs tal-piraterija online kienu ssuspettati li qegħdin jimmaniġġjaw portali ta' piraterija bbażati fuq l-Internet li joffru eluf ta' materjal liċenzjat jew protetti bid-drittijiet tal-awtur, bħal films, softwer u programmi televiżivi.

Għalkemm ir-reklamar għal dan il-kontenut ma kienx moħbi fuq il-Web viżibbli (mhux Web inviżibbli) taħt dominji bħal www.town.ag u www.usenetrevolution.info, dan il-kontenut kien maħżun fl-hekk imsejjaħ Usenet. Il-mexxejja tal-OCGs huma ssuspettati li qalgħu aktar minn EUR 1 miljun bil-bejgħ tal-aċċess ta' sħubija għal Usenet ugwali. Il-ħsara kkawżata mill-ksur tad-drittijiet tal-awtur hija stmata għal EUR 7.5 miljun.

Is-servers għal dawn l-attivitajiet kollha kienu mħaddma minn kumpaniji differenti b'sussidjarji fi Franza, in-Netherlands, San Marino u l-Kanada. Barra minn hekk, tnejn mit-68 suspettat kienu jinsabu fl-Iżvizzera u wieħed mis-suspettati ewlenin kien jinsab fi Spanja. Twaqqaf ċentru ta' koordinazzjoni biex jappoġġja l-kooperazzjoni ġudizzjarja ma' dawn il-pajjiżi u biex jiġu eżegwiti talbiet oħra kif xieraq u f'waqthom.

Peress li l-kontroll kien f'idejn żewġ Uffiċċji tal-Prosekuzzjoni Pubblika Ġermaniżi u l-persuni fil-mira kienu jinsabu fil-Ġermanja u barra l-Ġermanja, iċ-ċentru ta' koordinazzjoni kien konxju mill-ħtieġa li jiżgura li d-diversi azzjonijiet mitluba jkunu sinkronizzati kif xieraq. Saru talbiet ta' kooperazzjoni lil Franza u lin-Netherlands permezz ta' EIO u lil pajjiżi oħrajn permezz ta' LoRs. Għalkemm il-parti l-kbira tas-suspettati kienu jinsabu fil-Ġermanja, inħareġ EAW għas-suspettat fi Spanja.

L-ipprogrammar tal-ħin tal-kooperazzjoni għas-sekwestru tad-data kien ċentrali għal dan il-każ. Għall-finijiet ta' prosekuzzjoni, kien essenzjali li jittieħed kontroll tal-portali tal-piraterija bbażati fuq l-Internet. Fi stadju bikri, iċ-ċentru ta' koordinazzjoni ġie infurmat li l-awtoritajiet Ġermaniżi kien irnexxielhom fil-fatt jiksbu l-passwords li jagħtu aċċess dirett għal ħafna mis-servers. L-Eurojust ikkuntattjat minnufih lill-Istati Membri kollha rilevanti u talbithom jipposponu l-operazzjonijiet kollha kontra l-kumpaniji ospitanti rilevanti.

L-iskeda tal-miżuri nbidlet kontinwament waqt il-jum ta' azzjoni sabiex jiġu akkomodati l-ħtiġijiet operattivi li bdew jinbidlu l-ħin kollu. L-Eurojust intervjeniet malajr tul il-jum ta' azzjoni sabiex tiżgura sinkronizzazzjoni mill-aqwa tal-operazzjonijiet fost il-pajjiżi parteċipanti. Ġew arrestati tnejn minn nies, saru 76 tfittxija, u ġew issekwestrati bosta siti web, servers, kompjuters u evidenza elettronika.

Dan l-ammont kbir ta' data nkiseb permezz ta':

- l-aċċess għad-data u t-tniżżil tagħha mis-servers tal-Internet permezz ta' laptops jew passwords miftuħa u misjuba waqt it-tfittxijiet fid-djar tas-suspettati fil-Ġermanja;
- is-sekwestru ta' servers oħrajn, li kien preżunt li kienu jinsabu fil-bini tal-kumpaniji ospitanti fi Franza u l-Kanada; u
- il-konfiska ta' dokumenti u informazzjoni estensiva dwar tranżazzjonijiet minn kumpaniji fi Spanja u fin-Netherlands.

Il-miżuri kellhom impatt li mar lil hinn min-netwerks kriminali f'dan il-każ. Matul il-jum ta' azzjoni, siti web tal-piraterija oħrajn fuq Usenet marru offline. OCGs simili aktarx li rrealizzaw li kienet ittieħdet azzjoni ġudizzjarja internazzjonali u ddeċidew li jgħalqu s-servers tagħhom biex jevitaw il-prosekuzzjoni.

## 2.3 It-traffikar tal-migranti

**Xogħol fuq każijiet** In-numru ta' każijiet riferuti lill-Eurojust żdied minn 32 każ fl-2014 għal 64 fl-2017. L-Eurojust organizzat 15-il laqgħa ta' koordinazzjoni, żewġ ċentri ta' koordinazzjoni u 14-il JIT, li sitta minnhom kienu stabbiliti ġodda, prova tal-ħtieġa li tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni permezz ta' għodda ta' kooperazzjoni ġudizzjarja sabiex il-fenomenu jiġi indirizzat fil-livell internazzjonali. L-aktar Stati Membri rikjedenti kienu l-Awstrija, il-Greċja u l-Italja. L-aktar Stati Membri rikjesti kienu l-Ġermanja, il-Bulgarija u l-Italja.

In-numru ġenerali ta' każijiet riferuti lill-Eurojust jibqa', madankollu, relattivament baxx meta mqabbel mal-kobor tal-kriżi attwali tal-migrazzjoni u n-numru preżunt ta' migrazzjonijiet iffaċilitati.

L-Eurojust kompliet tagħti l-appoġġ tagħha li kien ibbażat fuq informazzjoni ġudizzjarja li rċeviet mingħand il-punti ta' kuntatt ġudizzjarji ddedikati tagħha fl-Italja u fil-Greċja, lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti tal-hotspots permezz tal-Uffiċċji Nazzjonali tagħha.

L-awtoritajiet ġudizzjarji qegħdin jippromwovu approċċ ta' kooperazzjoni ġudizzjarja reġjonali fil-kuntest tat-Task Force tal-Baħar tat-Tramuntana. Din ġiet imwaqqfa f'April 2016. Hija tlaqqa' awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji mill-Belġju, Franza, in-Netherlands u r-Renju Unit, kif ukoll mill-Eurojust u l-Europol, sabiex jiskambjaw informazzjoni u jtejbu l-koordinazzjoni tal-prosekuzzjonijiet.

Każ minnhom juri l-attivitajiet ta' suċċess tat-Task Force. Il-każ kien jikkonċerna OCG issuspettat li jiffaċilita l-immigrazzjoni illegali minn pajjiżi bħall-Afganistan, il-Pakistan u l-Vjetnam fl-Unjoni Ewropea bi ksur tal-liġi dwar l-immigrazzjoni. L-OCG kien issuspettat ukoll dwar ħasil tal-flus. Kien maħsub li l-OCG ittrasporta migranti f'vetturi adattati apposta, li kienu jgħaddu mill-Bulgarija, mill-Belġju, minn Franza u min-Netherlands biex fl-aħħar jaslu fir-Renju Unit. L-investigazzjonijiet ta' dan l-OCG bdew fl-2016 fir-Renju Unit u fin-Netherlands, u ġew skoperti l-konnessjonijiet mat-tliet Stati Membri l-oħrajn. Wieħed mill-aspetti tal-każ kien li laqqa' għadd ta' pajjiżi li jinsabu tul parti mir-rotta tat-traffiku: il-pajjiż ta' destinazzjoni (ir-Renju Unit), il-pajjiżi ta' transitu (il-Belġju, il-Bulgarija, il-Ġermanja, Franza u n-Netherlands) u pajjiżi li fihom l-OCG sab appoġġ loġistiku (b'mod partikolari Franza, fejn il-vetturi ġew adattati).

Kif enfasizzaw il-prattikanti fil-Laqgħa tal-Eurojust dwar it-traffikar tal-migranti f'Ġunju, in-natura tal-każijiet ta' traffikar tal-migranti titlob kooperazzjoni msaħħa bejn il-pajjiżi ta' oriġini, ta' transitu u ta' destinazzjoni, u b'hekk, dawn il-każijiet huma kandidati naturali għall-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali. Il-laqgħa ntemmet bi qbil dwar il-ħtieġa li l-OCG kollu jiġi żarmat u pproċessat, minflok jiġu pproċessati s-segmenti nazzjonali separatament. L-iskambju bikri ta' informazzjoni kien identifikat bħala l-aħjar prattika f'dan il-kuntest. Issemma wkoll it-titjib tal-kooperazzjoni ma' Stati terzi. F'dak ir-rigward, ix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet jindika li kien hemm kooperazzjoni f'okkażjoni minnhom mal-Libanu, l-Istat tal-Libja, it-Turkija u l-Iżvizzera, u darbtejn mas-Serbja.

**Żwiġijiet fittizji**

Iż-żwiġijiet fittizji jidhru li qegħdin dejjem aktar jintużaw bħala *modus operandi* biex jiġu ttraffikati migranti fl-Unjoni Ewropea, b'indikazzjonijiet li l-OCGs huma konxji sew tad-differenzi fil-liġijiet fl-Istati Membri, u għandhom it-tendenza li jagħżlu lil dawk b'qafas legali permissiv.

Fl-2014 u fl-2015, l-Irlanda ffaċċjat żieda konsiderevoli ta' applikazzjonijiet għall-asil minn ċittadini mhux tal-UE mis-subkontinent Indjan. Fl-istess perjodu, ġiet osservata żieda sinifikanti fi żwiġijiet bejn ċerti ċittadini mhux tal-UE u ċittadini tal-UE, l-aktar bejn irġiel mis-subkontinent Indjan u nisa mill-Ewropa tal-Lvant u l-Portugall. L-investigazzjonijiet ta' dan il-fenomenu wrew li l-applikanti għall-asil użaw dan il-proċess sabiex jistabbilixxu status fl-Irlanda minkejja li l-parti l-kbira ta' dawk l-irġiel kellhom status ta' immigrazzjoni u passat preċedenti fir-Renju Unit. Fil-każ tan-nisa kkonċernati, il-motivazzjoni kienet sempliċement il-gwadann finanzjarju.

Fl-2016, l-Uffiċċju Nazzjonali Irlandiż fetaħ każ sabiex ifittex kooperazzjoni ġudizzjarja mil-Latvja bl-għan li dawk li possibbilment jorganizzaw u jirreklutaw lill-għarajjes Latvjani jitressqu quddiem il-ġustizzja. Il-persuni ewlenin fil-mira tal-investigazzjoni Irlandiża kienu raġel Pakistani ċittadin residenti fl-Irlanda u mara Latvjana wkoll residenti fl-Irlanda. Il-mara ssuspettata kienet tivvjaġġa regolarment lejn il-Latvja u kien mifhum li kienet torganizza għadd ta' żwiġijiet ta' konvenjenza li jinvolvu nisa Latvjani reklutati minnha.

Fl-ewwel laqgħa ta' koordinazzjoni fi Frar 2016, l-awtoritajiet Latvjani kkonfermaw li fl-investigazzjoni tagħhom stess, is-suspettat ewlieni kien ċittadin Pakistan ieħor li kien imexxi netwerk involut f'mill-inqas 60 żwieġ ta' konvenjenza. Is-suspettati kienu relatati u l-*modus operandi* użat kien ikkonfermat kemm mill-awtoritajiet Latvjani kif ukoll dawk Irlandiżi.

It-tieni laqgħa ta' koordinazzjoni saret fi Frar 2017 sabiex jiġu solvuti l-isfidi ewlenin fil-każ, b'mod partikolari l-karatterizzazzjoni legali tar-reati u l-kwistjoni tal-kriminalità doppja.

Iż-żwiġijiet ta' konvenjenza mhumiex kriminalizzati skont il-liġi Irlandiża, li jħalli biss reati anċillari bħall-konspirazzjoni għall-frodi, qerq jew il-preżentazzjoni ta' dokumenti foloz bħala bażi għat-tressiq ta' akkużi kriminali. Il-pieni għal dawn ir-reati huma minimi.

Fil-Latvja, ir-reat kriminali taż-żwieġ ta' konvenjenza ġie introdott fil-Kodiċi Kriminali fl-2013, iżda l-prosekuzzjonijiet xorta waħda kienu diffiċli, minħabba li l-każistika kienet limitata u l-pieni imposti kienu jvarjaw ħafna. Barra minn hekk, kienu se jinqalgħu problemi ta' ġurisdizzjoni jekk parti mir-reat ma kienx qed isir fit-territorju Latvjan u jekk il-każ kien jikkonċerna biss attentat.

Il-persuna ewlenija fil-mira fl-Irlanda kienet inżammet fl-Irlanda għall-ksur tal-liġi dwar l-immigrazzjoni, u l-awtoritajiet Irlandiżi ssuġġerew li jikkonsenjaw lis-suspettat lil-Latvja sabiex jaffaċċja l-akkużi ta' żwieġ ta' konvenjenza. Ġew ikkunsidrati kemm ordni ta' deportazzjoni kif ukoll konsenja bbażata fuq EAW. Peress li deportazzjoni ma tispeċifikax id-destinazzjoni, din il-miżura kellha r-riskju li s-suspettat ma jmurx il-Latvja u b'hekk ifixkel l-iskop tal-investigazzjoni kontrih. Il-konsenja wara EAW mil-Latvja kienet teħtieġ reat korrispondenti fl-Irlanda. Ġiet ikkunsidrata l-lista ta' reati fid-Deċiżjoni Qafas tal-2002 dwar il-EAW u l-parteċipanti tal-laqgħa qablu li kellha tittieħed deċiżjoni wara li tiġi definita l-istrateġija tal-prosekuzzjoni Latvjana. Biex jiġi żgurat li s-suspettat ewlieni Irlandiż jiġi pproċessat, il-parteċipanti kkunsidraw proċess in absentia fil-Latvja bħala opzjoni oħra. L-awtoritajiet Irlandiżi offrew li jiffaċilitaw din l-opzjoni u li jipprovdu evidenza għal dak l-għan. Finalment, inħarġet ordni ta' deportazzjoni kontra l-persuna Irlandiża ewlenija fil-mira wara r-revoka tal-istatus ta' immigrazzjoni tiegħu.

B'reazzjoni għal dan il-fenomenu, l-awtoritajiet Irlandiżi bdew jindirizzaw il-kwistjoni mill-bidu nett, billi qajmu kuxjenza fost il-persunal involut fl-ipproċessar taż-żwiġijiet. Din l-istrateġija ta' sfrattu, stabbilita flimkien mal-Eurojust u għadd ta' Stati Membri, ħalliet ir-riżultati tagħha, peress li n-numru ta' applikazzjonijiet għaż-żwiġijiet naqas b'mod drastiku mill-2015.

Il-membri tal-operazzjoni qegħdin jikkooperaw mal-Istati Membri l-oħrajn, bl-appoġġ tal-Eurojust u tal-Europol, fl-espożizzjoni ta' żwiġijiet fittizji, u bħalissa għaddejja investigazzjoni pan-Ewropea. Barra minn hekk, l-investigazzjoni Irlandiża żviluppat u ffukat ukoll fuq iż-żwiġijiet li seħħew fl-2012 u fl-2013.

**Grupp Tematiku dwar it-traffikar tal-migranti** Il-Grupp Tematiku kompla l-attivitajiet tiegħu sabiex jgħin lill-uffiċċji tal-prosekuzzjoni affettwati mit-traffikar tal-migranti. Ġew ippubblikati l-analiżijiet tal-ġurisprudenza nazzjonali ta' każijiet Taljani, Spanjoli u Franċiżi. Dawn l-analiżijiet jenfasizzaw l-ostakoli speċifiċi għall-pajjiżi u s-soluzzjonijiet li nstabu biex jiġu megħluba. Pereżempju, l-analiżi tal-ġurisprudenza Taljana tiddeskrivi soluzzjonijiet biex tiġi asserita l-ġurisdizzjoni Taljana fl-ibħra internazzjonali, filwaqt li l-analiżi tal-ġurisprudenza Franċiża tindika l-prevalenza ta' dokumenti foloz ta' identifikazzjoni u r-rispons tal-leġiżlaturi sabiex iżidu l-pieni f'dan ir-rigward.

**Kooperazzjoni mal-Europol** L-Eurojust għandha punt ta' kuntatt mal-Punt ta' Kontroll tal-Proġett tal-Analiżi, l-interfaċċa operattiva tal-Eurojust mas-settur tal-infurzar tal-liġi u, b'mod partikolari, l-Europol, sabiex tiddiskuti każijiet ta' interess komuni. Barra minn hekk, l-Eurojust qed tesplora l-possibbiltajiet biex tkompli tiżviluppa relazzjonijiet operattivi mill-qrib maċ-

Ċentru Ewropew kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti (EMSC) ibbażat fl-Europol.

**Sensibilizzazzjoni** L-Eurojust tikkoopera mill-qrib mal-istituzzjonijiet tal-UE u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn attivi fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-migranti. Ġie msaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni mal-imsieħba rilevanti, bħall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSKD), u ġew esplorati opportunitajiet oħrajn sabiex jitrawwem l-iskambju ta' informazzjoni mal-Uffiċjali għall-Komunikazzjoni dwar l-Immigrazzjoni fil-kuntest tal-proċess ta' reviżjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 377/2004. Barra minn hekk, l-Eurojust ikkontribwiet għar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni u enfasizzat, fost affarijiet oħra, li l-korpi tal-infurzar tal-liġi nazzjonali jeħtieġ li jkunu mħeġġa jadattaw l-istrateġiji ta' prosekuzzjoni tagħhom sabiex jiffukaw fuq l-imħuħ prinċipali wara l-OCG. F'dan ir-rigward, l-għodod ta' kooperazzjoni ġudizzjarja tal-Eurojust jistgħu jipprovdu assistenza vitali.

L-iskambju ta' informazzjoni strateġika ma' EUNAVFOR MED kompla matul is-sena. L-Eurojust u l-FRONTEX bħalissa qegħdin jivvalutaw opportunitajiet ġodda ta' kooperazzjoni. Taħt il-qafas legali l-ġdid tal-FRONTEX, il-FRONTEX u l-Eurojust jistgħu jiskambjaw data personali għall-finijiet ta' investigazzjoni kriminali.

## 2.4 It-traffikar tal-bnedmin (THB)

**Ix-xogħol fuq il-każijiet** L-Eurojust irreġistrat 132 każ, żieda sinifikanti meta mqabbla mat-93 każ fl-2016, u organizzat 57 laqgħa ta' koordinazzjoni meta mqabbla ma' 33 fl-2016. L-aktar Stati Membri rikjedenti kienu r-Rumanija, ir-Renju Unit u l-Bulgarija. L-aktar Stati Membri rikjesti kienu r-Rumanija, il-Ġermanja u r-Renju Unit.

Żdied ukoll in-numru ta' JITs: 26 JIT ġew stabbiliti ġodda, li jwasslu għal totali ta' 51 JIT attiv. Disa' u tletin JIT irċevew finanzjament mingħand l-Eurojust. Il-JITs kienu jinkludu Stati terzi bħan-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Bożnija-Herzegovina. Ir-reati ta' THB spiss jitwettqu minn OCGs, xi drabi flimkien ma' ħasil tal-flus u reati kontra l-ħajja, l-integrità tal-persuna jew il-libertà personali. L-enfasi kontinwa fuq it-THB, fil-forma tal-Proġett Strateġiku, il-Pjan ta' azzjoni tal-Eurojust kontra t-THB u r-rakkomandazzjonijiet mogħtija fir-Rapport ta' Evalwazzjoni Finali, aktarx li kkontribwiet għal din iż-żieda fl-appoġġ operattiv.

**Rapport ta' Evalwazzjoni Finali** F'Jannar, l-Eurojust ippubblikat ir-*Rapport ta' Evalwazzjoni Finali tagħha dwar l-Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Eurojust kontra t-Traffikar tal-Bnedmin 2012-2016*. Dan jirrevedi x-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet kontra t-THB matul il-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2012 u l-31 ta' Diċembru 2016, u jiffoka fuq ix-xogħol li sar matul is-sentejn tal-Pjan ta' Azzjoni (2014-2016). Ir-Rapport wera li l-aktar tip komuni ta' sfruttament ta' vittmi tat-THB huwa l-isfruttament sesswali, segwit mill-isfruttament tal-ħaddiema. L-investigazzjonijiet ta' dan it-tip ta' reat huma kkumplikati; spiss dawn jinvolvu gruppi tal-kriminalità organizzati sew u vittmi vulnerabbli.

Ir-rapport iddeskriva wħud mill-isfidi li jinħolqu waqt l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet:

- il-ġbir u l-ammissibbiltà tal-evidenza;
- l-identifikazzjoni u l-lokalizzazzjoni tal-vittmi;
- l-affidabbiltà tad-dikjarazzjonijiet tal-vittmi;

- problemi relatati mal-kunflitti ta’ ġurisdizzjoni;
- l-eżekuzzjoni tal-EAW;
- l-użu ta’ tekniki investigattivi transfruntiera speċjali;
- il-kxif u l-konfiska tal-profitti ġġenerati mit-THB;
- il-prova ta’ ħasil tal-flus mill-OCGs involuti fit-THB; u
- id-differenzi f’liġijiet sostantivi u proċedurali tal-Istati Membri.

Ir-rapport enfasizza wkoll xi prattiki tajba: (i) L-Eurojust tipprovdi pjattaforma lill-awtoritajiet nazzjonali sabiex jiċċaraw kwistjonijiet u jsibu fehim komuni dwar il-mod kif għandhom jipproċedu billi torganizza laqgħat ta’ koordinazzjoni u tassisti fihom; (ii) l-Eurojust tista’ tgħin biex jissolvew kwistjonijiet ġurisdizzjonali; (iii) approċċ multidixxiplinari li jinvolvi lil NGOs, lid-dipartimenti tat-taxxa, lis-servizzi tal-immigrazzjoni u lill-aġenziji tal-infurzar huwa ta’ benefiċċju; (iv) il-bini tal-fiduċja tal-vittmi huwa importanti; u (v) l-istabbiliment ta’ JITs jista’ jgħin biex jissolvew problemi relatati mal-evidenza.

**Sensibilizzazzjoni** Minħabba l-kumplessità ta’ dan it-tip ta’ reat, jeħtieġ approċċ minn diversi aġenziji. L-Eurojust issuktat l-impenn tagħha lejn is-sħubija ma’ istituzzjonijiet oħrajn tal-UE u mal-aġenziji tal-JHA sabiex tissimplifika l-azzjonijiet u tottimizza r-riżorsi fil-ġlieda kontra t-THB. F’Marzu, il-Koordinatur ta’ Kontra t-Traffikar tal-UE ltaqa’ mal-President tal-Eurojust sabiex jiddiskutu l-aħħar żviluppi u l-ħidma futura fit-THB. L-Eurojust ippreżentat u ddiskutiet ukoll ir-rapport fil-grupp tal-Punti ta’ Kuntatt tat-THB mill-Aġenziji tal-JHA, ippresedut mill-Kummissjoni. L-Eurojust ipprovdiet input dwar l-abbozz tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, waqt li rrapportat dwar is-segwitu għall-*Istrateġija tal-UE dwar l-eradikazzjoni tat-traffikar tal-bnedmin* u identifikat aktar azzjonijiet konkreti. Qasam ta’ fokus tal-Komunikazzjoni huwa l-isfrattar tal-mudell kummerċjali li fuqu jiddependi t-THB, pereżempju bl-intensifikazzjoni tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet u bl-iffaċilitar tal-investigazzjonijiet proattivi finanzjarji u mmexxija mill-intelligence, l-irkupru tal-assi, l-iffriżar u l-konfiska tal-profitti, kif ukoll permezz ta’ kooperazzjoni aktar mill-qrib.

Barra minn hekk, l-Eurojust qasmet l-għarfien u l-aħjar prattika tagħha mal-UNODC: hija pparteċipat fil-Laqgħat tal-Grupp ta’ Esperti dwar il-Kooperazzjoni Legali internazzjonali fil-Każijiet tat-Traffikar tal-Persuni u pprovdiet input għall-abbozz tal-*Manwal dwar l-Investigazzjoni u l-Prosekuzzjoni tat-Traffikar tal-Bnedmin mad-Dinja Kollha*.

**JIT f’każ ta’ THB għall-isfruttament sesswali**

Il-każ jirrigwarda THB mis-Slovakkja lejn ir-Renju Unit għall-finijiet ta’ sfruttament sesswali. F’dan il-każ, it-traffikar huwa marbut ma’ forom oħrajn ta’ attività kriminali: ir-reati investigati fir-Renju Unit kienu jinkludu mhux biss THB iżda wkoll stupru, il-faċilitazzjoni tat-traffikar tal-bnedmin fir-Renju Unit, dokumenti foloz u reati oħrajn assoċjati. Fis-Slovakkja, l-investigazzjonijiet kienu relatati mal-estorsjoni, l-ostakolar tal-ġustizzja u t-tentattiv ta’ ostakolar tal-ġustizzja.

Il-ħtieġa li titwaqqaf JIT ġiet identifikata permezz ta’ kuntatti bilaterali bejn il-pulizija. L-Eurojust iffaċilitat il-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali matul it-tħejjija u t-twaqqif tal-JIT, u assistiet fl-abbozzar tal-ftehim tal-JIT u l-emendi sussegwenti tiegħu. Barra minn hekk, minħabba d-differenzi fis-sistemi legali, l-awtoritajiet Slovakki riedu ġustifikazzjoni għall-fatt li l-kap tal-JIT tar-Renju Unit kien uffiċjal tal-pulizija u mhux prosekutur. L-Eurojust iċċarat il-kwistjoni billi spjegat is-separazzjoni tal-funzjonijiet bejn l-awtoritajiet ta’ prosekuzzjoni u ta’

investigazzjoni fl-Ingilterra u Wales; dawn jaħdmu mill-qrib flimkien tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' każ kriminali, iżda r-rwoli tagħhom huma deskritti b'mod ċar. Fis-sistema tar-Renju Unit, prosekutur ma jistax jordna lil uffiċjal tal-pulizija sabiex jaġixxi, u lanqas ma jista' jikkontrolla jew imexxi investigazzjoni. Għaldaqstant, il-kap ta' JIT tar-Renju Unit irid ikun uffiċjal tal-pulizija. Barra minn hekk, l-Eurojust għenet biex tinstab soluzzjoni legali li kienet tinkludi traduttur għall-JIT.

Il-ftehim tal-JIT, li għalih ipparteċipat ukoll l-Eurojust, kien iffirmat f'Settembru 2013. L-Eurojust ipprovdiet ukoll appoġġ finanzjarju lill-JIT. Fil-fażi operattiva tal-JIT, l-Eurojust kienet involuta fid-diskussjonijiet u pprovdiet input dwar il-karattru legali ta' "ordnijiet ta' prevenzjoni ta' skjavitù u ta' traffikar" maħruġa fir-Renju Unit skont l-Att dwar l-Iskjavitù Moderna. Skont il-liġi tar-Renju Unit, il-ksur ta' ordni bħal din ikun reat ta' estradizzjoni fir-Renju Unit, li jġorr miegħu piena massima ta' ħames snin priġunerija, u seta' jinħareġ EAW. Madankollu, ebda strument ta' rikonoxximent reċiproku ma jippermetti lis-Slovakkja tieħu tali ordni f'idejha. Peress li l-ordnijiet tal-qorti nħarġu fuq il-bażi ta' liġi nazzjonali, li ma tittrasponix id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/947/JHA tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku, il-pulizija Slovakka tista' biss tipprovdi informazzjoni fil-livell tal-pulizija sabiex tinforma lill-awtoritajiet tar-Renju Unit dwar ksur possibbli ta' dawn l-ordnijiet fit-territorju tar-Repubblika Slovakka.

Aspett tipiku tar-reati ta' THB huwa li l-vittmi vulnerabbli jkunu jeħtieġu protezzjoni. Fil-ftehim tal-JIT ġew inklużi dispożizzjonijiet għal dan il-għan. Il-JIT żgurat il-preżenza tal-vittmi Slovakki fil-proċessi fir-Renju Unit, iffaċilitat ix-xhieda tal-uffiċjali Slovakki fil-proċessi fir-Renju Unit, u appoġġjat l-iskambju rapidu u kontinwu tal-informazzjoni.

Wara li ngħalqet l-investigazzjoni, 10 persuni ġew ikkundannati fir-Renju Unit għar-reat kriminali ta' THB u "reati oħrajn assoċjati" (jiġifieri żwiġijiet fittizji).

L-informazzjoni miġbura permezz tal-JIT ippermettiet li tinfetaħ il-proċedura kriminali fis-Slovakkja. L-investigazzjonijiet wasslu għall-kundanna ta' tliet persuni għall-estorsjoni u għall-ostakolar tal-ġustizzja.

**L-assistenza tal-Eurojust fit-twaqqif ta' JIT u fit-tħejjija ta' jum ta' azzjoni konġunta f'każ ta' THB u ta' ħasil tal-flus**

F'April 2016, l-awtoritajiet Rumeni fetħu investigazzjoni fuq OCG internazzjonali akkużat li ttraffika bnedmin għall-isfruttament sesswali, kontroll ta' prostituti u ħasil tal-flus. Il-vittmi nisa, li rriżultaw aktar vulnerabbli minħabba l-età, diżabilitajiet fiżiċi jew mentali, jew nuqqas ta' riżorsi finanzjarji, xogħol alternattiv jew rabtiet familjali, kienu mġiegħla jipprostitwixxu ruħhom fil-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, Spanja, l-Iżvizzera u r-Renju Unit minn membri tal-OCG. L-investigazzjoni żvelat li nkiseb ammont sostanzjali ta' flus mill-attivitajiet kriminali deskritti, bit-tranżazzjonijiet bankarji ġestiti mill-OCG jammontaw għal aktar minn EUR 5 miljun.

F'Settembru 2016, il-każ ġie riferut lill-Eurojust sabiex tappoġġja l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri u Stati terzi involuti, b'mod partikolari fit-twaqqif ta' JIT u t-tħejjija ta' jum ta' azzjoni konġunta. Fl-ewwel laqgħa ta' koordinazzjoni, fi Frar 2017, kien hemm qbil dwar it-twaqqif ta' JIT. Il-ftehim dwar il-JIT kien iffirmat f'Marzu bejn il-Belġju, ir-Rumanija u r-Renju Unit, bil-parteċipazzjoni tal-Membri Nazzjonali rispettivi. B'mod parallel, l-

Eurojust irċeviet, bagħtet u ffaċilitat l-eżekuzzjoni ta' talbiet ta' MLA mar-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja u l-Iżvizzera, pajjiżi li ma kinux parti għall-JIT.

It-tieni laqgħa ta' koordinazzjoni f'Mejju ntużat biex jiġi ppjanat il-jum ta' azzjoni konġunta. Barra minn hekk, il-parteċipanti f'dik il-laqgħa, bl-appoġġ tal-Eurojust, qablu dwar l-aħjar post għall-prosekuzzjoni. Waqt il-jum ta' azzjoni konġunta f'Ġunju, saru 71 perkwiżizzjoni fir-Rumanija u 20 perkwiżizzjoni fil-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, l-Iżvizzera u r-Renju Unit. Ġew ikkonfiskati ammonti kbar ta' flus, ġojjellerija, armi tan-nar, drogi u tagħmir elettroniku. Fl-istess jum, fir-Rumanija ġew arrestati 39 suspettat u tlieta fir-Renju Unit, u ġew interrogati 40 xhud. Barra minn hekk, fir-Rumanija ġew ordnati miżuri ta' ffriżar ta' assi li jammontaw għal aktar minn EUR 2 miljun. L-Eurojust ipprovdiet pariri lill-awtoritajiet nazzjonali waqt il-jum ta' azzjoni konġunta.

F'dan il-każ, l-Eurojust ipprovdiet ukoll appoġġ finanzjarju u loġistiku lill-JIT. L-Europol ikkontribwiet għall-iskambju ta' informazzjoni fost il-pajjiżi involuti u pprovdiet appoġġ operattiv billi organizzat laqgħa operattiva u t-tqabbil tal-informazzjoni li kienet dieħla.

L-Eurojust immonitorjat il-fluss tan-notifiki skont l-Artikolu 13(5) sa (7) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Eurojust, li jobbliga lill-Istati Membri jaqsmu ċerta informazzjoni mal-Eurojust.

*Article 13 cases*




| Article 13 | | No. cases* |
|---|---|---|
| Article 13(5) | JIT | 30 |
| Article 13(6)(a) | Serious crimes | 45 |
| Article 13(6)(b) | Involvement of criminal organisation | 34 |
| Article 13(6)(c) | Repercussions at EU level | 13 |
| Article 13(7)(a) | Conflicts of jurisdiction | 49 |
| Article 13(7)(b) | Controlled deliveries | 20 |
| Article 13(7)(c) | Repeated difficulties in execution of requests | 7 |

* Total number of Eurojust cases under which Article 13 notifications were submitted.

### Roadshows u seminars ta' reklamar

L-Eurojust organizzat, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali rispettivi, tliet seminars ta' reklamar (fil-Finlandja (Mejju), l-Iżvezja (Settembru), il-Portugall (Novembru), u seba' roadshows (fil-Bulgarija, Franza, il-Litwanja, l-Ungerija, ir-Rumanija u l-Finlandja), sabiex tippromwovi l-kompiti, il-ħidma u l-valur miżjud tal-Eurojust fi kwistjonijiet operattivi u r-rikonoxximent tal-Eurojust bħala ċ-ċentru ta' għarfien espert legali u ġudizzjarju fl-Unjoni Ewropea. Għal dawn is-seminars attendew prosekuturi, imħallfin u/jew awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.

### Strateġija ta' sensibilizzazzjoni

F'Diċembru, il-Kulleġġ approva l-istrateġija ta' sensibilizzazzjoni tal-Eurojust fl-Istati Membri sabiex tkompli żżid l-għarfien tal-awtoritajiet nazzjonali dwar is-servizzi u l-valur miżjud operattiv tal-Eurojust. L-istrateġija tirreferi għall-utilità taż-żjarat regolari tal-Membri Nazzjonali lill-awtoritajiet nazzjonali sabiex jiddiskutu kwistjonijiet relatati mal-każijiet u/jew jaġġornaw lil xulxin dwar il-politiki u l-iżviluppi. Tenfasizza wkoll l-għarfien prattiku miksub mill-prattikanti li jattendu ż-żjarat ta' studju fl-Eurojust, b'mod partikolari dawk li saru f'kooperazzjoni mal-EJTN. Barra minn hekk, l-istrateġija tipprevedi mod ġdid kif tippromwovi lill-Eurojust (tissostitwixxi s-seminars tal-kummerċjalizzazzjoni u r-roadshows) permezz ta' "workshops nazzjonali", organizzati mill-Uffiċċji Nazzjonali fl-Istati Membri sabiex jispjegaw is-servizzi tal-Eurojust u r-rwol ta' appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali u jippromwovu l-kompiti, ir-responsabbiltajiet u l-valur miżjud tagħha.

### Il-Programm ta' Skambju tal-EJTN

Fil-qafas tal-Programm ta' Skambju tal-EJTN, kien hemm 20 prosekutur/imħallef minn 11-il Stat Membru (BG, CZ, DE, ES, IT, LT, HU, AT, PL, PT, SI) li ħadu sehem fil-perjodi ta' apprendistat fit-tul (li damu tliet xhur jew erba' xhur) fl-Uffiċċji Nazzjonali tal-Eurojust, li appoġġjaw il-ħidma operattiva tagħhom. Barra minn hekk, 26 prosekutur/imħallef minn 16-il Stat Membru attendew żjara ta' studju ta' ġimgħa fl-Eurojust f'Settembru.

# Kapitolu 3 L-isfidi u l-aqwa prattika

## Introduzzjoni

Permezz tal-ħidma strateġika u operattiva tagħha, l-Eurojust tikkontribwixxi għall-identifikazzjoni tal-isfidi u l-aqwa prattika f'oqsma differenti tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali.

Fl-2017, l-Eurojust indirizzat diffikultajiet legali u prattiċi fl-oqsma tal-kriptaġġ, taż-żamma ta' data u tal-EAW. Minn meta skadiet it-traspożizzjoni għall-EIO fit-22 ta' Mejju 2017, l-Eurojust qed tassisti lill-awtoritajiet nazzjonali bl-applikazzjoni tal-EIO u billi tagħti pariri legali fil-każijiet operattivi meta jiltaqgħu ma' diffikultajiet. L-Eurojust se tkompli timmonitorja u tanalizza l-problemi potenzjali li jistgħu jinqalgħu.

## 3.1 Kriptaġġ

L-Eurojust organizzat sessjoni ta' ħidma f'Ġunju, flimkien mal-Kummissjoni u mal-EJCN, sabiex tiġbor informazzjoni dwar l-impatt tal-kriptaġġ fuq l-investigazzjonijiet kriminali u sabiex tesplora soluzzjonijiet prattiċi għall-kwistjonijiet identifikati. Is-sessjoni ta' ħidma ffukat fuq l-ivvalutar tal-qafas legali fl-Istati Membri, kif ukoll il-proċeduri, l-ostakoli u l-aħjar prattika legali. Dan kien ikopri dawn is-suġġetti li ġejjin: (a) l-impatt tal-kriptaġġ fuq il-prattika ta' kuljum tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet kriminali, (b) il-ġestjoni tal-kjavi tad-dekriptaġġ u l-provvista ta' data ta' test ċara, (c) il-ksur tal-kriptaġġ, u (d) l-elużjoni tal-kriptaġġ.

Il-parteċipanti enfasizzaw li l-kriptaġġ qiegħed dejjem aktar ifixkel l-investigazzjonijiet kriminali effettivi peress li aktar u aktar evidenza mill-attivitajiet kriminali qed tinbidel minn evidenza tradizzjonali bħal fajls tal-karti għal data f'forma elettronika. L-isfidi li joħloq il-kriptaġġ huma relatati kemm mal-ipproċessar u l-ħażna online kif ukoll offline tad-data. It-trattament tal-kwistjonijiet ta' kriptaġġ fl-investigazzjonijiet kriminali jqajjem mistoqsijiet legali u tekniċi.

B'rabta mal-ġestjoni tal-kjavi tad-dekriptaġġ u l-provvista ta' data ta' test ċara, saret distinzjoni bejn il-kooperazzjoni obbligatorja u volontarja ta' suspettat jew ta' parti terza. Il-parteċipanti indikaw li l-obbligi eżistenti ta' żvelar fil-leġiżlazzjoni ta' ċerti Stati Membri u l-ftehimiet volontarji fi Stati Membri oħrajn jistgħu ma jkunux qed jaħdmu bl-aħjar mod fil-preżent. Barra minn hekk, il-parteċipanti enfasizzaw li l-introduzzjoni ta' obbligu għal suspettat li jiżvela kjavi ta' dekriptaġġ jew data ta' test ċara tqajjem tħassib fir-rigward tad-dritt li wieħed ma jinkriminax lilu nnifsu. Fil-fehma professjonali tal-parteċipanti, kjavi ta' dekriptaġġ miksuba legalment waqt investigazzjoni tista', fil-prinċipju, tintuża għal aktar investigazzjonijiet.

Il-parteċipanti kkonkludew li l-kriptaġġ joħloq sfida immedjata għal investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet kriminali effiċjenti u effettivi. Waqt li kkunsidraw l-approċċi biex jindirizzaw din l-isfida, il-parteċipanti qablu li għandu jinstab bilanċ bejn l-interessi tal-investigazzjoni (li tkun teħtieġ l-aċċess effettiv għal xi data) u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

L-eżitu ta' din is-sessjoni ta' ħidma kien integrat fil-11-il rapport ta' progress tal-Kummissjoni, *Lejn Unjoni ta' Sigurtà effettiva u ġenwina*.

## 3.2 Iż-żamma ta' data

L-Eurojust malajr għamlet l-ewwel valutazzjoni tal-impatt fuq il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali fl-Unjoni Ewropea tas-sentenza tal-QtĠ-UE fil-Każijiet Magħquda C-203/15 u C-698/15 (Tele2 u Watson). Għal dan il-għan, intbagħat kwestjonarju dettaljat lill-membri tal-EJCN. Il-kwestjonarju kien jittratta d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali dwar iż-żamma ta' data fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tal-QTĠ-UE fid-deċiżjonijiet tagħha, b'mod speċifiku jekk il-qafas legali kienx jipprovdi għaż-żamma ta' data indiskriminata ġenerali/tal-massa, il-kamp ta' applikazzjoni tas-salvagwardji rigward kemm iż-żamma ta' data obbligatorja u l-aċċess sussegwenti, u fl-aħħar nett, l-impatt possibbli tas-sentenza fuq il-ġbir u l-ammissibbiltà tal-evidenza fil-pajjiż stess u f'kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali inġenerali. L-analiżi kienet tirrifletti l-fehmiet tal-prattikanti dwar il-kwistjoni. L-Eurojust ħarġet rapport f'Ġunju 2017, fost l-oħrajn lill-Kummissjoni u lill-Kunsill (Dok. tal-Kunsill 10098/17) u qasmitu mal-Europol. L-Eurojust se tkompli timmonitorja l-iżviluppi fl-Unjoni Ewropea dwar iż-żamma ta' data għall-finijiet ta' investigazzjonijiet kriminali, billi tiffoka fuq l-implikazzjonijiet fil-kuntest tal-kooperazzjoni ġudizzjarja.

## 3.3 Mandat ta' Arrest Ewropew (EAW)

L-Eurojust appoġġjat lill-awtoritajiet nazzjonali b'talbiet relatati mal-applikazzjoni tal-EAW, bi 320 każ li jirrigwardaw it-titjib tal-eżekuzzjoni tal-EAW rreġistrati u li jammontaw għal 12.5 fil-mija tal-każijiet kollha. Il-Greċja għamlet l-akbar numru ta' talbiet (44), segwita mill-Polonja (32), il-Bulgarija (27), l-Awstrija (27) u l-Iżvezja (23). L-aktar Stati Membri rikjesti ta' spiss kienu r-Renju Unit (54), Spanja (42), l-Italja (37), ir-Rumanija (27) u Franza (23).

L-Artikolu 16 tad-Deċiżjoni Qafas dwar l-EAW (DQ dwar l-EAW) jistabbilixxi li fil-każ ta' kunflitt bEJNEIO EAW, l-awtorità ġudizzjarja li tesegwixxi tista' tfittex il-parir tal-Eurojust fuq liema mill-mandati ta' arrest Ewropej għandu jiġi esegwit. Wara talbiet bħal dawn mir-Renju Unit (3), il-Belġju (2), Franza (1), in-Netherlands (1) u s-Slovenja (1), infetħu tmien każijiet ta' EAW f'kunflitt fl-Eurojust.

L-Artikolu 17(7) tad-DQ dwar l-EAW jistabbilixxi li, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jekk Stat Membru ma jkunx jista' josserva l-limiti ta' żmien iddikjarati fl-Artikolu 17, huwa għandu jinforma lill-Eurojust u jagħti r-raġunijiet għad-dewmien. Fl-2017, ġew irreġistrati 38 notifika ta' ksur bħal din. TnEJNEIO minn dawn il-każijiet kienu rreġistrati fil-Kulleġġ minħabba li kienu jeħtieġu aktar appoġġ mill-Uffiċċji Nazzjonali kkonċernati, filwaqt li s-36 każ l-ieħor ġew ippreżentati lill-Eurojust għall-informazzjoni biss. Dawn in-notifiki għadhom ikunu kkonċentrati f'xi Stati Membri. Biex tiżgura t-trażmissjoni strutturata lill-Eurojust ta' informazzjoni dwar dewmien fl-eżekuzzjoni tal-EAW, l-Eurojust ħejjiet formola PDF li tista' timtela. Dan il-mudell, żviluppat f'konsultazzjoni mal-esperti nazzjonali fl-Istati Membri, se jitqassam lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-ewwel kwart tal-2018.

Mis-sentenza *Aranyosi u Căldăraru* tal-QtĠ-UE tal-5 ta' April 2016, l-Eurojust innutat żieda fl-għadd ta' każijiet ta' EAW li fihom l-awtoritajiet ġudizzjarji sabu diffikultajiet bl-eżekuzzjoni tal-EAW minħabba kundizzjonijiet fil-ħabs allegatament inadegwati fl-Istati Membri emittenti. Fi Frar, il-Kulleġġ organizza diskussjoni tematika, *EAW u l-kundizzjonijiet fil-ħabs*, biex jiġu skambjati l-esperjenzi u l-aħjar prattika. Waqt id-diskussjoni, il-parteċipanti rreferew ukoll għas-sentenza msemmija hawn fuq u l-impatt tagħha fuq il-każijiet nazzjonali, u eżaminaw il-prospetti għal

aktar appoġġ mill-Eurojust lill-prattikanti nazzjonali. Barra minn hekk, f'Novembru, l-Eurojust ospitat laqgħa tal-esperti, *Il-ħolqien ta' għodda għall-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni,* li kienet organizzata minn FRA. Esperti nazzjonali minn 12-il Stat Membru, kif ukoll rappreżentanti minn FRA, il-Kummissjoni, is-Segretarjat tal-NĠE u l-Eurojust, iddiskutew l-iżvilupp ta' għodod possibbli għall-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni. L-eżitu tad-diskussjoni se jkun rifless f'rapport tal-FRA.

***Ir-Rapport dwar ix-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet fil-qasam tal-Mandat ta' Arrest Ewropew(2014-2016)*** jipprovdi tagħrif lill-prattikanti dwar il-problemi ewlenin identifikati fix-xogħol fuq il-każijiet tal' EAW. Dawn il-problemi jinkludu ostakoli legali u prattiċi fil-proċeduri ta' konsenja u spjegazzjonijiet ta' kif madankollu l-Eurojust ippruvat tegħlibhom kull meta kien possibbli. Ir-rapport jindirizza, fost l-oħrajn, il-kwistjonijiet li ġejjin: it-talbiet għal informazzjoni; it-trażmissjoni tal-EAWs; EAWs konfliġġenti; limiti ta' żmien; il-posponiment tal-konsenja u problemi relatati mal-konsenja effettiva; il-prosekuzzjoni għal reati oħrajn; l-assistenza pprovduta f'każijiet multilaterali kumplessi; u, finalment, l-impatt tal-każistika *Aranyosi u Căldăraru* u *Petruhhin* fix-xogħol fuq il-każijiet tal-Eurojust.

***Każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar l-EAW*** huwa prodott regolarment aġġornat tal-Eurojust li jipprovdi lill-prattikanti tal-UE b'ħarsa ġenerali lejn is-sommarji ta' sentenzi tal-QtĠ-UE relatati mad-Deċiżjoni Qafas 2002/584/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri. Dawn is-sommarji huma miġbura skont is-suġġett u jinkludu informazzjoni qasira dwar il-kuntest, il-mistoqsijiet magħmula lill-QtĠ-UE u r-raġunament legali tal-QtĠ-UE.

L-Eurojust ipproduċiet ukoll *Nota ta' Informazzjoni dwar is-Sentenza Petruhhin (Każ C-182/15) u r-Rwol tal-Eurojust*, ippubblikata bħala Dok. tal-Kunsill 15786/17 LIMITE. L-iskop ta' din in-nota huwa li tinforma lill-prattikanti tal-Istati Membri dwar il-konsegwenzi tas-sentenza *Petruhhin* u tar-rwol li l-Eurojust jista' jkollha f'dan ir-rigward. In-nota ta' informazzjoni tiġbor fil-qosor is-sentenza, issemmi wħud mill-mistoqsijiet ewlenin imqajma mill-applikazzjoni ta' din is-sentenza, u finalment tiddiskuti r-rwol possibbli tal-Eurojust f'dan il-kuntest.

*EAW cases*




**MLA fil-każijiet ta' reati ta' proprjetà intellettwali**

F'Ottubru, l-Eurojust ospitat il-laqgħa tan-Netwerk Ewropew tal-Prosekuturi tal-Proprjetà intellettwali (EIPPN), koorganizzata mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u mill-Eurojust. L-għan tal-laqgħa kien li tiżdied il-kooperazzjoni u l-interazzjoni fost il-membri tal-EIPPN, kif ukoll bejn l-EIPPN u entitajiet u netwerks oħrajn madwar l-Ewropa attivi fil-qasam tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali (IPR).

Il-laqgħa serviet bħala pjattaforma għall-prattikanti tal-Istati Membri u tal-Istati terzi li jinvestigaw u jipproċessaw reati ta' proprjetà intellettwali (IPC). Il-prattikanti pprovdew informazzjoni dwar l-istrutturi organizzattivi tagħhom u ppreżentaw każijiet li jenfasizzaw l-isfidi ġurisdizzjonali u l-ostakoli li ltaqgħu magħhom meta investigaw u pproċessaw dawn ir-reati.

Ġew ippreżentanti r-riżultati preliminari ta' studju tal-EUIPO li sar mill-Università ta' Kopenħagen dwar "miżuri leġiżlattivi relatati mal-ksur online ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali". L-isfidi ewlenin identifikati huma d-diversità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri u l-adattament rapidu tal-imġiba kriminali għall-iżviluppi teknoloġiċi.

Ġiet espressa l-ħtieġa li jiġu ntraċċati l-assi kriminali u li tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali. L-Eurojust għandha l-esperjenza fl-iffaċilitar tal-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' ffriżar u proċeduri ta' rkupru tal-assi kif ukoll fil-promozzjoni tal-valur miżjud tal-JITs. Il-

prattikanti kienu mħeġġa jinvolvu lill-Eurojust f'każijiet ta' IPC transfruntiera kumplessi u biex jikkunsidraw li jistabbilixxu JITs.

Approċċ ikkoordinat huwa s-soluzzjoni għal prosekuzzjoni b'suċċess ta' każijiet ta' IPC, u għalhekk hija rrakkomandata kooperazzjoni mal-Eurojust, mal-EJN u mal-EJCN. Barra minn hekk, l-IPC u ċ-ċiberkriminalità spiss ikunu relatati peress li l-merkanzija spiss tinbiegħ online. Għaldaqstant rabtiet mill-qrib bejn l-EIPPN u l-EJCN huma ta' benefiċċju għall-qsim tal-għarfien u tal-esperjenzi.

## 3.4 Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea (EIO)

Abbażi tad-Direttiva tat-3 ta' April 2014 rigward l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea fi kwistjonijiet kriminali (id-Direttiva dwar l-EIO), l-Istati Membri kienu meħtieġa jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' dan l-istrument sat-22 ta' Mejju 2017. Madankollu, il-maġġoranza tal-Istati Membri kienu għadhom ma stabbilewx il-liġi ta' implimentazzjoni nazzjonali tagħhom sa din l-iskadenza. Din is-sitwazzjoni qajmet kwistjonijiet dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 34 tad-Direttiva dwar l-EIO u, b'mod partikolari, il-bażi legali applikabbli f'każijiet li jinvolvu Stat Membru li għadu ma implimentax id-Direttiva dwar l-EIO. F'Ġunju, l-Eurojust, flimkien mal-EJN, ippubblikat *Nota dwar it-tifsira ta' "dispożizzjonijiet korrispondenti" u s-sistema legali applikabbli f'każ ta' dewmien fit-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar l-EIO fil-liġi nazzjonali* (Anness II għad-Dok. tal-Kunsill 9936/17). In-nota tindirizza żewġ kwistjonijiet importanti b'rabta mal-Artikolu 34 tad-Direttiva dwar l-EIO, li t-tnejn għandhom impatt ċar fuq ix-xogħol ta' kuljum tal-prattikanti: (1) is-sistema legali applikabbli f'każ ta' dewmien fit-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar l-EIO; u (2) il-miżuri li jaqgħu fil-kunċett jew barra l-kunċett ta' "dispożizzjonijiet korrispondenti" tal-Artikolu 34 tad-Direttiva dwar l-EIO.

F'konformità mal-Artikolu 3(1)(b) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Eurojust, l-Eurojust appoġġjat lill-awtoritajiet nazzjonali fit-talbiet relatati mal-applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-EIO. L-esperjenza li kisbet l-Eurojust hija marbuta mal-ewwel xhur ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-EIO, u hija msawra min-nuqqas ta' implimentazzjoni nazzjonali f'ċerti Stati Membri. L-Eurojust ipprovdiet appoġġ u pariri fl-erba' stadji taċ-ċiklu tal-ħajja ta' EIO: (i) fil-fażi tal-abbozzar, (ii) fit-trażmissjoni lill-awtorità kompetenti, (iii) fil-faċilitazzjoni tal-komunikazzjoni waqt il-fażi ta' rikonoxximent, u (iv) assistenza biex jingħelbu d-diffikultajiet fil-fażi tal-eżekuzzjoni. Pereżempju, l-abbozzi tal-EIO spiss tħejjew qabel ċentru ta' koordinazzjoni jew jum ta' azzjoni biex il-Membri Nazzjonali jkunu jistgħu jiċċekkjaw jekk l-abbozz ta' EIO hux konformi mar-rekwiżiti speċifiċi tal-qafas legali tal-Istat Membru li jeżegwixxi l-EIO.

L-involviment tal-Eurojust intalab ukoll diversi drabi biex titħaffef l-eżekuzzjoni tal-EIO. Għalkemm l-awtoritajiet nazzjonali kienu ġeneralment pożittivi dwar l-EIO, il-format uniku standardizzat u l-iskadenzi, f'ċerti każijiet tqajmu kwistjonijiet li kienu jeħtieġu l-appoġġ tal-Eurojust. L-Eurojust jista' jkollha rwol importanti biex tipprovdi lill-awtoritajiet nazzjonali bl-esperjenza u l-appoġġ tekniku biex jinstabu l-aħjar soluzzjonijiet possibbli, filwaqt li jiġi rrispettat bis-sħiħ il-qafas legali tal-UE u r-rekwiżiti legali tal-ġurisdizzjonijiet involuti.

L-Eurojust qed tippjana li torganizza laqgħa dwar l-applikazzjoni tal-EIO lejn l-aħħar tal-2018.

**EIO f'każ ta' serqa bl-użu tal-armi**

Gaj ta' ċittadini Taljani u Albaniżi kienu ssuspettati li wettqu għadd ta' serqiet bl-użu ta' armi tan-nar fl-Italja, b'mod partikolari ta' vetturi blindati li jkunu qed iġorru flus u ta' banek. L-investigazzjoni fl-Italja tnediet wara s-serqa minn vann blindat qrib Salerno fi Frar 2017. L-investigazzjoni li segwiet wasslet għall-identifikazzjoni tal-membri tal-OCG li kien jopera fl-Italja u l-*modus operandi* tiegħu. Barra minn hekk, l-interċettazzjonijiet tat-telefon żvelaw li l-istess OCG ippjana serqa kbira fil-Ġermanja. Għaldaqstant, investigazzjoni fuq in-naħa Ġermaniża bdiet timmonitorja l-movimenti tal-membri tal-OCG li kienu jinstabu fil-Ġermanja.

Waqt iż-żewġ laqgħat ta' koordinazzjoni, f'Lulju u f'Settembru, l-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi involuti skambjaw ir-riżultati tal-investigazzjonijiet tagħhom u qablu dwar strateġija investigattiva komuni sabiex jiġbru evidenza u fl-istess waqt sabiex jipproteġu lill-pubbliku minn azzjoni armata oħra tal-OCG.

Ġew identifikati bosta kwistjonijiet b'referenza għar-rekwiżiti ta' MLA, għall-proċeduri u l-awtoritajiet kompetenti, li setgħu kkawżaw dewmien u ostakoli. Uħud mill-problemi ġew solvuti bl-introduzzjoni ta' EIO fil-Ġermanja u fl-Italja.

Il-prosekutur inkarigat mill-investigazzjoni fl-Italja ħareġ EIO li ntbagħtu permezz tal-Eurojust lill-awtoritajiet kompetenti fil-Ġermanja. L-EIO kienu jsegwu format uniku standardizzat, li jiffaċilita l-identifikazzjoni u t-traduzzjoni tal-informazzjoni meħtieġa. Għalhekk, l-EIO tħejjew, twasslu u ġew eżegwiti f'qasir żmien, b'mod li setgħu jsiru bosta tfittxijiet u sekwestri fl-istess ħin.

Waqt il-laqgħat ta' koordinazzjoni, l-Eurojust assistiet bit-tħejjija tal-kontenut tal-EIO u pprovdiet pariri. L-Eurojust kellha rwol sinifikanti fil-koordinazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni operattiva miġbura permezz tal-EIO u fil-qbil dwar il-ħinijiet tal-operazzjoni biex jiġi żgurat li l-interessi ta' kull parti jkunu sodisfatti, fis-salvagwardja tal-akkwiżizzjoni u l-preservazzjoni tal-evidenza fl-investigazzjoni Taljana. Il-komunikazzjoni kontinwa bejn l-Uffiċċji Ġermaniż u Taljan ippermettiet segwitu regolari tal-attivitajiet investigattivi.

Fid-9 ta' Ottubru, l-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi fil-Ġermanja u fl-Italja nedew operazzjoni konġunta kontra l-OCG, li matulha 19-il persuna (minn 22) ġew arrestati u saru perkwiżizzjonijiet f'aktar minn 30 post.

Dan il-każ kien għadu għaddej fl-2017.

Il-Prosekutur Pubbliku Taljan, is-Sur Gianpaolo Nuzzo, qal:

> *"Ir-rwol tal-Eurojust kien kruċjali għas-suċċess ta' dan il-każ (ġew arrestati 19 minn 22 suspettat), b'żewġ laqgħat ta' koordinazzjoni organizzati u bil-ħolqien ta' protokoll għall-fluss bla xkiel tal-informazzjoni mal-Ġermanja. Ir-rwol tal-Eurojust kien importanti wkoll biex jingħelbu d-differenzi fl-approċċi Taljan u Ġermaniż biex jitwaqqaf l-OCG, billi nstab bilanċ bejn ir-riskju għas-sigurtà pubblika fil-Ġermanja u l-ħtieġa li tinġabar biżżejjed evidenza fl-Italja."*

# EUROPEAN INVESTIGATION ORDER

## KEY FEATURES

- EU Directive on the EIO (2014/41) of 3 April 2014
- Mutual recognition of judicial decisions
- Replaces Letters of Request for investigative measures
- Deadline for transposition: 22 May 2017
- Obtains evidence located in another EU Member State
- Simplifies and accelerates cross-border criminal investigations

## HOW IT WORKS




**Examples of investigative measures:**

- Obtaining existing evidence
- Hearings of witnesses and suspects
- (House) searches
- Checks on bank accounts/financial operations
- Interception of telecommunications
- Temporary transfer of persons in custody
- Preservation of evidence

## LIFE CYCLE OF AN EIO




1- **DRAFTING** of EIO by judicial authority in Member State A

2- **TRANSMISSION** of EIO to judicial authority in Member State B

3- **RECOGNITION** of EIO in Member State B

4- **EXECUTION** of EIO in Member State B




EUROJUST IDENTIFIES CHALLENGES AND BEST PRACTICE IN EIO CASES

## ADVANTAGES OF THE EIO

- Creates a single comprehensive instrument with a large scope
- Sets strict deadlines for gathering the evidence requested
- Limits the reasons for refusing such requests
- Reduces paperwork by introducing a single standard form
- Protects the fundamental rights of the defence

## EU MEMBER STATES TAKING PART IN THE EIO *



EIO implemented   EIO ongoing   MS not taking part

* As of 20 March 2018. For status of EIO implementation, see EJN website.

## 3.5 Rakkomandazzjonijiet konġunti

Fil-każijiet appoġġjati mill-Eurojust, l-awtoritajiet nazzjonali jsolvu l-problemi waqt il-laqgħat ta' livell II jew ta' koordinazzjoni u jintlaħaq kunsens permezz tad-djalogu u l-bini ta' fiduċja reċiproka. Il-Membri Nazzjonali jassistu lill-awtoritajiet nazzjonali tagħhom u spiss jagħmlu rakkomandazzjonijiet għal każijiet speċifiċi, abbażi tal-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Eurojust. F'ċerti każijiet, il-Membri Nazzjonali involuti jagħmlu talba jew rakkomandazzjoni bil-miktub lill-awtoritajiet nazzjonali. Minbarra talbiet magħmula minn Membru Nazzjonali wieħed, inħarġu disa' rakkomandazzjonijiet konġunti fl-2017, ippreżentati b'mod konġunt minn tnejn jew tliet Membri Nazzjonali minn disa' Stati Membri differenti (il-Belġju, il-Bulgarija, il-Ġermanja, l-Irlanda, Spanja, l-Italja, in-Netherlands, il-Portugall u r-Rumanija) bħala konklużjoni għal opinjoni ġuridika dwar il-kwistjoni. F'dawn ir-rakkomandazzjonijiet konġunti, il-Membri Nazzjonali involuti jitolbu lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tagħhom jagħmlu waħda mill-azzjonijiet elenkati fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Eurojust. Pereżempju, irrakkomandaw li waħda minnhom tista' tkun f'pożizzjoni aħjar biex tipproċessa atti speċifiċi, li tieħu miżura investigattiva speċjali, bħal konsenja kkontrollata, jew li tieħu kwalunkwe miżura oħra ġġustifikata għall-investigazzjoni jew għall-prosekuzzjoni. Din il-prattika relattivament ġdida, stabbilita sa mill-2016, intlaqgħet b'mod pożittiv mill-awtoritajiet nazzjonali, li issa jistgħu jiddependu fuq opinjoni aktar solida, raġunata u maqbula b'mod konġunt mill-Eurojust. Il-prattika ttejjeb il-valur miżjud tar-rwol ta' konsulenza tal-Eurojust, billi tipprovdi perspettiva u soluzzjoni Ewropea għal każijiet transfruntiera kumplessi.

Il-maġġoranza tar-rakkomandazzjonijiet konġunti kienu jikkonċernaw kwistjonijiet ġurisdizzjonali, inklużi deċiżjonijiet li fuqhom ġurisdizzjoni tkun f'pożizzjoni aħjar għall-prosekuzzjoni. Għall-valutazzjoni ta' dawn il-każijiet, l-Eurojust użat il-*"Linji Gwida biex jiġi deċiż liema ġurisdizzjoni għandha tipproċedi?"*, tagħha riveduti fl-2016 u tradotti dan l-aħħar fil-lingwi kollha tal-UE, u l-ħarsa ġenerali tagħha tal-każistika tal-QtĠ-UE ibbażata fuq il-prinċipju ta' *ne bis in idem*.

***Ir-Rapport dwar ix-Xogħol tal-Eurojust fuq il-Każijiet fil-qasam tal-Prevenzjoni u r-Riżoluzzjoni ta' Kunflitti ta' Ġurisdizzjoni***, ippublikat fl-2017, huwa aġġornament tar-rapport tal-2015 u jieħu inkunsiderazzjoni l-iżviluppi f'dan il-qasam mill-2009 sal-2017. Ir-Rapport jindirizza x-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet minn erba' perspettivi differenti: l-identifikazzjoni u l-koordinazzjoni ta' proċedimenti paralleli, kwistjonijiet ġurisdizzjonali u deċiżjonijiet dwar liema ġurisdizzjoni għandha tipproċedi, it-trasferiment tal-proċedimenti u kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni tal-prinċipju ta'*ne bis in idem*.

***Il-prinċipju ta' ne bis in idem fil-kwistjonijiet kriminali fil-każistika tal-QtĠ-UE***, aġġornat f'Settembru 2017, jipprovdi ħarsa ġenerali tal-każistika tal-QtĠ-UE rigward il-prinċipju ta' *ne bis in idem* fil-kwistjonijiet kriminali. Jispjega kif din il-każistika għenet biex issawwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-karatteristiċi ewlenin tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* fil-livell tal-UE. Huwa għodda supplimentari għall-prattikanti, li tipprovdi gwida dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* f'kuntest transnazzjonali. Il-ħarsa ġenerali tiġi aġġornata regolarment.

**Rakkomandazzjoni konġunta dwar il-kunflitti ta' ġurisdizzjoni**

Il-każ jikkonċerna OCG li kien jittraffika droga minbarra li jwettaq reati oħrajn relatati, bħall-ħasil tal-flus. Dan kien qed jopera fil-Ġermanja, Spanja, Franza u l-Italja, u possibbilment fi Stati Membri oħrajn.

L-investigazzjonijiet żvelaw li l-OCG kien qed jimporta drogi, l-aktar il-ħaxixa, minn barra l-Unjoni Ewropea fi Spanja. Id-drogi mbagħad kienu qed jiġu ttraffikati u mibjugħa fi Stati Membri oħrajn, u trasportati f'għadd ta' modi, inkluż moħbija f'dgħajjes bi bwieq doppji u wkoll bil-posta normali.

Meta l-prosekutur Ġermaniż ġab il-każ fl-Eurojust, kien ilu pendenti għal xi snin mingħajr koordinazzjoni suffiċjenti. Ġiet imwaqqfa JIT għal sena bejn il-Ġermanja, Spanja u Franza. L-Eurojust ipprovdiet assistenza bl-abbozzar tal-ftehim.

Matul l-aħħar fażijiet tal-investigazzjonijiet u wara l-konklużjonijiet tal-JIT, inħasset il-ħtieġa li jkun hemm qbil urġenti dwar liema ġurisdizzjoni – il-Ġermanja jew Spanja – għandha tipproċedi kontra s-suspettati li kienu investigati f'aktar minn pajjiż wieħed, kemm biex iservu l-aħjar interess tal-ġustizzja kif ukoll biex tiġi evitata l-possibbiltà ta' azzjoni *ne bis in idem*.

Il-parteċipanti setgħu jiksbu stampa ċara f'laqgħa ta' koordinazzjoni. Tlieta mis-suspettati kienu investigati fil-Ġermanja u fi Spanja. Mill-informazzjoni disponibbli, l-investigazzjonijiet kienu ġeneralment jikkonċernaw l-istess atti materjali. Barra minn hekk, peress li t-tliet suspettati u l-attivitajiet kriminali tagħhom kienu konnessi mill-qrib ma' xulxin, l-investigaturi kkonkludew li t-tliet suspettati u l-avvenimenti kollha investigati kellhom ikunu pproċessati fl-istess ġurisdizzjoni.

Fuq il-bażi ta' diskussjonijiet dettaljati u l-fatti emerġenti, il-Membri Nazzjonali Ġermaniż u Spanjol ħarġu rakkomandazzjoni konġunta skont l-Artikolu 6(1)(a)(ii) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Eurojust b'opinjoni dwar għalfEJNEIO il-Ġermanja kienet f'pożizzjoni aħjar biex tipproċessa dawn l-atti speċifiċi għat-tliet persuni ssuspettati.

Ġew ikkunsidrati għadd ta' fatturi, fosthom: (i) l-investigazzjoni aktar estensiva tal-Ġermanja; (ii) in-nazzjonalità, il-post u l-prospetti għall-konsenja tal-persuni ssuspettati; (iii) ir-rwoli tal-persuni ssuspettati fl-organizzazzjoni kriminali; (iv) l-ammont ta' evidenza rilevanti miġbura u faċilment disponibbli fil-Ġermanja; u (v) l-istadju aktar avvanzat tal-proċedimenti fil-Ġermanja. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Spanjoli ntalbu jittrasferixxu malajr il-proċedimenti tagħhom u jiffaċilitaw l-eżekuzzjoni tal-EAW relatati, u l-awtoritajiet Ġermaniżi ntalbu jaċċettaw malajr t-trasferiment tal-proċedimenti.

L-akkużi kontra l-persuna suspettata taħt proċedimenti kemm fi Spanja kif ukoll fl-Italja ma kinux jikkonċernaw l-istess atti materjali li kkostitwew l-istess imġiba kriminali. B'hekk, Spanja u l-Italja komplew bil-proċedimenti paralleli tagħhom mingħajr ma kkompremettew ir-riżultati ta' xulxin.

# IL-FOKUS TAS-SENA

## L-evalwazzjoni tal-JITs

### *L-Eurojust u n-Netwerk tal-JITs ippubblikaw it-tieni rapport dwar l-evalwazzjoni tal-JITs*

Il-proġett dwar l-evalwazzjoni tal-JITs inbeda fl-2013 b'dawn l-għanijiet li ġejjin:

- li jassistu lill-prattikanti fl-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-JIT f'termini ta' riżultati miksuba, valur miżjud u nuqqasijiet possibbli sabiex itejbu l-kooperazzjoni futura; u
- li jsaħħu l-għarfien tal-prattikanti dwar il-JITs billi jiffaċilitaw l-identifikazzjoni tal-isfidi legali u prattiċi ewlenin esperjenzati u s-soluzzjonijiet misjuba.

Bl-evalwazzjoni tal-JITs, tiġi pprovduta informazzjoni siewja lill-prattikanti u lill-partijiet ikkonċernati biex jiġu vvalutati r-rilevanza u l-effettività ta' din l-għodda fil-ġlieda kontra reati transfruntiera serji u t-terroriżmu.

F'Diċembru 2015, ġie ppubblikat l-ewwel rapport ta' evalwazzjoni tal-JITs għall-prattikanti, ibbażat fuq l-awtovalutazzjoni ta' 42 JITs.

### *It-tieni rapport ta' evalwazzjoni tal-JITS*

Mill-ewwel rapport 'l hawn, waslu 32 evalwazzjoni ġdida għand is-Segretarjat tan-Netwerk tal-JITs. It-tieni rapport jaġġorna l-analiżi magħmula fl-ewwel rapport u jintegra s-sejbiet ta' dawn l-evalwazzjonijiet il-ġodda.

Din il-fażi l-ġdida tal-proġett saret f'kooperazzjoni mal-Eurojust u, għalhekk, tinkludi s-sejbiet mill-esperjenza tagħha. Abbażi ta' analiżi tal-każijiet ta' JITs magħluqa bejn l-2014 u l-2016, il-Kulleġġ organizza diskussjoni tematika dwar il-JITs, li l-eżitu tagħha huwa rifless fir-rapport.

Dan l-approċċ joffri perspettiva komplementari għall-evalwazzjoni tal-JITS mill-awtoritajiet nazzjonali f'kull stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tal-JIT.

### *Sejbiet mill-esperjenza tal-Eurojust bl-JITs*

<u>Fażi ta' twaqqif</u>

Fil-fażi ta' twaqqif, l-Eurojust tassisti lill-awtoritajiet nazzjonali fl-identifikazzjoni ta' każijiet adatti għal JIT, billi tiċċara r-rekwiżiti legali u formali, u tiddiskuti u tabbozza l-ftehim tal-JIT.

Fil-prattika, l-involviment tal-Eurojust huwa ġeneralment ibbażat fuq kuntatti informali mal-awtoritajiet nazzjonali. Pereżempju, biex jissimplifika l-proċess, Uffiċċju nazzjonali fl-Eurojust minnhom żviluppa formola mudell biex timtela mill-awtorità nazzjonali rikjedenti, li tinkludi l-informazzjoni dwar l-investigazzjoni meħtieġa fil-passi sussegwenti (eż. sommarju tal-każ, konnessjonijiet identifikati fi Stati Membri oħrajn, jekk jeżistux investigazzjonijiet paralleli, eċċ.).

Kwistjoni essenzjali waqt il-fażi ta' twaqqif hija l-identifikazzjoni ta' investigazzjonijiet paralleli konnessi pendenti fi Stati Membri oħrajn. L-Eurojust tappoġġja lill-awtoritajiet nazzjonali biex

jidentifikaw malajr investigazzjonijiet paralleli li jkunu għaddejjin, inkluż b'kooperazzjoni mal-uffiċċji ta' kollegament tal-Europol jew billi jintalab l-appoġġ tagħhom u ta' proġetti analitiċi. Fl-esperjenza tal-Eurojust, għalkemm il-kriterji għas-suġġeriment tat-twaqqif ta' JIT jistgħu jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor, jittieħdu inkunsiderazzjoni dawn l-aspetti li ġejjin:

- l-eżistenza u l-istadju tal-investigazzjonijiet fil-pajjiżi involuti;
- in-numru ta' msieħba potenzjali fil-JIT (eż. JITs li jinvolvu numru limitat ta' msieħba jew diversi msieħba);
- l-urġenza tal-azzjonijiet;
- l-istima ta' żmien meħtieġ sabiex jiġi finalizzat il-ftehim tal-JITs (b'mod partikolari għal JITs multilaterali u/jew JITs bi Stati Membri li jeħtieġu awtorizzazzjoni domestika); u
- ir-riżorsi disponibbli fl-Istati Membri involuti.

Kif irrapportat f'ħafna każijiet, jekk investigazzjoni tkun għadha ma bdietx f'wieħed mill-Istati Membri involuti, l-Eurojust jista' jkollha rwol deċiżiv biex tappoġġja l-ftuħ tal-investigazzjonijiet fil-livell nazzjonali, eż. billi tiffaċilita t-trażmissjoni inizjali tal-informazzjoni u l-evidenza meħtieġa.

Abbażi tal-esperjenza tal-Eurojust, ġew identifikati bosta ostakoli jew impedimenti għall-istabbiliment tal-JITs:

- "il-biża' minn dak li ma nafux" jew is-suppożizzjoni li l-JITs huma adatti biss f'każijiet bi profil għoli;
- differenzi fil-prijoritajiet operattivi;
- nuqqas ta' investigazzjonijiet kontinwi jew investigazzjonijiet fi stadji differenti fil-pajjiżi kkonċernati;
- investigazzjonijiet paralleli magħmula minn diversi awtoritajiet ġudizzjarji fl-istess Stat; u
- l-impatt tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni domestiċi.

Ir-rwol ta' konsulenza tal-awtoritajiet ċentrali u/jew tal-esperti tal-JIT jista' jikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni tal-proċess ta' twaqqif. F'dan il-kuntest, ġie rikonoxxut il-valur miżjud tal-Membru Nazzjonali li jingħata s-setgħa li jiffirma l-ftehim dwar il-JIT f'isem l-awtoritajiet nazzjonali, kif stipulat fil-leġiżlazzjoni ta' diversi Stati Membri.

L-appoġġ tal-Eurojust fit-tfassil tal-ftehim tal-JIT spiss huwa strumentali għall-istabbiliment tagħha b'suċċess. L-Eurojust tippromwovi l-użu tal-Ftehim Mudell Aġġornat, (li jieħu inkunsiderazzjoni l-estensjoni tal-JITS għal Stati terzi) u li jikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni tad-diskussjonijiet. L-involviment tal-Eurojust jiffaċilita wkoll l-abbozzar u n-negozjar tal-ftehim dwar il-JIT b'lingwa ta' ħidma komuni. Kull meta jkun possibbli, it-traduzzjonijiet tal-ftehim dwar il-JIT (jekk ikunu meħtieġa) isiru biss wara li jkun ġie miftiehem il-kontentut.

F'dawn l-aħħar snin, l-esperjenza tal-Eurojust fil-JITs mal-Istati terzi kibret. Fil-prattika, l-involviment ta' Stati terzi fl-JITs jista' jkun jeħtieġ l-indirizzar ta' kwistjonijiet speċifiċi (eż. garanziji li ma tiġix imposta l-piena kapitali, il-protezzjoni ta' data personali, il-kunfidenzjalità, l-identifikazzjoni tal-bażi legali). Il-possibbiltà li jiġu involuti rappreżentanti minn Stati terzi fil-laqgħat ta' koordinazzjoni tiffaċilita ħafna l-istabbiliment tal-JITs bejn l-UE u l-Istati li mhumiex fl-UE. Barra minn hekk, il-preżenza tal-Prosekuturi ta' Kollegament Żvizzeru u Norveġiż fl-Eurojust wasslet għat-twaqqif b'suċċess u għall-iżvilupp ta' JITs mal-Iżvizzera u man-Norveġja.

Il-fażi operattiva

Peress li l-JITs jippermettu interazzjoni diretta mal-awtoritajiet nazzjonali, jista' jkun li ma jintalabx aktar appoġġ mingħand l-Eurojust wara l-iffirmar tal-ftehim, għalkemm l-Eurojust spiss tappoġġja d-diskussjonijiet u l-ftehimiet dwar l-għanijiet operattivi, il-metodi ta' komunikazzjoni u l-koordinazzjoni fit-tim, kif ukoll dwar kwistjonijiet relatati mal-ammissibbiltà tal-evidenza u l-ġurisdizzjoni.

Il-laqgħat ta' koordinazzjoni jistgħu wkoll jiffaċilitaw il-kooperazzjoni ma' Stati li ma jipparteċipawx fl-JIT. Waħda mill-aħjar prattiki enfasizzata f'dan ir-rigward kienet li jintuża l-qafas ta' laqgħa ta' koordinazzjoni sabiex laqgħa bejn l-imsieħba f'JIT tiġi kkombinata ma' diskussjonijiet li jinvolvu Stati Membri u Stati terzi li l-kooperazzjoni mingħandhom tintalab permezz ta' MLA. F'bosta każijiet, fil-jum ta' qabel laqgħa ta' koordinazzjoni tal-Eurojust issir laqgħa fejn jitħeġġeġ l-iskambju tal-informazzjoni fil-livell tal-infurzar tal-liġi.

Spiss tinqala' l-ħtieġa ta' koordinazzjoni fl-istadju finali tal-fażi operattiva, meta l-awtoritajiet involuti jfittxu parir speċjalizzat fuq kwistjonijiet legali (trasferiment ta' proċedimenti, EAW u kunflitti ta' ġurisdizzjoni), iqabblu r-riżultati investigattivi u/jew jaqblu dwar il-pjanijiet finali, bħall-operazzjonijiet simultanji. Barra minn hekk, l-Uffiċċji Nazzjonali tal-Eurojust jiffaċilitaw l-estensjoni(jiet) jew l-emenda/i tal-ftehimiet dwar il-JITs, jipprovdu assistenza dwar il-finanzjament tal-JITs, u jgħinu fil-koordinazzjoni tal-eżekuzzjoni tal-LoRs lill-Istati li ma jkunux membri tal-JITS, jew fl-użu ta' strumenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja oħrajn (EAW, EIO).

Il-jiem ta' azzjoni konġunta jistgħu jkunu appoġġjati permezz tat-twaqqif ta' ċentri ta' koordinazzjoni fl-Eurojust biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni waqt l-operazzjonijiet simultanji u biex jiġi żgurat segwitu xieraq (bħal konsenja temporanja, iffriżar tal-assi u trasferiment ta' proċedimenti). Fl-2017, ħames ċentri ta' koordinazzjoni ttrattaw każijiet li għalihom twaqqfet JIT.

Spiss l-awtoritajiet nazzjonali jantiċipaw u jgħinu fl-ispejjeż tal-attivitajiet transfruntiera bħala parti mill-ippjanar operattiv tagħhom. L-appoġġ finanzjarju tal-Eurojust huwa fattur ewlieni fl-użu tal-JITs fost l-Istati Membri.

Il-fażi tal-għeluq

L-appoġġ tal-Eurojust jista' jintalab wara l-konklużjoni tal-JITs jekk tibqa' l-ħtieġa ta' kooperazzjoni, inkluż waqt il-fażijiet tal-prosekuzzjoni u tal-proċess. F'dawn il-ċirkustanzi, il-każ spiss jibqa' miftuħ fl-Eurojust wara l-konklużjoni tal-JIT, u jingħata appoġġ skont il-bżonn.

Wara li jgħaddi ż-żmien ta' JIT, l-Eurojust tipprovdi wkoll appoġġ, b'mod partikolari għall-evalwazzjoni tal-JIT, billi torganizza u/jew tiffinanzja laqgħa ta' evalwazzjoni tal-JIT.

**JIT ippermettiet ir-rikostruzzjoni tal-OCG wara netwerk ta' traffikar**

Ir-Rapport Annwali tal-Eurojust tal-2015 ippreżenta eżempju ta' każ li jirrigwarda investigazzjoni tar-Renju Unit fid-dħul illegali ta' ċittadini Albaniżi fir-Renju Unit minn Stati Membri oħrajn. JIT bejn il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja u r-Renju Unit żvelat il-profitti ġġenerati minn OCG permezz ta' inċidenti ta' traffikar, li ħallew aktar minn 100 vittma. B'appoġġ minn ċentru ta' koordinazzjoni tal-Eurojust, ġew arrestati tmien persuni ssuspettati waqt jum ta' azzjoni konġunta f'Novembru 2015.

Il-Belġju ntgħażel bħala l-ġurisdizzjoni ta' prosekuzzjoni, u b'hekk il-proċedimenti kriminali Ċeki u tar-Renju Uniti ġew trasferiti lejn il-Belġju fl-2016. Il-fatt li l-proċessi saru fil-Belġju kien ifisser li setgħu jiġu pproċessati aktar persuni ssuspettati milli kieku l-proċedimenti seħħew fil-pajjiżi kollha involuti. B'mod partikolari minn perspettiva tar-Renju Unit, l-istandards tal-evidenza ma kinux jippermettu li jitressqu akkużi kontra l-persuni ssuspettati kollha li eventwalment ġew ipproċessati fil-Belġju. Tmienja u għoxrin persuna ġew ipproċessati, u s-sentenzi ngħataw f'Jannar 2017. Filwaqt li s-sentenzi ta' ħabs tal-15-il xufier kienu jvarjaw bejn sitta u 14-il xahar, seba' persuni oħra li aġixxew ukoll bħala faċilitaturi ngħataw sentenzi li jvarjaw mit-twaqqigħ tal-akkużi kriminali sa 28 xahar ħabs. Il-koorganizzaturi tal-attivitajiet ta' traffikar ingħataw sentenzi itwal, sa massimu ta' ħames snin ħabs. Iż-żewġ kapijiet ingħataw sentenza ta' tmien snin kull wieħed. Membri f'kull livell tal-OCG iffaċċjaw multi addizzjonali sa EUR 672 000 u l-konfiska tal-assi tagħhom sa EUR 197 000.

F'Marzu 2017 saret laqgħa ta' koordinazzjoni fl-Eurojust sabiex jiġu diskussi l-eżitu tal-proċeduri tal-qorti Belġjana u kwistjonijiet relatati mal-għoti tas-sentenza ta' wħud mill-akkużati li ġew ikkundannati in absentia, kif ukoll l-indirizzar ta' kwistjonijiet ta' konfiska u rkupru ta' assi. Saret ukoll evalwazzjoni tal-JIT, li matulha ġew analizzati t-tagħlimiet meħuda u l-aħjar prattika. Kien ikun ta' vantaġġ għall-JIT kieku kellha punt uniku ta' komunikazzjoni b'aċċess, pereżempju, minn netwerk sigur, peress li dan l-aċċess kien jiffaċilita l-konsultazzjoni ta' fajls kbar. Tagħlima importanti meħuda kienet li għalkemm il-proċedimenti kriminali fil-Belġju kienu għadhom għaddejjin, il-ftehim tal-JIT tħalla jiskadi f'Diċembru 2016. Peress li kienu għadhom jeżistu ħtiġijiet ta' kooperazzjoni, jiġifieri rigward kwistjonijiet ta' konfiska u ta' rkupru tal-assi, kien ikun ta' vantaġġ għall-awtoritajiet involuti li kieku kellhom skambju kontinwu u faċli ta' informazzjoni fil-qafas tal-ftehim tal-JIT. Bħala aspett pożittiv tal-kooperazzjoni tal-JIT, il-partijiet irrikonoxxew li din il-JIT ippermettiet lill-awtoritajiet nazzjonali jifhmu l-operat ta' parti l-kbira tal-attivitajiet kriminali tal-OCG. Bl-użu tad-data disponibbli fl-Istati Membri kollha tal-JIT, setgħet issir aktar il-konnessjoni ta' trasporti ta' migranti man-netwerk ta' traffikar milli minn dak li setgħet għamlet kull parti tal-JIT waħedha.

# Kapitolu 4 Il-kooperazzjoni tal-Eurojust ma' Stati terzi

## Ftehimiet ta' kooperazzjoni

Id-dħul fis-seħħ tal-ftehim ta' kooperazzjoni mal-Montenegro fit-3 ta' Ġunju u tal-ftehim ta' kooperazzjoni mal-Ukrajna fit-2 ta' Settembru tella' l-għadd ta' ftehimiet ma' Stati terzi għal disgħa. Tlestew in-negozjati formali li bdew fl-2016 biex jiġi konkluż il-ftehim ta' kooperazzjoni mal-Albanija u sa tmiem is-sena, il-ftehim kien qed jistenna l-approvazzjoni tal-Kunsill. F'Ottubru, il-Kulleġġ iddeċieda li jniedi negozjati formali, bl-intenzjoni li jistabbilixxi ftehim ta' kooperazzjoni mal-Ġeorġja, u informa lill-Kunsill dwar il-pjanijiet tiegħu li jidħol f'negozjati bħal dawn.

Delegazzjonijiet mill-Eurojust żaru lill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali u tal-protezzjoni tad-data fil-Bożnija-Ħerzegovina, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, is-Serbja, l-Albanija u l-Montenegro biex jiġu esplorati l-possibbiltajiet għal aktar kooperazzjoni mal-Balkani tal-Punent. Inżammu wkoll il-kuntatti ma' Stati terzi oħrajn li magħhom l-Eurojust tfittex kooperazzjoni intensifikata, fosthom il-Brażil, il-Kolombja, l-Iżrael, il-Messiku, it-Tuneżija u t-Turkija.

## Ix-xogħol fuq każijiet tal-Eurojust li jinvolvu Stati terzi

L-Eurojust ipprovdiet appoġġ f'258 każ li kienu jinvolvu 48 Stat terz. Bħal fis-snin ta' qabel, dawn il-każijiet kienu jirrigwardaw l-aktar frodi u ħasil tal-flus. Żdiedu l-Istati terzi involuti f'każijiet ta' traffikar ta' droga. L-Istati terzi kienu rrappreżentanti f'61 laqgħa ta' koordinazzjoni. L-Iżvizzera, l-Istati Uniti u n-Norveġja, li huma rrappreżentati b'mod permanenti fl-Eurojust, ħadu sehem fl-akbar numru ta' laqgħat ta' koordinazzjoni. Il-Kanada, l-Iżlanda, San Marino u l-Iżvizzera wkoll ħadu sehem f'ċentri ta' koordinazzjoni. Stati terzi kienu involuti f'21 JIT appoġġjati mill-Eurojust, li 11 minnhom kienu stabbiliti ġodda.

### Kooperazzjoni ma' Stati terzi f'każ ta' tixħim

Il-każ jirrigwarda t-tixħim ta' uffiċjali ta' grad għoli fl-Użbekistan. Kumpaniji mhux Użbeki kienu qed jużaw it-tixħim sabiex jiksbu liċenzji tal-istat meħtieġa biex jaċċessaw is-suq tat-telekomunikazzjoni Użbek. Somom kbar ta' flus ġew trasferiti f'kontijiet tal-bank ta' kumpaniji offshore miżmuma u kkontrollati minn ċittadini Użbeki. Il-kumpaniji offshore kienu kkontrollati mill-persuna ssuspettata ewlenija ta' grad għoli fl-Użbekistan. Sussegwentement il-flus ġew trasferiti f'kontijiet f'banek barranin differenti kkontrollati mis-suspettat ewlieni u wżati biex jinxtraw proprjetà immobbli u oġġetti ta' lussu.

Kienu qed isiru investigazzjonijiet f'għadd ta' pajjiżi, fosthom fl-Iżvezja, in-Netherlands, l-Iżvizzera u fl-Istati Uniti, dwar it-tixħim ta' kumpaniji u/jew reati relatati, bħal ħasil tal-flus u ffalsifikar ta' dokumenti. Pajjiżi oħra, fosthom il-Belġju, Franza u n-Norveġja, kienu wkoll qed jikkooperaw fl-investigazzjonijiet.

L-Uffiċċju Nazzjonali Żvediż fetaħ każ fl-Eurojust f'Jannar 2013. Minn dakinhar, saru erba' laqgħat ta' koordinazzjoni fl-Eurojust. L-ewwel, l-attenzjoni kienet fuq il-qsim ta' informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-investigazzjonijiet li kienu għaddejjin u dwar il-kwistjonijiet legali fil-kisba tal-evidenza barra mill-pajjiż. Fir-raba' laqgħa ta' koordinazzjoni f'Mejju 2017, il-partijiet

iddiskutew l-akkużi magħmula kontra l-kumpaniji f'ċerti pajjiżi, problemi relatati mal-konfiska u r-restituzzjoni tal-assi, u l-possibbiltà ta' sitwazzjoni *ne bis in idem*. Waqt il-laqgħa f'Mejju, ipparteċipaw tmien pajjiżi li ħafna minnhom kienu fetħu l-investigazzjonijiet tagħhom stess. Din il-laqgħa pprovdiet l-ewwel opportunità ta' laqgħa mar-rappreżentanti mill-Użbekistan u, flimkien magħhom u mal-pajjiżi l-oħrajn kollha involuti, ġie diskuss il-qsim tal-assi. Il-progress ma kienx ikun possibbli mingħajr il-koordinazzjoni tad-diversi investigazzjonijiet mill-Eurojust.

Permezz tal-organizzazzjoni ta' dawn il-laqgħat, l-Eurojust stabbiliet pjattaforma għall-iskambju tal-informazzjoni u għat-tisħiħ tal-fiduċja u tal-fehim reċiproku, li rriżultaw f'kuntatti bilaterali aktar effettivi barra mill-Eurojust. Ġew iffriżati madwar EUR 1 biljun u 250 miljun f'assi minn 12-il pajjiż.

### Il-Prosekuturi ta' Kollegament fl-Eurojust

L-Istati terzi li jkunu daħlu fi ftehim ta' kooperazzjoni mal-Eurojust jistgħu jissekondaw Prosekutur ta' Kollegament għall-Eurojust. Ġew issekondati Prosekuturi ta' Kollegament għan-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Istati Uniti, għall-Eurojust fl-aħħar snin, u Prosekutur ta' Kollegament li jirrappreżenta lill-Montenegro ġie ssekondat għall-Eurojust f'Diċembru. Il-Prosekuturi ta' Kollegament fl-Eurojust irreġistraw total ta' 148 każ.

Il-Prosekutur ta' Kollegament għan-Norveġja rreġistrat 78 każ, li kienu jirrigwardaw primarjament traffikar ta' droga, reati kontra l-ħajja, l-integrità tal-persuna jew il-libertà personali, THB u frodi u organizzat 4 laqgħat ta' koordinazzjoni. In-Norveġja kienet involuta f'40 każ u pparteċipat fi 15-il laqgħa ta' koordinazzjoni bħala Stat rikjest.

Il-Prosekutur ta' Kollegament għall-Iżvizzera rreġistrat 70 każ, li kienu jittrattaw primarjament traffikar ta' droga, reati kontra l-ħajja, l-integrità tal-persuna jew il-libertà personali u THB, u organizzat 8 laqgħat ta' koordinazzjoni u ċentru ta' koordinazzjoni. Barra minn hekk, l-Iżvizzera kienet involuta f'114-il każ u pparteċipat f'24 laqgħa ta' koordinazzjoni bħala Stat rikjest.

Il-Prosekutur ta' Kollegament għall-Istati Uniti organizza laqgħa ta' koordinazzjoni f'każ li jikkonċerna l-piraterija marittima. L-Istati Uniti kienu involuti f'35 każ u pparteċipaw f'16-il laqgħa ta' koordinazzjoni bħala Stat rikjest.

Peress li l-Prosekutur ta' Kollegament għall-Montenegro bdiet l-attivitajiet tagħha f'Diċembru, ebda każ ma ġie rreġistrat mill-Montenegro sa tmiem is-sena. Madankollu, il-Montenegro kien involut f'4 każijiet fl-Eurojust bħala Stat rikjest.

## Il-każ tal-FIFA

F'Diċembru 2010, il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Assoċjazzjonijiet tal-Futbol (Fédération Internationale de Football Association - FIFA) għażlet il-pajjiżi li se jospitaw it-Tazza tad-Dinja tal-2018 u tal-2022 permezz ta' polza f'diversi rawnds. Il-pajjiżi ospitanti għall-2026 u għall-2030 għadhom ma ntgħażlux. B'mod parallel ma' dan il-proċess, ingħataw id-drittijiet tal-midja għal ċerti pajjiżi għat-Tazzi tad-Dinja tal-FIFA sal-2030.

Wara li ġew skoperti irregolaritajiet rigward l-għoti ta' wħud minn dawk id-drittijiet tal-midja tat-Tazza tad-Dinja, l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali tal-Iżvizzera fetaħ każ kriminali f'Marzu 2017 kontra l-ex Segretarju Ġenerali tal-FIFA u l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-BEIN MEDIA GROUP LLC

fuq suspett ta' tixħim. Barra minn hekk, l-ex Segretarju Ġenerali tal-FIFA huwa ssuspettat b'ġestjoni ħażina kriminali, frodi u ffalsifikar ta' dokumenti.

Il-Prosekutur ta' Kollegament Żvizzeru organizzat laqgħa ta' koordinazzjoni f'Settembru 2017 li għaliha ġew mistiedna delegazzjonijiet mill-Greċja, Spanja, Franza u l-Italja. Il-prosekuturi mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali tal-Iżvizzera taw preżentazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-investigazzjoni Żvizzera u ddiskutew it-triq 'il quddiem.

Ġew diskussi żewġ punti speċifiċi fid-dettall: (i) iż-żmien u l-koordinazzjoni tal-azzjonijiet; u (ii) is-sensittività estrema tal-każ u l-azzjonijiet possibbli li jistgħu jittieħdu, jekk ikun meħtieġ. Kienet mistennija attenzjoni intensiva mill-midja. Id-diskussjoni u t-tħejjija fid-dettall matul il-laqgħa ta' koordinazzjoni wasslu għal valutazzjoni tar-riskju affidabbli u impenn ċar mill-imsieħba kollha sabiex jiġi żgurat jum ta' azzjoni ta' suċċess u mħejji tajjeb fix-xahar sussegwenti, b'ċentru ta' koordinazzjoni fl-Eurojust sabiex jiġu kkoordinati azzjonijiet simultanji. Ir-restrizzjonijiet operattivi ta' żewġ xenarji differenti diskussi waqt il-laqgħa ta' koordinazzjoni ġew esplorati mill-pajjiżi kkonċernati qabel il-jum ta' azzjoni, li wassal għax-xenarju adottat fil-jum ta' qabel il-jum ta' azzjoni, li juri l-flessibbiltà taċ-ċentru ta' koordinazzjoni fl-adattament għall-istrateġija ġudizzjarja l-ġdida.

Matul il-jum ta' azzjoni, ir-rappreżentanti tal-Uffiċċji Nazzjonali mill-pajjiżi parteċipanti kienu preżenti fiċ-ċentru ta' koordinazzjoni. Saru perkwiżizzjonijiet f'diversi proprjetajiet fil-Greċja, fi Spanja, fi Franza u fl-Italja, ġew issekwestrati assi fl-Italja u saret intervista ma' wieħed mis-suspettati fl-Iżvizzera.

L-Eurojust kellha rwol ewlieni fl-appoġġ għall-koordinazzjoni tal-operazzjonijiet konġunti internazzjonali u biex tiżgura t-trażmissjoni f'waqtha u l-eżekuzzjoni tal-LoRs kif ukoll l-iskambju rapidu fost l-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi kollha involuti tal-informazzjoni operattiva diretta miġbura fuq il-post. Il-koordinazzjoni waqt dawn l-azzjonijiet ippermettiet li tinżamm evidenza siewja u evitat li l-investigazzjonijiet jiġu kompromessi.

F'dan l-istadju, l-ebda waħda mill-persuni ssuspettati ma tqiegħdet taħt arrest preventiv u għadha tapplika l-preżunzjoni ta' innoċenza.

### Il-punti ta' kuntatt tal-Eurojust fl-Istati terzi

Biex ittejjeb u tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri u tal-Istati terzi, l-Eurojust taħdem b'mod kontinwu sabiex testendi n-netwerk dinji tagħha ta' punti ta' kuntatt ġudizzjarji fi Stati terzi. Ġie stabbilit punt ta' kuntatt ġdid fin-Niġer, li jwassal għal 42 Stat terz li issa għandhom stabbiliti punti ta' kuntatt tal-Eurojust. L-Eurojust taħdem b'mod attiv għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi tar-reġjun tal-Lvant Nofsani u tal-Afrika ta' Fuq (MENA) u tistedinhom ukoll sabiex jaħtru punt ta' kuntatt għall-Eurojust għal kwistjonijiet ta' kontra t-terroriżmu.

### Il-Maġistrati ta' Kollegament tal-Eurojust stazzjonati fi Stati terzi

Fl-2017, il-Kulleġġ adotta d-Deċiżjoni dwar l-implimentazzjoni ta' arranġamenti għall-Maġistrati ta' Kollegament tal-Eurojust stazzjonati fi Stati terzi. Id-Deċiżjoni timplimenta l-Artikoli 26a u 27a tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Eurojust, u permezz tagħhom tipprovdi l-qafas legali meħtieġ għall-Eurojust biex tkun tista' tistazzjona dawn il-Maġistrati ta' Kollegament. Hija

tistabbilixxi fost oħrajn, il-proċeduri u l-kriterji tal-għażla, u l-klassifikazzjoni u t-termini tal-kuntratti u tal-kompiti.

## Ittra ta' Fehim bejn l-Eurojust u l-EEAS

F'Ottubru ġiet iffirmata Ittra ta' Fehim dwar il-Kooperazzjoni bejn l-Eurojust u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna. L-ittra tipprovdi l-qafas għall-iskambju regolari ta' informazzjoni u esperjenza mhux operattiva, b'mod partikolari fl-oqsma tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, iċ-ċiberkriminalità, it-traffikar tal-migranti u t-THB. L-EEAS se jappoġġja lill-Eurojust fl-impenn tagħha mal-Istati terzi u se jibni fuq l-għarfien tal-Eurojust.



*Top ten third States involved in Eurojust casework*




| General information | Total |
|---|---|
| Total number of cases involving third States | 258 |
| Number of different third States involved in cases | 48 |

*Third States, cooperation partners and international organisations involved in Eurojust casework*



# Il-Prosekutur ta' Kollegament għan-Norveġja taħt il-lenti

*Mit-tramuntana taċ-Ċirku Artiku għall-The Hague – l-esperjenzi tiegħek*

"Ilni l-Prosekutur ta' Kollegament għan-Norveġja fl-Eurojust minn Settembru 2016. In-Norveġja ffirmat ftehim mal-Eurojust fl-2005, l-ewwel Stat terz li għamel dan. Huwa pjaċir għalija li naħdem fl-Eurojust minħabba diskussjonijiet produttivi, l-impenn tal-kollegi u ħafna kooperazzjoni. Inħossni privileġġjata li jien parti mill-familja tal-Eurojust.

L-għarfien tan-Norveġja dwar l-Eurojust żdied b'mod konsiderevoli, kif jindika l-ammont ta' każijiet: ftaħna 50 każ fl-2015, 65 fl-2016 u 78 fl-2017. Meta nkellem lil kollegi Norveġiżi, ngħinhom jifhmu liema każijiet jistgħu jibbenefikaw mill-assistenza offruta mill-Eurojust. Bħala rappreżentanta ta' Stat terz, il-Prosekutur ta' Kollegament għan-Norveġja tista' torganizza laqgħat ta' koordinazzjoni għall-każijiet tagħha stess. L-awtoritajiet Norveġiżi jiġu mistiedna wkoll b'mod regolari biex jattendu għal-laqgħat ta' koordinazzjoni organizzati mill-Uffiċċji Nazzjonali tal-Eurojust. In-Norveġja użat JITs bħala għodda f'10 każijiet matul is-snin, u rċeviet finanzjament mingħand l-Eurojust. Għall-ewwel darba fl-2017, in-Norveġja bdiet ukoll żewġ ftehimiet ta' JITs.

In-Norveġja hija pajjiż tal-EEC u ta' Schengen, u implimentajna t-Trattat tas-sena 2000 dwar l-MLA, li juri l-konnessjoni mill-qrib tagħna mal-Unjoni Ewropea u l-kapaċità tagħna li nirrikonoxxu talbiet mill-Istati Membri tal-UE. In-Norveġja ffirmat ukoll ftehim ta' konsenja mal-Unjoni Ewropea, iżda dan għadu ma daħalx fis-seħħ.

**Il-każ Norveġiż ta' abbuż sesswali online**

Fl-10 ta' Awwissu, l-awtoritajiet nazzjonali tiegħi bagħtuli talba ta' MLA rigward il-passi investigattivi meħtieġa fir-Rumanija. Dan il-każ kien urġenti minħabba allegat abbuż sesswali online kontinwu ta' tfal, imwettaq minn ġenitur. L-ewwel passi importanti kienu l-istabbiliment ta' kuntatt dirett mal-awtoritajiet ta' eżekuzzjoni fir-Rumanija u l-ifformular ta' pjan dettaljat għall-fażi inizjali tal-investigazzjoni.

L-ewwel laqgħa ta' koordinazzjoni saret fi żmien tliet ġimgħat. In-Norveġja ppreżentat is-sejbiet tagħha u d-delegazzjoni Rumena ddikjarat li kienu mmotivati ħafna li jibdew l-investigazzjoni tagħhom stess tal-persuna suspettata, li kienet qed tgħix fir-Rumanija. Fl-14 ta' Settembru ġiet iffirmata JIT u kellna t-tieni laqgħa ta' koordinazzjoni tagħna fir-Rumanija fl-20 ta' Settembru. Il-persuna suspettata kienet arrestata l-għada u t-tifel/tifla tiegħu ttieħed/ittieħdet taħt kura. Dan ir-riżultat ferm tajjeb inkiseb sitt ġimgħat biss wara li rċevejt it-talba ta' MLA fl-Eurojust. Il-kooperazzjoni rapida u eċċellenti bejn l-Uffiċċji Rumen u Norveġiż fl-Eurojust kienet kruċjali. L-għan ewlieni tagħna kien is-sigurtà tat-tifel/tifla. Il-pass li jmiss kien li niżguraw/niksbu evidenza ammissibbli fiż-żewġ pajjiżi peress li kienu se jsiru żewġ proċessi: proċess fin-Norveġja kontra x-xerrej tas-servizzi, u wieħed fir-Rumanija kontra l-bejjiegħ tas-servizzi.

Waħda mill-aktar kwistjonijiet importanti fl-investigazzjoni kienet il-kisba ta' dikjarazzjonijiet tax-xhieda mill-vittmi tfal. In-Norveġja għandha mudell ġdid u uniku għas-seduti ta' smigħ tat-tfal bħala vittmi/xhieda. It-tifel jew it-tifla, jiġu mistiedna mal-ġenituri jew mat-tutur, f'faċilità sigura (magħrufa bħala "Dar tat-Tfal"). Investigatur imħarreġ apposta jieħu l-evidenza b'mod newtrali u trasparenti, bl-investigatur u t-tifel jew it-tifla biss ikunu preżenti. L-avukat tal-

vittma u l-avukat difensur ikunu f'kamra separata. L-avukat difensur jista' jagħmel mistoqsijiet oħrajn lill-investigatur waqt il-pawżi, u l-investigatur jista' mbagħad jistaqsihom lill-vittma. Id-dikjarazzjoni rreġistrata bil-vidjow imbagħad tintuża bħala evidenza ammissibbli fil-qorti."

# Kapitolu 5 L-Eurojust u n-netwerks tal-prattikanti

Is-Segretarjati tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew (EJN), in-Netwerk ta' Esperti Nazzjonali dwar l-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunti (Netwerk tal-JITs) u n-Netwerk għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitt tal-ġenoċidju, delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra (Netwerk għall-Ġenoċidji) huma ospitati mill-Eurojust u jagħmlu użu mir-riżorsi tagħha. Il-membri tagħhom huma parti mill-persunal tal-Eurojust. Is-Segretarjati joffru servizzi lin-Netwerks u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni mal-Kulleġġ u mal-Uffiċċji Nazzjonali fl-oqsma ta' azzjoni komuni tagħhom. L-Eurojust tipprovdi wkoll appoġġ legali, amministrattiv u finanzjarju lin-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew kontra ċ-Ċiberkriminalità (EJCN) u lill-Forum Konsultattiv tal-Prosekuturi Ġenerali u d-Diretturi tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (Forum Konsultattiv).

## 5.1 In-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew (EJN)

L-EJN huwa netwerk ta' punti ta' kuntatt nazzjonali maħtura mill-Istati Membri tal-UE sabiex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali. Il-punti ta' kuntatt tal-EJN jgħinu lill-prattikanti b'pariri prattiċi u legali u billi jistabbilixxu kuntatti diretti bEJNEIO l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Is-Segretarjat tal-EJN twaqqaf fl-2003 fl-Eurojust.

**Laqgħat** Il-laqgħat plenarji tal-EJN saru f'Malta u f'Tallinn u ffukaw b'mod speċjali fuq l-applikazzjoni prattika tal-EIO u tal-EAW. Il-punti ta' kuntatt tal-EJN ddiskutew l-ewwel esperjenzi tagħhom fl-Istati Membri fl-użu tal-EIO sabiex jiksbu u jiskambjaw evidenza. Rigward il-EAW, il-punti ta' kuntatt tal-EJN iddiskutew il-konsegwenzi ta' xi sentenzi reċenti tal-QtĠ-UE, eż. dwar il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni. Il-konklużjonijiet ta' dawn il-laqgħat huma disponibbli fuq is-sit web tal-EJN.

Il-Ġermanja, il-Latvja, in-Netherlands, il-Polonja, is-Slovenja u l-Finlandja organizzaw laqgħat reġjonali tal-EJN. F'dawn il-laqgħat, il-punti ta' kuntatt tal-EJN kellhom l-opportunità li jiskambjaw esperjenzi f'oqsma bħall-EIO, l-aċċess għal avukat, u l-iffriżar u l-konfiska. Il-laqgħat nazzjonali tal-EJN kienu organizzati mill-Belġju u l-Litwanja. Il-punti ta' kuntatt tal-EJN u prattikanti ta' grad għoli attendew dawn il-laqgħat.

**Il-kooperazzjoni mal-Eurojust** L-EJN u l-Eurojust ħadmu flimkien fuq l-introduzzjoni tal-EIO fl-Istati Membri. *Nota dwar it-tifsira ta' "dispożizzjonijiet korrispondenti" u s-sistema legali applikabbli f'każ ta' dewmien fit-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar il-EIO* kienet magħmula disponibbli lill-prattikanti u ppubblikata bħala l-Anness II tad-Dok. tal-Kunsill 9936/17. F'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni u mal-EJCN, ġew imfassla linji gwida dwar kif timtela EIO u kif tintuża biex tinkiseb evidenza elettronika.

L-EJN u l-Eurojust komplew jimplimentaw il-pjanijiet ta' azzjoni dwar is-Sitt Sessjoni ta' Evalwazzjonijiet Reċiproċi fl-Istati Membri u aġġornaw id-dokument konġunt, *"X'nistgħu nagħmlu għalik?" Assistenza fil-Kooperazzjoni Internazzjonali fi Kwistjonijiet Kriminali għall-Prattikanti: L-EJN u l-Eurojust,"*. Dan id-dokument konġunt jinforma lill-prattikanti ġudizzjarji fl-

Istati Membri dwar l-assistenza li tista' tingħata mill-EJN u mill-Eurojust. Id-dokument jiċċara wkoll jekk wieħed għandux jindirizza rikjesta għall-assistenza lill-EJN jew lill-Eurojust.

**Is-sit web tal-EJN** Il-proġett ewlieni għas-sit web din is-sena kien l-iżvilupp ta' verżjoni ġdida tal-Librerija Ġudizzjarja. Din il-verżjoni ġdida tippermetti lill-utenti jsibu dokumenti, bħal strumenti legali tal-UE, b'mod aktar faċli. Fl-1 ta' Jannar, ġiet introdotta l-għodda ta' rapportar tal-punti ta' kuntatt tal-EJN. B'din l-għodda l-ġdida, il-punti ta' kuntatt tal-EJN, għandhom mod faċli kif jirreġistraw l-attivitajiet tagħhom, in-numru ta' każijiet, eċċ. Inħoloq qasam ġdid tal-EIO sabiex jingħata aċċess faċli għall-informazzjoni kollha dwar il-EIO fuq is-sit web. Karatteristika ġdida oħra tipprovdi d-dettalji ta' kuntatt tal-membri tal-EJCN lill-punti ta' kuntatt tal-EJN f'żona ristretta tas-sit web tal-EJN.

## 5.2 Netwerk tal-JITs

In-Netwerk tal-JITs huwa netwerk ta' punti ta' kuntatt tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji nazzjonali, li ġie stabbilit sabiex jistimula l-użu ta' JITs u jrawwem l-iskambju ta' informazzjoni u l-aqwa prattika. Is-Segretarjat tiegħu twaqqaf fl-2011. Is-Segretarjat ilu mill-2013 imexxi l-programm ta' għotjiet stabbilit mill-Eurojust sabiex jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju għall-attivitajiet tal-JIT.

**Laqgħa annwali** It-13-il laqgħa annwali tal-Esperti Nazzjonali dwar il-JITs saret f'Mejju. L-esperti ddiskutew, fost suġġetti oħrajn, l-aħħar żviluppi fil-JITs, inklużi l-ewwel esperjenzi mal-Istati Uniti u mal-Iżvizzera.

Wara diskussjonijiet f'sessjonijiet ta' ħidma paralleli, il-parteċipanti qablu dwar il-ħtieġa li jimmodernizzaw il-qafas tan-Netwerk tal-JITs u talbu lis-Segretarjat jipproponi linji gwida li jissupplimentaw id-Dokument tal-Kunsill li fuq il-bażi tiegħu għadu jopera n-Netwerk. L-esperti tal-JITs ikkunsidraw ukoll modi possibbli kif itejbu l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-imsieħba fil-JITs u appoġġjaw l-idea ta' ambjent operattiv kollaborattiv, li għandu jiġi studjat aktar f'kooperazzjoni fost in-Netwerk, l-Eurojust u l-Europol. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill huma disponibbli fuq is-sit web tal-Eurojust.

**Proġetti** Is-Segretarjat kompla jappoġġja l-laqgħat ta' evalwazzjoni u jiġbor formoli ta' evalwazzjoni tal-JIT mimlija mill-awtoritajiet nazzjonali, fid-dawl tal-pubblikazzjoni tat-tieni edizzjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni tal-JIT. Il-proġett sar f'kooperazzjoni mal-Eurojust, u jinkludi żviluppi relatati mal-esperjenza tal-Eurojust f'dan il-qasam.

Bħala komplement għall-proġett ta' evalwazzjoni tal-JIT, inbeda proġett ġdid biex tinġabar u tiġi analizzata l-każistika relatata mal-JIT. Il-proġett huwa mistenni li jżid l-għarfien fost il-prattikanti dwar kwistjonijiet legali u sfidi li jiltaqgħu magħhom il-qrati nazzjonali b'rabta mal-JITs, u jippermettilhom jantiċipaw u jindirizzaw dawn l-isfidi fuq livell nazzjonali. Il-proġett għandu jikkontribwixxi wkoll biex jiżdied il-fehim dwar is-sistemi legali nazzjonali u jħeġġeġ lill-imħallfin jinvolvu ruħhom aktar f'dan il-qasam. L-informazzjoni nġabret fl-2017, u l-analiżi se ssir fl-2018.

## 5.3 Netwerk għall-Ġenoċidji

In-Netwerk għall-Ġenoċidji jiżgura kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet nazzjonali fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tad-delitt tal-ġenoċidju, delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra

permezz tal-iskambju ta' informazzjoni operattiva, l-aqwa prattika u esperjenza. Huwa netwerk ta' prattikanti magħmul minn investigaturi, prosekuturi u uffiċjali tal-MLA. Is-Segretarjat tiegħu twaqqaf f'Lulju 2011.

**Laqgħat** Żewġ laqgħat plenarji li saru fl-Eurojust iffukaw, rispettivament, fuq ir-rispons tal-aġenziji tal-UE għall-fluss tal-immigrazzjoni u l-identifikazzjoni konsegwenti tal-individwi bħala vittmi, xhieda u awturi ta' reati internazzjonali ewlenin, u dwar il-kooperazzjoni effettiva bejn l-Organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) u l-awtoritajiet nazzjonali. It-tieni laqgħa indirizzat il-metodoloġiji ta' dokumentazzjoni, il-benefiċċji u r-riskju ta' kollaborazzjoni u l-possibbiltajiet ta' appoġġ lill-ħidma reċiproka fil-promozzjoni, fl-involviment u fl-appoġġ lill-vittmi. Il-konklużjonijiet tat-22 u tat-23 laqgħa huma disponibbli fuq is-sit web tal-Eurojust.

**It-Tieni Jum tal-UE kontra l-Impunità** It-Tieni Jum tal-UE kontra l-Impunità ġie organizzat fi Brussell fit-23 ta' Mejju mill-Presidenza Maltija, min-Netwerk għall-Ġenoċidji, mill-Eurojust u mill-Kummissjoni. L-għan tal-avveniment annwali huwa li jqajjem kuxjenza dwar l-aktar reati faħxija, jippromwovi l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet nazzjonali, jindirizza l-pożizzjoni u l-parteċipazzjoni tal-vittmi fi proċedimenti kriminali. L-eżitu ġie ppubblikat bħala d-dokument tal-Kunsill 9932/17.

**Proġetti** Is-Segretarjat ħejja tliet sommarji għall-prattikanti: (i) dwar l-użu ta' informazzjoni minn sors miftuħ (b'mod partikolari mill-midja soċjali) għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati ta' gwerra relatati mal-kunflitt fis-Sirja u fl-Iraq u kompendju ta' każistika korrispondenti mill-ġurisdizzjonijiet domestiċi; (ii) dwar il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem b'rabta mal-Ġenoċidju, mar-reati kontra l-umanità u r-reati ta' gwerra; u (iii) dwar l-ikkunsidrar kontestwali tal-vjolenza sesswali u sessista mwettqa mill-ISIL bħala ġenoċidju, reati kontra l-umanità u reati ta' gwerra b'referenza għal ġurisprudenza internazzjonali eżistenti.

## 5.4 Netwerk Ġudizzjarju Ewropew kontra ċ-Ċiberkriminalità (EJCN)

L-EJCN ġie mwaqqaf fl-2016 sabiex irawwem kuntatti bejn il-prattikanti speċjalizzati fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità, il-kriminalità bl-użu tal-internet u l-investigazzjonijiet fiċ-ċiberspazju, u sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tal-każijiet.

F'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2016, l-Eurojust tappoġġja lin-netwerk u tiżgura kooperazzjoni mill-qrib. Fost l-oħrajn, l-Eurojust tipparteċipa fil-Bord tal-EJCN, tospita l-laqgħat regolari tan-Netwerk, tappoġġja l-iskambju ta' informazzjoni u tikkonsulta lin-Netwerk dwar l-iżvilupp tal-ħidma fuq il-politika u attivitajiet oħrajn tal-partijiet ikkonċernati sabiex tiżgura interazzjoni b'saħħitha bejn l-għarfien espert tal-Eurojust fil-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali u l-għarfien espert operattiv u dwar is-suġġett tal-membri tal-EJCN.

**Laqgħat** Saru żewġ laqgħat plenarji fl-Eurojust. Fl-ewwel laqgħa, ġie adottat il-programm ta' ħidma għall-2017-2018. Il-prijoritajiet definiti fih huma l-evidenza elettronika, il-kriptaġġ, iż-żamma ta' data u kwistjonijiet emerġenti. Barra minn hekk, fl-ewwel laqgħa ġiet ippreżentata Operation Avalanche. Waqt it-tieni laqgħa, ġew diskussi kwistjonijiet rilevanti dwar il-muniti virtwali u l-investigazzjonijiet tad-Darkweb. Ġew skambjati wkoll esperjenzi prattiċi, *in casu* permezz ta' preżentazzjoni tal-investigazzjoni kriminali li wasslet għaż-żarmar tas-suq illeċitu Hansa Market fuq id-Darkweb fl-20 ta' Lulju 2017.

***Proġetti*** L-Eurojust u l-EJCN organizzaw flimkien u pparteċipaw f'sessjoni ta' ħidma dwar il-kriptaġġ (*ara* t-Taqsima 3.1). Barra minn hekk, l-EJCN ikkontribwixxa għar-rapporti tal-Eurojust dwar iż-żamma ta' data u l-investigazzjonijiet sigrieti online, permezz ta' kwestjonarji (*ara* t-Taqsimiet 2.2 u 3.2).

## 5.5 Forum Konsultattiv

Il-Forum Konsultattiv ġie stabbilit fl-2010 sabiex isaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri, kif ukoll sabiex jipprovdi kontribut mill-ġudikatura lill-istituzzjonijiet tal-UE għall-iżvilupp tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja tal-UE. F'Ottubru, il-Kulleġġ adotta politika dwar arranġamenti prattiċi għall-appoġġ tal-Eurojust fl-organizzazzjoni tal-laqgħat tal-Forum Konsultattiv, bl-għan li jiġu kkonsolidati prattiki ta' appoġġ attwali u tingħata gwida lil dawk involuti fl-organizzazzjoni tal-laqgħat.

**Laqgħa konġunta** It-12-il laqgħa konġunta tal-Forum Konsultattiv saret f'Ottubru u tlaqqgħet b'mod konġunt mill-Prosekutur Ġenerali tal-Estonja u l-Avukat Ġenerali ta' Malta. Il-laqgħa ffukat fuq l-użu ta' għodod diġitali fil-proċedimenti kriminali, it-traffikar tal-migranti u l-iżviluppi tal-Eurojust f'oqsma ta' prijorità ewlenin.

**L-użu ta' għodod diġitali fil-proċedimenti kriminali** Bi tħejjija għal din id-diskussjoni, l-Istati Membri ntalbu jindikaw sa liema punt attwalment jippermettu t-trażmissjoni diġitali tat-talbiet ta' MLA u EIO. L-eżitu ta' dan il-kwestjonarju wera stampa varjata. Il-maġġoranza tal-Istati Membri jaċċettaw talbiet bil-fax u/jew bil-posta elettronika, xi drabi b'rekwiżiti addizzjonali, iżda f'sitt Stati Membri t-talba oriġinali xorta waħda trid tintbagħat sussegwentement bil-posta. Wara ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati tal-kwestjonarju, l-awtoritajiet Estonjani qasmu l-esperjenza tagħhom bil-firem elettroniċi u l-iskambju ta' informazzjoni diġitali fil-proċedimenti kriminali, li jagħmlu l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet aktar rapidi u aktar effettivi. Għalkemm l-Istati Membri għamlu progress konsiderevoli f'dan il-qasam, il-membri tal-Forum qablu dwar il-ħtieġa li dan il-proċess ta' modernizzazzjoni jiġi estiż għall-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera.

**Rispons ġudizzjarju għat-traffikar tal-migranti** Il-membri tal-Forum skambjaw opinjonijiet dwar l-eżitu tal-laqgħa tal-Eurojust ta' Ġunju 2017 dwar it-traffikar tal-migranti, ko-organizzata mill-Presidenza ta' Malta u dik tal-Estonja f'kooperazzjoni mal-Eurojust, u approvaw il-konklużjonijiet tagħha. Ġiet rikonoxxuta b'mod ġenerali l-ħtieġa li r-rispons ġuridiku jitfassal skont il-*modus operandi* tan-netwerks ta' traffikar u skont it-tibdil fir-rotot migratorji. It-titjib fil-kooperazzjoni mal-Istati terzi tal-oriġini u ta' tranżitu huwa meqjus essenzjali, bħalma huwa l-iżgurar li l-informazzjoni miġbura mill-atturi tal-UE li joperaw fi Stati terzi tista' tinbidel f'evidenza ammissibbli waqt il-proċessi. L-awtoritajiet nazzjonali ġew imħeġġa jirreferu aktar każijiet lill-Eurojust u biex jagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja diġà disponibbli, fosthom il-JITs.

**Żviluppi f'oqsma ta' prijorità ewlenin u ħarsa ġenerali istituzzjonali** L-Eurojust iddeskriviet l-aħħar żviluppi f'oqsma kriminali ta' prijorità: it-terroriżmu, iċ-ċiberkriminalità, it-THB u t-traffikar tal-migranti. Partikolarment impressjonanti hija ż-żieda fin-numru ta' każijiet ta' terroriżmu u ta' THB li għalihom intalab l-appoġġ tal-Eurojust. Il-parteċipanti ġew infurmati wkoll dwar l-iżviluppi organizzattivi reċenti, u ġew assigurati li l-Eurojust se tkompli toffri pariri esperti u mfassla apposta f'każijiet ta' reati transfruntiera kumplessi.

Il-konklużjonijiet tal-laqgħa huma disponibbli fuq is-sit web tal-Eurojust.

Is-Sinjura Lavly Perling, Prosekutur Ġenerali tal-Estonja, u Dr Peter Grech, l-Avukat Ġenerali ta' Malta, iddikjaraw:

> *"Din il-laqgħa hija riflessjoni tajba ta' kif il-Forum Konsultattiv jlaqqa' flimkien lis-servizzi tal-prosekuzzjoni pubblika minn kull parti tal-Ewropa: titlaqqa' b'mod konġunt minn Stat Membru tal-Grigal u tan-Nofsinhar tal-Ewropa, filwaqt li tiġi ospitata mill-Eurojust fil-Punent. Meta ngħaqqdu l-forzi lil hinn mill-fruntieri nazzjonali, nistgħu negħlbu l-fruntieri legali għal prosekuzzjonijiet ta' suċċess u nikkontribwixxu għal Ewropa aktar sigura."*

# Kapitolu 6 Persunal u baġit

**Persunal** Fi tmiem l-2017, l-Eurojust kellha 332 impjegat, inklużi 76 Membru Nazzjonali, Deputati u Assistenti, 202 Aġenti Temporanji, 21 Aġent Kuntrattwali, 17-il Espert Nazzjonali Ssekondat u 16-il internat.

L-Eurojust kellha 208 kariga ta' Aġent Temporanju awtorizzati fl-2017. Oriġinarjament il-Kummissjoni pproponiet tnaqqis ta' ħames karigi fil-pjan ta' stabbiliment tal-2017. Madankollu, l-Awtorità tal-Baġit allokat 10 karigi addizzjonali, li ġab in-numru ta' karigi awtorizzati ta' Aġent Temporanju għal 208, żieda netta ta' ħames karigi meta mqabbla mal-pjan ta' stabbiliment tal-2016. Il-karigi l-ġodda, allokati għall-ħidma operattiva, imtlew sa tmiem l-2017.

**Baġit** Il-baġit inizjali tal-Eurojust għall-2017 kien ivvutat għal EUR 48 379 237, u kien jinkludi l-ammont delimitat ta' EUR 11 130 000 għall-proġett tal-bini l-ġdid. Dan il-baġit kien disa' fil-mija aktar baxx minn dak oriġinarjament mitlub mill-Eurojust. Minħabba din il-limitazzjoni baġitarja u sabiex jiġu żgurati l-forniment tal-ħidma operattiva tagħna xprunata mid-domanda u l-abbiltà li nissodisfaw l-obbligi legali tagħna, l-Eurojust neħħiet il-prijorità ta' attivitajiet li mhumiex relatati mal-każijiet, l-aktar fosthom il-proġetti amministrattivi/organizzattivi tal-ICT.

Matul l-2017, l-Eurojust iffaċċjat żieda sinifikanti fid-domanda mill-Istati Membri għall-iffinanzjar b'għotjiet għall-JITs, u rnexxielha tiżgura krediti addizzjonali li jammontaw għal EUR 310 000 mingħand il-Kummissjoni. Għalhekk, l-Eurojust setgħet tadotta baġit emendatorju ta' EUR 48 689 237 f'Settembru, u appoġġjat għadd akbar ta' benefiċjarji ta' għotjiet għall-JITs milli fis-snin preċedenti.

Bil-posponiment tal-konsenja tal-bini l-ġdid u l-bilanċ pożittiv li rriżulta mill-proġett tal-bini l-ġdid, ittaffiet il-pressjoni baġitarja lejn l-aħħar tas-sena finanzjarja u nkisbet rata ta' eżekuzzjoni tal-baġit ta' 99.97 fil-mija.

**Rapport Annwali tal-Attività Konsolidat** Ir-Rapport Annwali tal-Attività Konsolidat (CAAR) tad-Direttur Amministrattiv jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-kisbiet u l-implimentazzjoni tal-għanijiet u tal-attivitajiet annwali, kif inklużi fil-Programm ta' Ħidma tal-Eurojust. Il-CAAR jagħti dettalji dwar l-użu tar-riżorsi (persunal u baġit) u dwar l-implimentazzjoni tal-kontrolli interni u l-ġestjoni tar-riskju. Il-CAAR u l-Valutazzjoni tal-Kulleġġ tal-Eurojust se jiġu ppreżentati lill-Awtorità tal-Baġit sal-1 ta' Lulju 2018.




HIGH LEVEL ORGANISATION CHART – ADMINISTRATION OF EUROJUST

# Kapitolu 7 Żviluppi organizzattivi u sfidi ewlenin

Klima ta' baġit ristrett u l-pressjoni kontinwa fuq ir-riżorsi limitati tal-Eurojust ħeġġew lill-Eurojust tkompli tottimizza r-riżorsi umani u finanzjarji tagħha.

**Riorganizzazzjoni** F'Jannar inbdiet l-implimentazzjoni ta' struttura organizzattiva ġdida tal-Amministrazzjoni. Ġew stabbiliti tliet entitajiet: id-Dipartiment tal-Operazzjonijiet, id-Dipartiment Korporattiv u d-Dipartiment tar-Riżorsi. Ir-riorganizzazzjoni kisbet dawn il-miri li ġejjin: (i) saħħet l-appoġġ għall-ħidma operattiva tal-Kulleġġ u tal-Uffiċċji Nazzjonali biċ-ċaqliq tar-riżorsi għax-xogħol operattiv; (ii) implimentat kunċett aktar koerenti ta' appoġġ operattiv lill-Uffiċċji Nazzjonali billi introduċiet appoġġ interdixxiplinari/transettorjali għall-ħidma operattiva; (iii) tejbet l-iżvilupp, l-ippjanar u r-rapportar strateġiku; u (iv) tejbet il-komunikazzjoni korporattiva.

**Prijoritizzazzjoni tal-ħidma politika** Mibni fuq il-prijoritizzazzjoni tal-ħidma politika tal-2016, l-eżerċizzju fl-2017 kien ibbażat fuq il-valutazzjoni tal-briefing dwar il-proġetti, bl-użu tax-xogħol tal-Eurojust fuq il-każijiet bħala l-kriterju ewlieni għall-prijoritizzazzjoni. F'Settembru, il-Kulleġġ adotta l-prijoritajiet u r-riżultati relatati għall-2018 u l-2019, kif ukoll metodoloġija ta' prijoritizzazzjoni ġdida f'Diċembru. Il-prinċipji ta' gwida jinkludu:

- approċċ flessibbli għall-allokazzjoni tar-riżorsi;
- proċedura ta' konsultazzjoni esterna biex jitqiesu l-ħtiġijiet tal-prattikanti u tal-partijiet ikkonċernati; u
- proċedura ta' evalwazzjoni għar-riżultati tanġibbli.

**Sottostrutturi tal-Kulleġġ** Il-Kulleġġ iddeċieda li jissimplifika s-sottostrutturi preparatorji tiegħu sabiex itejjeb il-proċessi u l-effettività tat-teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu, biex b'hekk itejjeb l-effiċjenza u jirrazzjonalizza l-użu tar-riżorsi. Il-mudell il-ġdid jiżgura rispons korporattiv ikkoordinat għal kwistjonijiet strateġiċi u ż-żamma ta' għarfien espert u informazzjoni operattivi. L-implimentazzjoni se tibda fit-tieni kwart tal-2018.

**Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet** Is-CMS attwali tal-Eurojust, li ġiet stabbilita fl-2004, qed toqrob lejn it-tmiem tal-ħajja teknoloġika tagħha. Għaldaqstant, l-Eurojust wettqet valutazzjoni teknika u funzjonali tas-CMS fid-dawl tal-ħtiġijiet attwali tal-organizzazzjoni. Din l-analiżi ta' livell għoli tal-funzjonalitajiet eżistenti u t-titjib possibbli se jgħinu biex tittieħed deċiżjoni informata dwar l-opzjonijiet għat-tfassil mill-ġdid tas-CMS. Biex ittejjeb l-appoġġ operattiv, l-Eurojust approvat sett ta' miżuri għal tidħil aktar armonizzat tad-data fost l-Uffiċċji Nazzjonali. Dawn il-miżuri, flimkien ma' reviżjoni akbar tal-kwalità tad-data, se jtejbu l-kwalità tad-data b'appoġġ għall-ħidma operattiva fl-Eurojust u fl-Istati Membri.

L-Eurojust hija mistennija li se jkollha rwol dejjem akbar fil-qasam tal-politika usa' tas-sigurtà u tal-ġustizzja.

**Ir-Regolament il-ġdid dwar l-Eurojust** Ir-Regolament se jissimplifika l-funzjoni u l-istruttura tal-Eurojust. Bord Eżekuttiv, li se jinkludi membru tal-Kummissjoni, se jassisti lill-Kulleġġ fil-kompiti amministrattivi tiegħu. Mill-perspettiva ta'

protezzjoni tad-data, is-superviżjoni attwali mill-Korp Konġunt ta' Sorveljanza tal-Eurojust se tgħaddi f'idejn il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. L-impatt possibbli fuq is-sistema ta' protezzjoni tad-data b'rabta mar-riformulazzjoni tar-Regolament 45/2001 jista' jaffettwa l-funzjonament tal-Eurojust b'mod konsiderevoli. Ir-Regolament dwar l-Eurojust u r-riformulazzjoni tar-Regolament 45/2001 għandhom iwasslu għal riżultat li ma joħloqx ostakoli għall-ħidma operattiva tal-Eurojust, li joffri ċertezza tad-dritt u jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tad-data.

**Kooperazzjoni ma' msieħba ewlenin** L-Eurojust u l-EPPO futur se jaħdmu flimkien mill-qrib; għandu jiġi konkluż arranġament ta' xogħol sabiex jirregola d-dettalji prattiċi tal-azzjonijiet tagħhom fil-qasam tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE kif ukoll tal-appoġġ li l-Eurojust tista' tipprovdi lill-EPPO. Ir-Regolament dwar l-Europol għandu jirriżulta f'żieda fil-fluss ta' informazzjoni operattiva u kooperazzjoni msaħħa, inkluż l-istabbiliment ta' regoli u kundizzjonijiet konġunti li abbażi tagħhom l-applikazzjonijiet għall-finanzjament tal-attivitajiet tal-JITs għandhom ikunu pproċessati biex jiġu żgurati ġestjoni finanzjarja tajba u appoġġ effiċjenti lill-awtoritajiet nazzjonali. Ir-Regolament dwar il-Frontex se jtejjeb il-kooperazzjoni, li se tkun irregolata f'arranġament ta' ħidma.

**Il-pakkett tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data** Il-pakkett il-ġdid dwar il-Protezzjoni tad-Data, applikabbli għall-awtoritajiet nazzjonali minn Mejju 2018, se jkollu impatt kbir fuq il-mod kif l-Istati Membri jittrattaw id-data personali fil-qasam tal-infurzar tal-liġi kif ukoll fuq l-Eurojust meta tiskambja informazzjoni mal-Istati Membri.

**L-Istrateġija tal-EU dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni** L-Istrateġiji u l-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-UE jikkontribwixxu għall-istabbiliment tal-prijoritajiet tal-Eurojust u jenfasizzaw il-ħtieġa għal:

- kooperazzjoni ġudizzjarja esposta aktar mill-qrib u koordinazzjoni fil-ġlieda kontra reati transfruntiera serji;
- kondiviżjoni intensifikata tal-informazzjoni; u
- l-aħjar użu possibbli tal-istrumenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja sabiex jiġu ffaċilitati l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet, u finalment il-kundanni tal-kriminali.

**Żviluppi fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali** L-Eurojust tibqa' faċilitatur ewlieni fl-applikazzjoni ta' strumenti bħall-EAW u l-EIO, inklużi l-kompiti fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali, bħall-abbozz tar-Regolament dwar l-ECRIS-TCN u l-abbozz tar-Regolament dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska.

**Kooperazzjoni ma' Stati terzi** F'konformità mal-enfasi strateġika tal-Eurojust fuq it-tisħiħ tal-kooperazzjoni tagħha ma' Stati terzi, in-numru ta' Stati terzi li qed jistazzjonaw Prosekutur ta' Kollegament fl-Eurojust se jkompli jiżdied. Barra minn hekk, ir-relazzjonijiet futuri tal-Eurojust mar-Renju Unit u mad-Danimarka se jinbidlu.

## Strateġija Pluriennali 2019-2021




F'Mejju, l-Eurojust adottat l-Istrateġija Plurieannali (MAS) 2019-2021tagħha. Il-MAS enfasizzat il-ħtieġa li jiġu prodotti aktar riżultati u riżultati mtejba fl-attivitajiet operattivi ewlenin tal-Eurojust billi: (i) jingħata appoġġ lill-Istati Membri (eż. għoti ta' appoġġ rapidu u ta' kwalità u tisħiħ tal-kooperazzjoni operattiva); (ii) għoti ta' pariri bbażati dwar l-esperjenza operattiva (eż. kontribut għall-politika dwar il-ġustizzja kriminali tal-UE u tisħiħ tal-għarfien espert strateġiku); u (iii) titjib fl-effikaċja organizzattiva (eż. jiġu żgurati struttura, proċessi u komunikazzjoni aktar effettivi). Barra minn hekk, l-Eurojust irriformulat il-missjoni tagħha, "Inservu l-ġustizzja bejn il-fruntieri għal Ewropa aktar sigura" u l-viżjoni tagħha, "L-Eurojust hija s-sieħeb ewlieni tal-UE li jressaq lill-kriminali quddiem il-ġustizzja u attur ewlieni fl-iżgurar ta' dinja aktar sigura".